Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2025/0059(COD)

1.12.2025

EMENDI
826 - 1205

Abbozz ta' rapport
Malik Azmani
(PE779.352v01-00)

L-istabbiliment ta' sistema komuni għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin illegalment fl-Unjoni, u t-tħassir tad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/40/KE u tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/191/KE

Proposta għal regolament
(COM(2025)0101 – 2025/0059(COD))

Emenda 826
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. L-Istat Membru tal-infurzar jista' jitlob lill-Frontex tappoġġa l-infurzar tad-deċiżjoni ta' ritorn f'konformità mal-Kapitolu II, it-Taqsima 8, tar-Regolament (UE) 2019/1896. Meta l-infurzar tad-deċiżjoni ta' ritorn ma jkunx appoġġat mill-Frontex, ***u fuq talba tal-Istat Membru tal-infurzar, l-Istat Membru emittenti għandu jikkumpensa lill-Istat*** Membru tal-infurzar ***b'ammont li ma għandux jaqbeż il-kostijiet reali mġarrba mill-Istat Membru tal-infurzar. Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni ta' implimentazzjoni biex tiddetermina l-kriterji xierqa għad-determinazzjoni tal-ammont u l-arranġamenti prattiċi għall-kumpens. Dak l-att ta' implimentazzjoni*** għandu jiġi ***adottat*** f'konformità ***mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 49(2)***.	9. L-Istat Membru tal-infurzar jista' jitlob lill-Frontex tappoġġa l-infurzar tad-deċiżjoni ta' ritorn f'konformità mal-Kapitolu II, it-Taqsima 8, tar-Regolament (UE) 2019/1896. Meta l-infurzar tad-deċiżjoni ta' ritorn ma jkunx appoġġat mill-Frontex, ***l-Istat*** Membru tal-infurzar ***għandu jiġi kkumpensat b'mod adegwat mill-fondi tal-Unjoni*** f'konformità ***mal-Artikolu 9a***.

Or. en

Emenda 827
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Ana Miguel Pedro, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. L-Istat Membru tal-infurzar jista' jitlob lill-Frontex tappoġġa l-infurzar tad-deċiżjoni ta' ritorn f'konformità mal-Kapitolu II, it-Taqsima 8, tar-Regolament (UE) 2019/1896. Meta l-infurzar tad-deċiżjoni ta' ritorn ma jkunx appoġġat	9. L-Istat Membru tal-infurzar jista' jitlob lill-Frontex tappoġġa l-infurzar tad-deċiżjoni ta' ritorn f'konformità mal-Kapitolu II, it-Taqsima 8, tar-Regolament (UE) 2019/1896. Meta l-infurzar tad-deċiżjoni ta' ritorn ma jkunx appoġġat

mill-Frontex, u fuq talba tal-Istat Membru tal-infurzar, l-Istat Membru emittenti għandu jikkumpensa lill-Istat Membru tal-infurzar b'ammont li ma għandux jaqbeż il-kostijiet reali mġarrba mill-Istat Membru tal-infurzar. Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni ta' implimentazzjoni biex tiddetermina l-kriterji xierqa għad-determinazzjoni tal-ammont u l-arranġamenti prattiċi għall-kumpens. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 49(2).

mill-Frontex, u fuq talba tal-Istat Membru tal-infurzar, l-Istat Membru emittenti għandu jikkumpensa lill-Istat Membru tal-infurzar b'ammont li ma għandux jaqbeż il-kostijiet reali mġarrba mill-Istat Membru tal-infurzar. ***Skont iċ-ċirkostanzi individwali u f'konformità mad-dritt nazzjonali, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat jista' jintalab iħallas parti mill-kostijiet jew il-kostijiet kollha relatati mal-infurzar tad-deċiżjoni ta' ritorn.*** Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni ta' implimentazzjoni biex tiddetermina l-kriterji xierqa għad-determinazzjoni tal-ammont u l-arranġamenti prattiċi għall-kumpens. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 49(2).

Or. en

Emenda 828
Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. L-Istat Membru tal-infurzar jista' jitlob lill-Frontex tappoġġa l-infurzar tad-deċiżjoni ta' ritorn f'konformità mal-Kapitolu II, it-Taqsima 8, tar-Regolament (UE) 2019/1896. Meta l-infurzar tad-deċiżjoni ta' ritorn ma jkunx appoġġat mill-Frontex, u fuq talba tal-Istat Membru tal-infurzar, l-Istat Membru emittenti għandu jikkumpensa lill-Istat Membru tal-infurzar b'ammont ***li ma għandux jaqbeż il-kostijiet reali mġarrba mill-Istat*** Membru ***tal-infurzar***. Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni ta' implimentazzjoni biex tiddetermina l-kriterji xierqa għad-determinazzjoni tal-ammont u l-arranġamenti prattiċi għall-kumpens. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-	9. L-Istat Membru tal-infurzar jista' jitlob lill-Frontex tappoġġa l-infurzar tad-deċiżjoni ta' ritorn f'konformità mal-Kapitolu II, it-Taqsima 8, tar-Regolament (UE) 2019/1896. Meta l-infurzar tad-deċiżjoni ta' ritorn ma jkunx appoġġat mill-Frontex, u fuq talba tal-Istat Membru tal-infurzar, l-Istat Membru emittenti għandu jikkumpensa lill-Istat Membru tal-infurzar b'ammont ***meta jkun stabbilit li l-Istat*** Membru ***li jkun ħareġ id-deċiżjoni ta' ritorn uża ħażin b'mod sistematiku jew intenzjonat il-mekkaniżmu ta' ritorn, li jirriżulta f'piż finanzjarju mhux ġustifikat u sproporzjonat fuq Stat Membru ieħor***. Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni ta' implimentazzjoni biex tiddetermina l-kriterji xierqa għad-determinazzjoni tal-

proċedura msemmija fl-Artikolu 49(2).

ammont u l-arranġamenti prattiċi għall-kumpens. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 49(2).

Or. hr

Emenda 829
Ana Miguel Pedro

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	9a. Tliet snin wara l-pubblikazzjoni skont il-paragrafu 3, il-Kummissjoni għandha tirriežamina l-effettività ta' dan l-Artikolu u għandha, meta jkun xieraq, tipproponi kwalunkwe emenda mmirata biex tiżgura ritorni effettivi.

Or. en

Emenda 830
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	9a. Sitt snin wara l-pubblikazzjoni skont il-paragrafu 3, il-Kummissjoni għandha tirriežamina l-effettività ta' dan l-Artikolu u għandha, meta jkun xieraq, tipproponi kwalunkwe emenda mmirata biex jiġu żgurati ritorni effettivi.

Or. en

Emenda 831

Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan it-tħassir huwa għall-konsistenza mal-bidliet li saru fil-paragrafu 2.

Emenda 832
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. Id-deċiżjoni ***tal-Kummissjoni msemmija*** fil-paragrafu 2 għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.	10. Id-deċiżjoni ***tal-Kunsill imsemmija*** fil-paragrafu 2 għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Or. en

Emenda 833
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 9a
	Mekkaniżmu ta' kumpens

1. Il-kostijiet imġarrba mill-Istati Membri relatati mar-ritorn, it-tneħħija u d-detenzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment għandhom jiġu kkumpensati permezz ta' mekkaniżmu ta' finanzjament iddedikat tal-Unjoni.

2. L-Istati Membri jistgħu japplikaw għal kumpens għal:

(a) il-kostijiet relatati mar-ritorn jew it-tneħħija ta' ċittadin ta' pajjiż terz preżenti illegalment, inklużi iżda mhux limitati għall-kostijiet tal-ivvjaġġar u t-trasport, il-kostijiet tas-sigurtà u l-kostijiet amministrattivi;

(b) il-kostijiet relatati mad-detenzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz preżenti illegalment, inklużi iżda mhux limitati għall-akkomodazzjoni u l-kostijiet bażiċi tal-għajxien, il-kostijiet tas-sigurtà u s-superviżjoni, il-kostijiet tal-kura tas-saħħa, il-kostijiet tal-persunal, il-kostijiet operazzjonali, il-kostijiet amministrattivi u l-kostijiet legali;

(c) il-kostijiet relatati mal-akkomodazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz preżenti illegalment, inklużi iżda mhux limitati għall-kostijiet tal-akkomodazzjoni u tal-faċilità, il-kostijiet tal-persunal, il-ħtiġijiet bażiċi, il-kostijiet tal-kura tas-saħħa u l-kostijiet tas-sigurtà;

(d) il-kostijiet relatati mal-implimentazzjoni ta' ftehimiet ma' pajjiżi terzi f'konformità mal-Artikolu 17;

(e) kwalunkwe kost rilevanti u debitament ġustifikat ieħor marbut direttament mal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

3. Il-baġit tal-Unjoni allokat għal dan l-għan għandu jiżgura finanzjament suffiċjenti u prevedibbli biex jappoġġa sistema ta' ritorn effettiva.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kriżi attwali tal-migrazzjoni rriżultat primarjament min-nuqqas tal-UE li timmaniġġja l-migrazzjoni b'mod effettiv. Għalhekk huwa raġonevoli li l-UE għandha terfa' responsabbiltà akbar għall-konsegwenzi li jiffaċċjaw l-Istati Membri. Għal dan l-għan, qed jiġi propost l-istabbiliment ta' fond ta' kumpens, imfassal biex jappoġġa lill-Istati Membri sabiex ikopru l-kostijiet assoċjati mal-migrazzjoni illegali. Il-finanzjament għal fond bħal dan ma għandux ikun ġustifikazzjoni biex l-Unjoni żżid il-baġit globali tagħha. Il-finanzjament ta' dan il-fond għandu jiġi ffinanzjat primarjament permezz tar-riallokazzjoni tal-għajnuna tal-UE lil pajjiżi terzi li ma jikkooperawx dwar ir-riammissjoni. Finanzjament xieraq ieħor ikun jinkludi trasferimenti baġitarji minn prijoritajiet inqas importanti tal-Unjoni, bħall-klima u l-fondi ekoloġiċi, l-amministrazzjoni u l-komunikazzjoni.

Emenda 834
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 9a
	Salvagwardji proċedurali
	1. Meta l-Istat Membru emittenti jaċċetta n-notifika ta' teħid lura, l-Istat Membru tal-infurzar għandu, bil-miktub, jieħu deċiżjoni li jittrasferixxi ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat lejn l-Istat Membru emittenti.
	2. Id-deċiżjoni ta' trasferiment għandha tinkludi informazzjoni dwar il-limiti ta' żmien għat-twettiq tat-trasferiment, u l-obbligu ta' konformità mad-deċiżjoni. Din għandha tiġi nnotifikata liċ-ċittadin ta' pajjiż terz. In-notifika ta' dawn l-elementi tista' tiġi pprovduta f'format standardizzat u tista' tiġi tradotta b'mod awtomatiku, dment li tkun b'lingwa li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jifhem jew jista' jkun raġonevolment prežunt li jifhem.

Or. en

Emenda 835
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 9b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 9b
	Detenzjoni għall-fini ta' trasferiment
	1. L-Istati Membri jistgħu jżommu ċittadin ta' pajjiż terz f'detenzjoni sabiex jiżguraw proċedura ta' trasferiment skont dan il-Kapitolu.
	2. Id-detenzjoni għall-fini ta' trasferiment għandha tkun għal perjodu qasir kemm jista' jkun u għal mhux aktar miż-żmien raġonevolment meħtieġ biex jitlestew il-proċeduri amministrattivi bid-diliġenza dovuta sakemm jitwettaq it-trasferiment. Il-kundizzjonijiet tad-detenzjoni stabbiliti fl-Artikoli 34 u 35 għandhom japplikaw.

Or. en

Emenda 836
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 10	***imħassar***
Ħruġ ta' projbizzjoni fuq id-dħul	
1. Id-deċiżjonijiet ta' ritorn għandhom ikunu akkumpanjati minn projbizzjoni fuq id-dħul meta:	
a. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun soġġett għal tneħħija f'konformità mal-Artikolu 12;	
b. ma jkunx hemm konformità mal-obbligu ta' ritorn fil-limiti ta' żmien	

stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 13;

c. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jippreżenta riskju għas-sigurtà f'konformità mal-Artikolu 16.

2. F'każijiet għajr dawk elenkati fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw jekk deċiżjoni ta' ritorn għandhiex tkun akkumpanjata minn projbizzjoni fuq id-dħul, jew le, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi rilevanti, b'mod partikolari l-livell ta' kooperazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz.

3. Il-projbizzjoni fuq id-dħul għandha tinħareġ bħala parti mid-deċiżjoni ta' ritorn jew separatament bil-miktub. Għandha tiġi notifikata liċ-ċittadin ta' pajjiż terz b'lingwa li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jifhem jew li jista' raġonevolment jiġi preżunt li jifhem.

4. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jimponu projbizzjoni fuq id-dħul mingħajr ma joħorġu deċiżjoni ta' ritorn lil ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qed joqgħod illegalment fit-territorju tal-Istati Membri u li s-soġġorn illegali tiegħu jiġi identifikat b'rabta mal-verifiki fuq il-fruntiera mwettqa mal-ħruġ f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2016/399, fejn ġustifikat abbażi taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali u f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità u d-drittijiet tad-difiża, u jiġi evitat kemm jista' jkun li jiġi pospost it-tluq taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat.

5. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu joqogħdu lura milli joħorġu projbizzjoni fuq id-dħul f'każijiet individwali għal raġunijiet umanitarji jew jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jikkoopera kif xieraq mal-awtoritajiet kompetenti, inkluż billi jirreġistra fi programm ta' ritorn u riintegrazzjoni.

6. It-tul tal-projbizzjoni fuq id-dħul għandu jiġi determinat b'kont dovut taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha tal-każ

individwali għal massimu ta' 10 snin.

7. Id-durata tal-projbizzjoni fuq id-dħul skont il-paragrafu 6 jista' jiġi estiż b'perjodi suċċessivi ta' massimu ta' 5 snin. Din l-estensjoni għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni individwali b'kunsiderazzjoni xierqa għaċ-ċirkostanzi rilevanti kollha u b'mod partikolari kwalunkwe raġuni debitament sostanzjata tal-awtoritajiet kompetenti għaliex huwa meħtieġ li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikompli jiġi pprevenut milli jidħol fit-territorju tal-Istati Membri.

8. Il-perjodu tal-projbizzjoni fuq id-dħul għandu jibda mid-data li fiha ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun telaq mit-territorju tal-Istati Membri.

Or. en

Emenda 837
Cecilia Strada, Marco Tarquinio, Alessandro Zan

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Id-deċiżjonijiet ta' ritorn ***għandhom ikunu*** akkumpanjati minn projbizzjoni fuq id-dħul meta:	1. ***F'konformità mal-prinċipju tal-ħtieġa u tal-proporzjonalità,*** id-deċiżjonijiet ta' ritorn ***jistgħu jkunu*** akkumpanjati minn projbizzjoni fuq id-dħul meta:

Or. en

Emenda 838
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Id-deċiżjonijiet ta' ritorn għandhom ikunu akkumpanjati minn projbizzjoni fuq id-dħul meta:	1. Id-deċiżjonijiet ta' ritorn għandhom ikunu akkumpanjati minn projbizzjoni fuq id-dħul ***b'durata minima ta' 10 snin*** meta:

Or. en

Emenda 839
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Id-deċiżjonijiet ta' ritorn ***għandhom ikunu*** akkumpanjati minn projbizzjoni fuq id-dħul meta:	1. Id-deċiżjonijiet ta' ritorn ***jistgħu jkunu*** akkumpanjati minn projbizzjoni fuq id-dħul ***biss*** meta:

Or. en

Emenda 840
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Id-deċiżjonijiet ta' ritorn għandhom ikunu akkumpanjati minn projbizzjoni fuq id-dħul ***meta:***	1. Id-deċiżjonijiet ta' ritorn għandhom ikunu akkumpanjati minn projbizzjoni fuq id-dħul**.**

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-projbizzjonijiet fuq id-dħul għandhom jaġixxu kemm bħala deterrent għall-migrazzjoni illegali kif ukoll bħala piena xierqa għal ċittadini ta' pajjiżi terzi preżenti illegalment. Għalhekk iridu jiġu applikati għad-deċiżjonijiet kollha ta' ritorn.

Emenda 841

Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun soġġett għal tneħħija f'konformità mal-Artikolu 12;	***imħassar***

Or. en

Emenda 842
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun soġġett għal tneħħija f'konformità mal-Artikolu 12;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Peress li l-użu ta' ritorni furzati huwa msaħħaħ f'dan l-abbozz ta' Regolament, ir-rabta ta' ritorn furzat ma' projbizzjoni awtomatika fuq id-dħul hija inġusta u sproporzjonata.

Emenda 843
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun soġġett għal tneħħija ***f'konformità mal-Artikolu 12***;	a. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun soġġett għal tneħħija;

Or. en

Emenda 844
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. ma jkunx hemm konformità mal-obbligu ta' ritorn fil-limiti ta' żmien stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 13;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Peress li l-obbligu li wieħed jirritorna lejn il-pajjiż ta' oriġini tiegħu mhux dejjem jiddependi biss mill-persuna ripatrijata, ikun inġust u sproporzjonat li tiġi imposta projbizzjoni fuq id-dħul fuq dawk li ma jistgħux jirritornaw minħabba li l-pajjiż ta' oriġini tagħhom ma jaċċettahomx.

Emenda 845
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. ma jkunx hemm konformità mal-obbligu ta' ritorn fil-limiti ta' żmien stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 13;	***imħassar***

Or. en

Emenda 846
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. ma jkunx hemm konformità mal-obbligu ta' ritorn fil-limiti ta' żmien stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 13;	b. ma jkunx hemm konformità mal-obbligu ta' ritorn fil-limiti ta' żmien stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 13 ***meta dan ikun fil-kontroll taċ-ċittadin ta' pajjiż terz***;

Or. en

Emenda 847
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. ma jkunx hemm konformità mal-obbligu ta' ***ritorn*** fil-limiti ta' żmien stabbiliti f'konformità mal-Artikolu ***13***;	b. ma jkunx hemm konformità mal-obbligu ta' ***tluq mit-territorju tal-Istat Membru*** fil-limiti ta' żmien stabbiliti f'konformità mal-Artikolu ***7, il-paragrafu 1a-1c***;

Or. en

Emenda 848
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ba. ikun hemm raġunijiet oħra indikati fid-dritt nazzjonali.

Or. en

Emenda 849
Mary Khan

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jippreżenta riskju għas-sigurtà f'konformità mal-Artikolu 16.	***imħassar***

Or. en

Emenda 850
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jippreżenta ***riskju*** għas-sigurtà ***f'konformità mal-Artikolu 16***.	c. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jippreżenta ***theddida preżenti u ġenwina għas-sigurtà interna. Il-valutazzjoni tat-theddida*** għas-sigurtà ***ma tistax tkun ibbażata esklużivament fuq l-eżistenza ta' "marka tas-sigurtà" fil-bażi tad-data tal-Eurodac skont ir-Regolament (UE) 2024/1358***.

Or. en

Emenda 851
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jippreżenta ***riskju*** għas-sigurtà f'konformità mal-Artikolu 16.	c. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jippreżenta ***theddida għall-politika pubblika,*** għas-sigurtà ***interna jew għar-relazzjonijiet internazzjonali*** f'konformità mal-Artikolu 16.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ara l-lingwaġġ tal-Artikolu 6(2)(e) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen - dwar ir-raġunijiet għar-rifjut ta' dħul lil ċittadini ta' pajjiżi terzi.

Emenda 852
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ca. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun ġie kkundannat għal kwalunkwe reat punibbli b'terminu ta' priġunerija.

Or. en

Emenda 853
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ca. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jonqos milli jikkoopera mal-obbligi kif stabbiliti fl-Artikolu 21.

Or. en

Emenda 854
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

	ca. ikun hemm raġunijiet oħra indikati fid-dritt nazzjonali.

Or. en

Emenda 855
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Id-deċiżjonijiet ta' ritorn għandhom ikunu akkumpanjati minn projbizzjoni fuq id-dħul tul il-ħajja f'każijiet li fihom iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jippreżenta riskju għas-sigurtà f'konformità mal-Artikolu 16.

Or. en

Emenda 856
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. F'każijiet ***għajr dawk elenkati fil-paragrafu 1***, ***l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw jekk deċiżjoni*** ta' ritorn ***għandhiex tkun akkumpanjata*** minn projbizzjoni fuq id-dħul***, jew le, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi rilevanti, b'mod partikolari l-livell ta' kooperazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz***.	2. F'każijiet ***li jinvolvu l-minorenni***, ***id-deċiżjonijiet*** ta' ritorn ***ma għandhomx ikunu akkumpanjati*** minn projbizzjoni fuq id-dħul.

Or. en

Emenda 857

Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. F'każijiet għajr dawk elenkati fil-paragrafu 1, ***l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw jekk deċiżjoni*** ta' ritorn ***għandhiex*** tkun akkumpanjata minn projbizzjoni fuq id-dħul***, jew le, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi rilevanti, b'mod partikolari l-livell ta' kooperazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz***.	2. F'każijiet għajr dawk elenkati fil-paragrafu 1, ***id-deċiżjoni*** ta' ritorn ***għandha*** tkun akkumpanjata minn projbizzjoni fuq id-dħul ***b'durata minima ta' 5 snin***.

Or. en

Emenda 858
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***F'każijiet għajr dawk elenkati fil-paragrafu 1,*** l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw ***jekk deċiżjoni ta' ritorn għandhiex tkun akkumpanjata minn projbizzjoni*** fuq id-dħul, ***jew le,*** b'kont meħud taċ-ċirkostanzi rilevanti, b'mod partikolari l-livell ta' kooperazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz.	2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw ***id-durata speċifika tal-projbizzjoni*** fuq id-dħul, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi rilevanti, b'mod partikolari l-livell ta' kooperazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz.

Or. en

Emenda 859
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***F'każijiet għajr dawk elenkati*** fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti ***għandhom jiddeterminaw jekk*** deċiżjoni ta' ritorn ***għandhiex*** tkun akkumpanjata minn projbizzjoni fuq id-dħul***, jew le***, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi ***rilevanti, b'mod partikolari l-livell ta' kooperazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz***.	2. ***Lil hinn mill-każ imsemmi*** fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti ***jistgħu jiddeċiedu li*** deċiżjoni ta' ritorn ***għandha*** tkun akkumpanjata minn projbizzjoni fuq id-dħul, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi ***individwali tal-każ u l-persuna ripatrijata, inkluż jekk il-persuna ripatrijata tkunx ostakolat deliberatament il-proċess ta' ritorn***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jekk persuna ripatrijata tfixkel deliberatament il-proċess ta' ritorn, allura dan huwa fattur li għandu jiġi kkunsidrat meta jiġi deċiż jekk għandhiex tiġi imposta projbizzjoni fuq id-dħul. Il-livell ta' kooperazzjoni huwa vag wisq.

Emenda 860
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. F'każijiet għajr dawk elenkati fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw jekk deċiżjoni ta' ritorn għandhiex tkun akkumpanjata minn projbizzjoni fuq id-dħul, jew le, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi rilevanti, b'mod partikolari l-livell ta' kooperazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz.	2. F'każijiet għajr dawk elenkati fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw jekk deċiżjoni ta' ritorn ***jew ordni ta' tneħħija*** għandhiex tkun akkumpanjata minn projbizzjoni fuq id-dħul, jew le, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi rilevanti, b'mod partikolari l-livell ta' kooperazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz.

Or. en

Emenda 861
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. F'każijiet għajr dawk elenkati fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti ***għandhom jiddeterminaw jekk*** deċiżjoni ta' ritorn ***għandhiex tkun akkumpanjata minn*** projbizzjoni fuq id-dħul***, jew le***, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi rilevanti, b'mod partikolari l-livell ta' kooperazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz.	2. F'każijiet għajr dawk elenkati fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti ***jistgħu jakkumpanjaw*** deċiżjoni ta' ritorn ***jew deċiżjoni li tordna l-ordni ta' tneħħija bi*** projbizzjoni fuq id-dħul, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi rilevanti, b'mod partikolari l-livell ta' kooperazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz.

Or. en

Emenda 862
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-projbizzjoni fuq id-dħul għandha tinħareġ bħala parti mid-deċiżjoni ta' ritorn jew separatament bil-miktub. Għandha tiġi notifikata liċ-ċittadin ta' pajjiż terz b'lingwa li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jifhem jew li jista' raġonevolment jiġi preżunt li jifhem.	3. Il-projbizzjoni fuq id-dħul għandha tinħareġ bħala parti mid-deċiżjoni ta' ritorn jew separatament bil-miktub. Għandha tiġi notifikata liċ-ċittadin ta' pajjiż terz b'lingwa li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jifhem jew li jista' raġonevolment jiġi preżunt li jifhem. ***Għal dan l-għan, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jibbażaw fuq mudelli ta' traduzzjoni standardizzati jew għodod ta' traduzzjoni assistiti mill-magni, meta jkun xieraq.***

Or. en

Emenda 863
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-projbizzjoni fuq id-dħul għandha tinħareġ bħala parti mid-deċiżjoni ta' ritorn jew separatament bil-miktub. Għandha tiġi notifikata liċ-ċittadin ta' pajjiż terz b'lingwa li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jifhem jew li jista' raġonevolment jiġi preżunt li jifhem.	3. Il-projbizzjoni fuq id-dħul għandha tinħareġ bħala parti mid-deċiżjoni ta' ritorn jew ***bħala parti mid-deċiżjoni li tordna t-tneħħija jew*** separatament bil-miktub. ***Il-projbizzjoni fuq id-dħul*** għandha tiġi notifikata liċ-ċittadin ta' pajjiż terz b'lingwa li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jifhem jew li jista' raġonevolment jiġi preżunt li jifhem. ***L-informazzjoni dwar l-effetti ta' projbizzjoni fuq id-dħul tista' tiġi notifikata f'formola ta' informazzjoni ġeneralizzata.***

Or. en

Emenda 864
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-projbizzjoni fuq id-dħul għandha tinħareġ bħala parti mid-deċiżjoni ta' ritorn jew separatament bil-miktub. Għandha tiġi notifikata liċ-ċittadin ta' pajjiż terz b'lingwa li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jifhem jew li jista' raġonevolment jiġi preżunt li jifhem.	3. Il-projbizzjoni fuq id-dħul għandha tinħareġ bħala parti mid-deċiżjoni ta' ritorn jew separatament bil-miktub. ***Din*** għandha tiġi notifikata liċ-ċittadin ta' pajjiż terz. ***In-notifika tista' tiġi pprovduta f'format standardizzat u tista' tiġi tradotta b'mod awtomatiku, dment li tkun*** b'lingwa li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jifhem jew li jista' raġonevolment jiġi preżunt li jifhem.

Or. en

Emenda 865
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-projbizzjoni fuq id-dħul għandha tinħareġ ***bħala parti mid-deċiżjoni ta' ritorn jew separatament*** bil-miktub. Għandha tiġi notifikata liċ-ċittadin ta' pajjiż terz b'lingwa li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jifhem jew li ***jista'*** raġonevolment ***jiġi prežunt*** li jifhem.	3. Il-projbizzjoni fuq id-dħul għandha tinħareġ bil-miktub. Għandha tiġi notifikata liċ-ċittadin ta' pajjiż terz b'lingwa li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jifhem jew li raġonevolment ***huwa mistenni*** li jifhem.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li jkun ċar meta tista' tinħareġ projbizzjoni fuq id-dħul. Din id-deċiżjoni għandha tkun bil-miktub, b'lingwa li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jifhem, ara l-Artikolu 8(2) tal-APR.

Emenda 866
Cecilia Strada, Marco Tarquinio, Alessandro Zan

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-projbizzjoni fuq id-dħul għandha tinħareġ bħala parti mid-deċiżjoni ta' ritorn jew separatament bil-miktub. Għandha tiġi notifikata liċ-ċittadin ta' pajjiż terz b'lingwa li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jifhem ***jew li jista' raġonevolment jiġi prežunt li jifhem***.	3. Il-projbizzjoni fuq id-dħul għandha tinħareġ bħala parti mid-deċiżjoni ta' ritorn jew separatament bil-miktub. Għandha tiġi notifikata liċ-ċittadin ta' pajjiż terz b'lingwa li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jifhem.

Or. en

Emenda 867
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-projbizzjoni fuq id-dħul għandha tinħareġ bħala parti mid-deċiżjoni ta' ritorn	3. Il-projbizzjoni fuq id-dħul għandha tinħareġ bħala parti mid-deċiżjoni ta' ritorn

jew separatament bil-miktub. Għandha tiġi notifikata liċ-ċittadin ta' pajjiż terz b'lingwa li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jifhem ***jew li jista' raġonevolment jiġi preżunt li jifhem***.	jew separatament bil-miktub. Għandha tiġi notifikata liċ-ċittadin ta' pajjiż terz b'lingwa li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jifhem.

Or. en

Emenda 868
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-projbizzjoni fuq id-dħul għandha tinħareġ bħala parti mid-deċiżjoni ta' ritorn ***jew separatament bil-miktub***. Għandha tiġi notifikata liċ-ċittadin ta' pajjiż terz b'lingwa li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jifhem jew li jista' raġonevolment jiġi preżunt li jifhem.	3. Il-projbizzjoni fuq id-dħul għandha tinħareġ bħala parti mid-deċiżjoni ta' ritorn. Għandha tiġi notifikata liċ-ċittadin ta' pajjiż terz b'lingwa li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jifhem jew li jista' raġonevolment jiġi preżunt li jifhem.

Or. en

Emenda 869
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jimponu projbizzjoni fuq id-dħul mingħajr ma joħorġu deċiżjoni ta' ritorn lil ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qed joqgħod illegalment fit-territorju tal-Istati Membri u li s-soġġorn illegali tiegħu jiġi identifikat b'rabta mal-verifiki fuq il-fruntiera mwettqa mal-ħruġ f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2016/399, fejn ġustifikat abbażi tać-	***imħassar***

ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali u f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità u d-drittijiet tad-difiża, u jiġi evitat kemm jista' jkun li jiġi pospost it-tluq taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din id-dispożizzjoni hija mingħajr ġustifikazzjoni. Il-projbizzjonijiet fuq id-dħul għandhom jakkumpanjaw deċiżjoni ta' ritorn bil-miktub u ma jeżistux f'vojt ġuridiku. It-tluq volontarju għandu dejjem jingħata prijorità iżda mhux bl-impożizzjoni ta' projbizzjoni fuq id-dħul meta ma jkun hemm l-ebda deċiżjoni ta' ritorn. Lanqas mhuwa ċar li l-bażi legali tkopri projbizzjonijiet fuq id-dħul mhux marbuta mar-ripatrijazzjoni jew mat-tneħħija.

Emenda 870
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jimponu projbizzjoni fuq id-dħul mingħajr ma joħorġu deċiżjoni ta' ritorn lil ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qed joqgħod illegalment fit-territorju tal-Istati Membri u li s-soġġorn illegali tiegħu jiġi identifikat b'rabta mal-verifiki fuq il-fruntiera mwettqa mal-ħruġ f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2016/399, fejn ġustifikat abbażi taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali u f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità u d-drittijiet tad-difiża, u jiġi evitat kemm jista' jkun li jiġi pospost it-tluq taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat.	***imħassar***

Or. en

Emenda 871

Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jimponu projbizzjoni fuq id-dħul mingħajr ma joħorġu deċiżjoni ta' ritorn lil ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qed joqgħod illegalment fit-territorju tal-Istati Membri u li s-soġġorn illegali tiegħu jiġi identifikat b'rabta mal-verifiki fuq il-fruntiera mwettqa mal-ħruġ f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2016/399***, fejn ġustifikat abbażi tal-każ individwali u f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità u d-drittijiet tad-difiża, u jiġi evitat kemm jista' jkun li jiġi pospost it-tluq taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat***.	4. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jimponu projbizzjoni fuq id-dħul mingħajr ma joħorġu deċiżjoni ta' ritorn lil ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qed joqgħod illegalment fit-territorju tal-Istati Membri u li s-soġġorn illegali tiegħu jiġi identifikat b'rabta mal-verifiki fuq il-fruntiera mwettqa mal-ħruġ f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2016/399.

Or. en

Emenda 872
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jimponu projbizzjoni fuq id-dħul mingħajr ma joħorġu deċiżjoni ta' ritorn lil ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qed joqgħod illegalment fit-territorju tal-Istati Membri u li s-soġġorn illegali tiegħu jiġi identifikat b'rabta mal-verifiki fuq il-fruntiera mwettqa mal-ħruġ f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2016/399***, fejn ġustifikat abbażi tal-każ individwali u f'konformità mal-prinċipju tal-***	4. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jimponu projbizzjoni fuq id-dħul mingħajr ma joħorġu deċiżjoni ta' ritorn lil ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qed joqgħod illegalment fit-territorju tal-Istati Membri u li s-soġġorn illegali tiegħu jiġi identifikat b'rabta mal-verifiki fuq il-fruntiera mwettqa mal-ħruġ f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2016/399 u jiġi evitat kemm jista' jkun li jiġi pospost it-tluq taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat.

proporzjonalità u d-drittijiet tad-difiża, u jiġi evitat kemm jista' jkun li jiġi pospost it-tluq taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat.

Or. en

Emenda 873
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jimponu projbizzjoni fuq id-dħul mingħajr ma joħorġu deċiżjoni ta' ritorn lil ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qed joqgħod illegalment fit-territorju tal-Istati Membri u li s-soġġorn illegali tiegħu jiġi identifikat b'rabta mal-verifiki fuq il-fruntiera mwettqa mal-ħruġ f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2016/399, ***fejn ġustifikat abbażi taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali u f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità u d-drittijiet tad-difiża,*** u jiġi evitat kemm jista' jkun li jiġi pospost it-tluq taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat.	4. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jimponu projbizzjoni fuq id-dħul mingħajr ma joħorġu deċiżjoni ta' ritorn lil ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qed joqgħod illegalment fit-territorju tal-Istati Membri u li s-soġġorn illegali tiegħu jiġi identifikat b'rabta mal-verifiki fuq il-fruntiera mwettqa mal-ħruġ f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2016/399, u jiġi evitat kemm jista' jkun li jiġi pospost it-tluq taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat.

Or. en

Emenda 874
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jimponu projbizzjoni fuq id-dħul mingħajr	4. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jimponu projbizzjoni fuq id-dħul mingħajr

ma joħorġu deċiżjoni ta' ritorn lil ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qed joqgħod illegalment fit-territorju tal-Istati Membri u li s-soġġorn illegali tiegħu jiġi identifikat b'rabta mal-verifiki fuq il-fruntiera mwettqa mal-ħruġ f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2016/399***, fejn ġustifikat abbażi tal-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali u f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità u d-drittijiet tad-difiża,*** u jiġi evitat kemm jista' jkun li jiġi pospost it-tluq taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat.	ma joħorġu deċiżjoni ta' ritorn lil ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qed joqgħod illegalment fit-territorju tal-Istati Membri u li s-soġġorn illegali tiegħu jiġi identifikat b'rabta mal-verifiki fuq il-fruntiera mwettqa mal-ħruġ f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2016/399***. Il-projbizzjoni fuq id-dħul f'dawn il-każijiet tista' tiġi imposta u notifikata wara li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun telaq mit-territorju tal-Istati Membri*** u jiġi evitat kemm jista' jkun li jiġi pospost it-tluq taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat.

Or. en

Emenda 875
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Mariusz Kamiński, Nicolas Bay, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Sebastian Tynkkynen, Geadis Geadi, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Meta ċittadin ta' pajjiż terz b'soġġorn illegali jitlaq mit-territorju tal-Istati Membri qabel ma tinħareġ deċiżjoni ta' ritorn, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jimponu projbizzjoni fuq id-dħul mingħajr ma joħorġu din id-deċiżjoni ta' ritorn.

Or. en

Emenda 876
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

	4b. Filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali, l-Istati Membri jistgħu jimponu projbizzjoni fuq id-dħul wara li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun telaq mit-territorju.

Or. en

Emenda 877
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4b. Meta r-raġunijiet għall-ħruġ ta' projbizzjoni fuq id-dħul ikunu rriżultaw wara li tkun inħarġet deċiżjoni ta' ritorn, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jimponu projbizzjoni fuq id-dħul mingħajr ma joħorġu deċiżjoni ta' ritorn ġdida.

Or. en

Emenda 878
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu joqogħdu lura milli joħorġu projbizzjoni fuq id-dħul f'każijiet individwali għal raġunijiet umanitarji jew jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jikkoopera kif xieraq mal-awtoritajiet kompetenti, inkluż billi jirreġistra fi programm ta' ritorn u riintegrazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 879
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu joqogħdu lura milli joħorġu projbizzjoni fuq id-dħul f'każijiet individwali għal raġunijiet umanitarji jew jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jikkoopera kif xieraq mal-awtoritajiet kompetenti, inkluż billi jirreġistra fi programm ta' ritorn u riintegrazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 880
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu joqogħdu lura milli joħorġu projbizzjoni fuq id-dħul f'każijiet individwali għal raġunijiet umanitarji jew jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jikkoopera kif xieraq mal-awtoritajiet kompetenti, ***inkluż*** billi jirreġistra fi programm ta' ritorn u riintegrazzjoni.	5. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu joqogħdu lura milli joħorġu projbizzjoni fuq id-dħul f'każijiet individwali għal raġunijiet umanitarji***, jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun vittma ta' traffikar ta' bnedmin,*** jew jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jikkoopera kif xieraq mal-awtoritajiet kompetenti, inkluż billi jirreġistra fi programm ta' ritorn u riintegrazzjoni.

Or. en

Emenda 881
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu joqogħdu lura milli joħorġu projbizzjoni fuq id-dħul ***f'każijiet individwali għal raġunijiet umanitarji jew*** jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jikkoopera kif xieraq mal-awtoritajiet kompetenti, inkluż billi jirreġistra fi programm għar-ritorn u għar-riintegrazzjoni.	5. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu joqogħdu lura milli joħorġu projbizzjoni fuq id-dħul jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jikkoopera kif xieraq mal-awtoritajiet kompetenti, inkluż billi jirreġistra fi programm għar-ritorn u għar-riintegrazzjoni.

Or. fr

Emenda 882
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-awtoritajiet kompetenti ***jistgħu joqogħdu lura milli*** joħorġu projbizzjoni fuq id-dħul f'każijiet individwali għal raġunijiet umanitarji jew jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ***jikkoopera kif xieraq mal-awtoritajiet kompetenti, inkluż billi jirreġistra*** fi programm ta' ritorn u riintegrazzjoni.	5. L-awtoritajiet kompetenti ***ma għandhomx*** joħorġu projbizzjoni fuq id-dħul f'każijiet individwali għal raġunijiet umanitarji***, f'każijiet li jinvolvu l-minorenni*** jew jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ***ikun qed jipparteċipa*** fi programm ta' ritorn u riintegrazzjoni.

Or. en

Emenda 883
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu joqogħdu lura milli joħorġu projbizzjoni fuq id-dħul f'każijiet ***individwali*** għal	5. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu***, f'konformità mad-dritt nazzjonali,*** joqogħdu lura milli joħorġu projbizzjoni

raġunijiet umanitarji ***jew jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jikkoopera kif xieraq mal-awtoritajiet kompetenti, inkluż billi jirreġistra fi programm ta' ritorn u riintegrazzjoni***.	fuq id-dħul ***jew joħorġu projbizzjoni fuq id-dħul b'durata minima aktar baxxa*** f'każijiet ***eċċezzjonali u f'ċirkostanzi debitament ġustifikati, b'mod partikolari*** għal raġunijiet umanitarji.

Or. en

Emenda 884
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu ***joqogħdu lura milli joħorġu*** projbizzjoni fuq id-dħul f'każijiet individwali għal raġunijiet umanitarji jew jekk ***iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jikkoopera*** kif xieraq mal-awtoritajiet ***kompetenti***, inkluż billi ***jirreġistra*** fi programm ta' ritorn u riintegrazzjoni.	5. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu ***jiddeċiedu li ma joħorġux*** projbizzjoni fuq id-dħul f'każijiet individwali għal raġunijiet umanitarji jew jekk ***il-persuna ripatrijata tikkoopera*** kif xieraq mal-awtoritajiet ***ta' ritorn***, inkluż billi ***tirreġistra*** fi programm ta' ritorn u riintegrazzjoni.

Or. en

Emenda 885
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu fid-dritt nazzjonali tagħhom il-possibbiltà li jitnaqqas it-tul ta' projbizzjoni fuq id-dħul b'massimu ta' nofs it-tul ta' żmien inizjali tagħha, meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun ikkonforma b'mod volontarju u sħiħ mad-deċiżjoni ta' ritorn fil-perjodu ta' tluq speċifikat fiha.

Or. en

Emenda 886
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. It-tul tal-projbizzjoni fuq id-dħul għandu jiġi determinat b'kont dovut taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha tal-każ individwali għal massimu ta' 10 snin.	***imħassar***

Or. en

Emenda 887
Ana Miguel Pedro

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. It-tul tal-projbizzjoni fuq id-dħul għandu jiġi determinat b'kont dovut taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha tal-każ individwali għal massimu ta' 10 snin.	6. It-tul tal-projbizzjoni fuq id-dħul għandu jiġi determinat b'kont dovut taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha tal-każ individwali għal massimu ta' 10 snin. ***Meta jagħmlu dan, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jqisu n-natura u s-serjetà tal-imġiba li twassal għas-soġġorn illegali jew għal miżuri ta' infurzar preċedenti, inklużi każijiet li fihom iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun telaq volontarjament wara soġġorn illegali li jaqbeż il-180 jum iżda inqas minn sena, li għalihom tista' tkun xierqa projbizzjoni fuq id-dħul sa 3 snin. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 16(3)(a), projbizzjoni fuq id-dħul tista', abbażi ta' valutazzjoni individwali u raġunijiet debitament sostanzjati, tinħareġ għal massimu ta' 20 sena fejn din id-durata tkun meħtieġa aktar biex ikompli***

jiġi pprevenut id-dħul mill-ġdid fit-territorju tal-Istati Membri. F'każijiet li jinvolvu mġiba li tikkostitwixxi theddida serja, dimostrabbli u kontinwa għas-sigurtà pubblika jew għas-sigurtà nazzjonali, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, abbażi ta' valutazzjoni proporzjonata tar-riskju ppreżentat, jimponu projbizzjoni fuq id-dħul ta' mhux aktar minn 20 sena jew, f'ċirkostanzi eċċezzjonali u debitament ġustifikati relatati mal-gravità u l-persistenza ta' dik it-theddida, projbizzjoni fuq id-dħul ta' durata indefinita.

Or. en

Emenda 888
Rasa Juknevičienė

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. It-tul tal-projbizzjoni fuq id-dħul għandu jiġi determinat b'kont dovut taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha tal-każ individwali għal massimu ta' 10 snin.	6. It-tul tal-projbizzjoni fuq id-dħul għandu jiġi determinat b'kont dovut taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha tal-każ individwali għal massimu ta' 10 snin. ***Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 16(3)(a), projbizzjoni fuq id-dħul għandha tinħareġ għal massimu ta' 20 sena b'kunsiderazzjoni xierqa għaċ-ċirkostanzi rilevanti kollha u b'mod partikolari kwalunkwe raġuni debitament sostanzjata tal-awtoritajiet kompetenti li tispjega għalfejn huwa meħtieġ li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikompli jiġi pprevenut milli jidħol fit-territorju tal-Istati Membri.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tiżgura li l-Istati Membri jkollhom il-kapaċità li joħorġu projbizzjoni fuq id-dħul għal żmien indefinit f'każijiet li fihom ċittadin ta' pajjiż terz ikun ta' theddida serja u persistenti għas-sigurtà. Filwaqt li l-Artikoli 10(6) u 16(3) jillimitaw id-

durata massima ta' projbizzjoni fuq id-dħul, ċerti każijiet li jinvolvu individwi b'riskju għoli jirrikjedu rispons preventiv aktar robust u fit-tul. Il-permess ta' projbizzjoni fuq id-dħul mingħajr data tat-tmiem fissa, meta debitament ġustifikata u proporzjonata, jipprovdi lill-Istati Membri l-flessibbiltà meħtieġa biex jindirizzaw sitwazzjonijiet li fihom ir-riskju għas-sigurtà x'aktarx li ma jonqosx f'perjodu ta' żmien prevedibbli. Il-possibbiltà li tiġi imposta projbizzjoni fuq id-dħul indefinita tibqa' strettament kundizzjonali fuq valutazzjoni individwalizzata, ir-rispett għad-drittijiet u s-salvagwardji fundamentali, u rieżami perjodiku skont id-dritt nazzjonali biex jiġi żgurat li l-miżura ma tippersistix aktar mit-theddida sottostanti. Dan l-approċċ isaħħaħ il-protezzjoni tas-sigurtà interna filwaqt li jżomm konformità sħiħa mal-prinċipji tal-ħtieġa u tal-proporzjonalità.

Emenda 889
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Mariusz Kamiński, Nicolas Bay, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Sebastian Tynkkynen, Geadis Geadi, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. It-tul tal-projbizzjoni fuq id-dħul għandu jiġi determinat ***b'kont dovut taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha tal-każ individwali*** għal massimu ta' ***10 snin***.	6. ***Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 16(3)(a),*** it-tul tal-projbizzjoni fuq id-dħul għandu jiġi determinat għal massimu ta' ***40 sena***. ***L-Istati Membri huma mħeġġa jimplimentaw fid-dritt nazzjonali projbizzjonijiet minimi fuq id-dħul li huma korrelatati mat-theddida tal-individwu, b'mod partikolari:***

Or. en

Emenda 890
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. It-tul tal-projbizzjoni fuq id-dħul għandu jiġi determinat ***b'kont dovut taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha tal-każ individwali għal massimu ta'*** 10 snin.	6. It-tul tal-projbizzjoni fuq id-dħul għandu jiġi determinat ***għal*** 10 snin. ***F'każijiet ġustifikati, filwaqt li titqies is-sigurtà tal-Istat Membru, projbizzjoni fuq id-dħul tista' tiġi imposta għal perjodu***

itwal, kif iddeterminat fid-dritt nazzjonali.

Or. en

Emenda 891
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. It-tul tal-projbizzjoni fuq id-dħul għandu jiġi determinat b'kont dovut taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha tal-każ individwali għal massimu ta' ***10 snin***.	6. It-tul tal-projbizzjoni fuq id-dħul għandu jiġi determinat b'kont dovut taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha tal-każ individwali għal ***minimu ta' 7 snin sa*** massimu ta' ***durata tul il-ħajja***.

Or. en

Emenda 892
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. It-tul tal-projbizzjoni fuq id-dħul għandu jiġi determinat b'kont dovut taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha tal-każ individwali ***għal*** massimu ta' ***10 snin***.	6. It-tul tal-projbizzjoni fuq id-dħul għandu jiġi determinat b'kont dovut taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha tal-każ individwali ***sa*** massimu ***inizjali*** ta' ***5 snin***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-tul ta' żmien massimu fil-paragrafu 6 huwa massimu inizjali. Huwa ċar li 10 snin huma sproporzjonati.

Emenda 893
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. It-tul tal-projbizzjoni fuq id-dħul għandu jiġi ddeterminat b'kunsiderazzjoni xierqa għaċ-ċirkostanzi rilevanti kollha tal-każ individwali ***għal massimu ta' 10 snin***.	6. It-tul tal-projbizzjoni fuq id-dħul għandu jiġi ddeterminat b'kunsiderazzjoni xierqa għaċ-ċirkostanzi rilevanti kollha tal-każ individwali ***jista' jkun għall-għomor***.

Or. fr

Emenda 894
Milan Uhrík

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. It-tul tal-projbizzjoni fuq id-dħul għandu jiġi determinat b'kont dovut taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha tal-każ individwali għal ***massimu ta' 10 snin***.	6. It-tul tal-projbizzjoni fuq id-dħul għandu jiġi determinat b'kont dovut taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha tal-każ individwali għal ***minimu ta' 20 sena***.

Or. en

Emenda 895
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. It-tul tal-projbizzjoni fuq id-dħul għandu jiġi determinat b'kont dovut taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha tal-każ individwali għal massimu ta' ***10*** snin.	6. It-tul tal-projbizzjoni fuq id-dħul għandu jiġi determinat b'kont dovut taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha tal-każ individwali għal massimu ta' ***5*** snin.

Or. en

Emenda 896
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. It-tul tal-projbizzjoni fuq id-dħul għandu jiġi determinat b'kont dovut taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha tal-każ individwali ***għal massimu ta' 10 snin***.	6. It-tul tal-projbizzjoni fuq id-dħul għandu jiġi determinat b'kont dovut taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha tal-każ individwali.

Or. en

Emenda 897
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Mariusz Kamiński, Nicolas Bay, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Sebastian Tynkkynen, Geadis Geadi, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(a) iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jkunx ikkonforma mal-obbligu ta' ritorn fil-limiti ta' żmien determinati skont l-Artikolu 12, l-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw projbizzjoni fuq id-dħul ta' mill-inqas 5 snin;
	(b) iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun soġġett għal tneħħija skont l-Artikolu 13, l-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw projbizzjoni fuq id-dħul għal mill-inqas 20 sena;
	(c) iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jippreżenta riskju għas-sigurtà f'konformità mal-Artikolu 16, l-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw projbizzjoni fuq id-dħul ta' mill-inqas 40 sena;
	(d) iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2017/541 tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill jew ikun wettaq delitti tal-gwerra kif definit fl-Artikolu 8 tal-Istatut ta' Ruma

tal-Qorti Kriminali Internazzjonali tas-17 ta' Lulju 1998, l-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw projbizzjoni fuq id-dħul ta' mill-inqas 80 sena;

(e) il-punti (a) sa (d) ma jipprevjenux lill-Istati Membri milli joħorġu projbizzjoni fuq id-dħul indefinita fi kwalunkwe kategorija sabiex jipproteġu l-ordni pubbliku, is-sigurtà pubblika jew is-sigurtà nazzjonali.

Or. en

Emenda 898
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. Minkejja l-paragrafu 2, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jippreżentaw riskju għas-sigurtà f'konformità mal-Artikolu 16 għandha tinħarġilhom projbizzjoni fuq id-dħul tul il-ħajja.

Or. en

Emenda 899
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Id-durata tal-projbizzjoni fuq id-dħul skont il-paragrafu 6 jista' jiġi estiż b'perjodi suċċessivi ta' massimu ta' 5 snin. Din l-estensjoni għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni individwali b'kunsiderazzjoni xierqa għaċ-ċirkostanzi rilevanti kollha u b'mod partikolari	***imħassar***

kwalunkwe raġuni debitament sostanzjata tal-awtoritajiet kompetenti għaliex huwa meħtieġ li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikompli jiġi pprevenut milli jidħol fit-territorju tal-Istati Membri.

Or. en

Emenda 900
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Id-durata tal-projbizzjoni fuq id-dħul skont il-paragrafu 6 ***jista' jiġi estiż*** b'perjodi suċċessivi ta' massimu ta' 5 snin. Din l-estensjoni għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni individwali b'kunsiderazzjoni xierqa għaċ-ċirkostanzi rilevanti kollha u b'mod partikolari kwalunkwe raġuni debitament sostanzjata tal-awtoritajiet kompetenti għaliex huwa meħtieġ li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikompli jiġi pprevenut milli jidħol fit-territorju tal-Istati Membri.	7. Id-durata tal-projbizzjoni fuq id-dħul skont il-paragrafu 6 ***tista' tiġi estiża*** b'perjodi suċċessivi ta' massimu ta' 5 snin ***sa massimu globali ta' 15-il sena***. Din l-estensjoni għandha***, permezz ta' deċiżjoni bil-miktub soġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju,*** tkun ibbażata fuq valutazzjoni individwali b'kunsiderazzjoni xierqa għaċ-ċirkostanzi rilevanti kollha u b'mod partikolari kwalunkwe raġuni debitament sostanzjata tal-awtoritajiet kompetenti għaliex huwa meħtieġ li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikompli jiġi pprevenut milli jidħol fit-territorju tal-Istati Membri. ***Din l-estensjoni għandha tiġi notifikata liċ-ċittadin ta' pajjiż terz f'konformità mal-paragrafu 2.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Peress li l-projbizzjoni fuq id-dħul inizjali se tkun marbuta ma' deċiżjoni ta' ritorn, id-dritt għal rimedju effettiv jista' jintalab kontra d-deċiżjoni ta' ritorn. Meta projbizzjoni fuq id-dħul tiġi estiża, ir-rabta mad-deċiżjoni ta' ritorn tinkiser u tkun meħtieġa deċiżjoni ġdida bil-miktub.

Emenda 901

Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Id-durata tal-projbizzjoni fuq id-dħul ***skont il-paragrafu 6 jista' jiġi estiż b'perjodi suċċessivi ta' massimu ta' 5 snin. Din l-estensjoni għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni individwali b'kunsiderazzjoni xierqa għaċ-ċirkostanzi rilevanti kollha u b'mod partikolari kwalunkwe raġuni debitament sostanzjata tal-awtoritajiet kompetenti għaliex huwa meħtieġ li ċ-ċittadin*** ta' pajjiż terz ikompli jiġi pprevenut milli jidħol fit-territorju tal-Istati Membri.	7. Id-durata tal-projbizzjoni fuq id-dħul ***tista' tiġi estiża biex iċ-ċittadin*** ta' pajjiż terz ikompli jiġi pprevenut milli jidħol fit-territorju tal-Istati Membri.

Or. en

Emenda 902
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Id-durata tal-projbizzjoni fuq id-dħul skont il-paragrafu 6 jista' jiġi estiż ***b'perjodi suċċessivi ta' massimu ta'*** 5 snin. Din l-estensjoni għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni individwali b'kunsiderazzjoni xierqa għaċ-ċirkostanzi rilevanti kollha u b'mod partikolari kwalunkwe raġuni debitament sostanzjata tal-awtoritajiet kompetenti għaliex huwa meħtieġ li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikompli jiġi pprevenut milli jidħol fit-territorju tal-Istati Membri.	7. Id-durata tal-projbizzjoni fuq id-dħul skont il-paragrafu 6 jista' jiġi estiż ***b'perjodu ta' mhux aktar minn*** 5 snin ***jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jirrappreżenta theddida serja ġenwina u preżenti għas-sigurtà interna***. Din l-estensjoni ***u d-durata tagħha*** għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni individwali b'kunsiderazzjoni xierqa għaċ-ċirkostanzi rilevanti kollha u b'mod partikolari kwalunkwe raġuni debitament sostanzjata tal-awtoritajiet kompetenti għaliex huwa meħtieġ li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikompli jiġi pprevenut milli jidħol fit-territorju tal-Istati Membri.

Or. en

Emenda 903
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Id-durata tal-projbizzjoni fuq id-dħul skont il-paragrafu ***6 jista' jiġi estiż*** b'perjodi suċċessivi ta' massimu ta' 5 snin. Din l-estensjoni għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni individwali b'kunsiderazzjoni xierqa għaċ-ċirkostanzi rilevanti kollha u b'mod partikolari kwalunkwe raġuni debitament sostanzjata tal-awtoritajiet kompetenti għaliex huwa meħtieġ li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikompli jiġi pprevenut milli jidħol fit-territorju tal-Istati Membri.	7. Id-durata tal-projbizzjoni fuq id-dħul skont il-paragrafu ***1 u 2 tista' tiġi estiża*** b'perjodi suċċessivi ta' massimu ta' 5 snin. Din l-estensjoni għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni individwali b'kunsiderazzjoni xierqa għaċ-ċirkostanzi rilevanti kollha u b'mod partikolari kwalunkwe raġuni debitament sostanzjata tal-awtoritajiet kompetenti għaliex huwa meħtieġ li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikompli jiġi pprevenut milli jidħol fit-territorju tal-Istati Membri.

Or. en

Emenda 904
Milan Uhrík

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Id-durata tal-projbizzjoni fuq id-dħul skont il-paragrafu 6 jista' jiġi estiż b'perjodi suċċessivi ta' ***massimu*** ta' 5 snin. Din l-estensjoni għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni individwali b'kunsiderazzjoni xierqa għaċ-ċirkostanzi rilevanti kollha u b'mod partikolari kwalunkwe raġuni debitament sostanzjata tal-awtoritajiet kompetenti għaliex huwa meħtieġ li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikompli jiġi pprevenut milli jidħol fit-territorju tal-Istati Membri.	7. Id-durata tal-projbizzjoni fuq id-dħul skont il-paragrafu 6 jista' jiġi estiż b'perjodi suċċessivi ta' ***minimu*** ta' 5 snin. Din l-estensjoni għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni individwali b'kunsiderazzjoni xierqa għaċ-ċirkostanzi rilevanti kollha u b'mod partikolari kwalunkwe raġuni debitament sostanzjata tal-awtoritajiet kompetenti għaliex huwa meħtieġ li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikompli jiġi pprevenut milli jidħol fit-territorju tal-Istati Membri.

Or. en

Emenda 905
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Id-durata tal-projbizzjoni fuq id-dħul skont il-paragrafu 6 jista' jiġi estiż b'perjodi suċċessivi ta' ***massimu ta'*** 5 snin. Din l-estensjoni għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni individwali b'kunsiderazzjoni xierqa għaċ-ċirkostanzi rilevanti kollha u b'mod partikolari kwalunkwe raġuni debitament sostanzjata tal-awtoritajiet ***kompetenti*** għaliex huwa meħtieġ li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikompli jiġi pprevenut milli jidħol fit-territorju tal-Istati Membri.	7. Id-durata tal-projbizzjoni fuq id-dħul skont il-paragrafu 6 jista' jiġi estiż b'perjodi suċċessivi ta' 5 snin. Din l-estensjoni għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni individwali b'kunsiderazzjoni xierqa għaċ-ċirkostanzi rilevanti kollha u b'mod partikolari kwalunkwe raġuni debitament sostanzjata tal-awtoritajiet ***nazzjonali*** għaliex huwa meħtieġ li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikompli jiġi pprevenut milli jidħol fit-territorju tal-Istati Membri.

Or. fr

Emenda 906
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. L-Istati Membri jistgħu jimponu projbizzjoni permanenti fuq id-dħul fuq persuni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 16(1), meta dan ikun ġustifikat u proporzjonat fid-dawl tar-riskju għas-sigurtà ppreżentat miċ-ċittadin ta' pajjiż terz.

Or. en

Emenda 907
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Il-perjodu tal-projbizzjoni fuq id-dħul għandu jibda mid-data li fiha ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ***ikun telaq*** mit-territorju tal-Istati Membri.	8. Il-perjodu tal-projbizzjoni fuq id-dħul għandu jibda mid-data li fiha ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ***jitlaq*** mit-territorju tal-Istati Membri.

Or. en

Emenda 908
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Il-perjodu tal-projbizzjoni fuq id-dħul għandu jibda mid-data li fiha ***ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun telaq*** mit-territorju tal-Istati Membri.	8. Il-perjodu tal-projbizzjoni fuq id-dħul għandu jibda mid-data li fiha ***l-persuna ripatrijata tkun telqet*** mit-territorju tal-Istati Membri.

Or. en

Emenda 909
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 11	***imħassar***
Irtirar, sospensjoni jew tqassir tad-durata ta' projbizzjoni fuq id-dħul	
1. Projbizzjoni fuq id-dħul tista' tiġi rtirata, sospiża jew id-durata tagħha	

mqassra meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz:

a. juri li huwa rritorna volontarjament f'konformità ma' deċiżjoni ta' ritorn;

b. ma kienx diġà s-suġġett ta' deċiżjoni ta' ritorn jew ordni ta' tneħħija fil-passat;

c. ma jkunx daħal fit-territorju ta' Stat Membru waqt li projbizzjoni fuq id-dħul kienet għadha fis-seħħ.

2. Projbizzjoni fuq id-dħul tista' wkoll tiġi rtirata, sospiża jew id-durata tagħha mqassra f'każijiet individwali ġustifikati, inkluż għal raġunijiet umanitarji, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha.

3. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jingħata l-possibbiltà li jitlob dan l-irtirar, din is-sospensjoni jew dan it-tqassir tad-durata ta' projbizzjoni fuq id-dħul.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan issa huwa indirizzat fl-Artikolu 10.

Emenda 910
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Irtirar***, sospensjoni*** jew tqassir tad-durata ta' projbizzjoni fuq id-dħul	Irtirar jew tqassir tad-durata ta' projbizzjoni fuq id-dħul

Or. en

Emenda 911
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Projbizzjoni fuq id-dħul ***tista' tiġi rtirata, sospiża jew id-durata tagħha mqassra meta ċ-ċittadin*** ta' pajjiż terz:	1. ***Stat Membru jista' jirtira, jissospendi jew iqassar id-durata ta'*** projbizzjoni fuq id-dħul ***fi kwalunkwe ħin abbażi ta' valutazzjoni individwali tas-sitwazzjoni taċ-ċittadin*** ta' pajjiż terz: ***Dik il-valutazzjoni għandha tqis dan li ġej:***

Or. en

Emenda 912
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Projbizzjoni fuq id-dħul tista' tiġi rtirata***, sospiża*** jew id-durata tagħha mqassra ***meta ċ-ċittadin*** ta' pajjiż terz:	1. Projbizzjoni fuq id-dħul tista' tiġi rtirata jew id-durata tagħha mqassra ***mill-Istat Membru emittenti biss f'każijiet li fihom iċ-ċittadin*** ta' pajjiż terz ***juri li huwa rritorna volontarjament f'konformità ma' deċiżjoni ta' ritorn***:

Or. en

Emenda 913
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Projbizzjoni fuq id-dħul tista' tiġi rtirata, sospiża jew id-durata tagħha mqassra meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz***:***	1. Projbizzjoni fuq id-dħul tista' tiġi rtirata, sospiża jew id-durata tagħha mqassra ***mill-Istat Membru emittenti*** meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ***juri li huwa rritorna volontarjament f'konformità ma' deċiżjoni ta' ritorn.***

Or. en

Emenda 914
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Projbizzjoni fuq id-dħul ***tista'*** tiġi rtirata***, sospiża jew id-durata tagħha mqassra*** meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz:	1. Projbizzjoni fuq id-dħul ***maħruġa f'konformità mal-Artikolu 10(1)(a) jew (b) għandha*** tiġi rtirata meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ***juri li huwa jkun irritorna volontarjament f'konformità ma' deċiżjoni ta' ritorn***:

Or. en

Emenda 915
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. juri li huwa rritorna volontarjament f'konformità ma' deċiżjoni ta' ritorn;	***imħassar***

Or. en

Emenda 916
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Mariusz Kamiński, Nicolas Bay, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Sebastian Tynkkynen, Geadis Geadi, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. juri li huwa rritorna volontarjament f'konformità ma' deċiżjoni ta' ritorn;	***imħassar***

Or. en

Emenda 917
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. juri li huwa rritorna volontarjament f'konformità ma' deċiżjoni ta' ritorn;	***imħassar***

Or. en

Emenda 918
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. ***juri li*** huwa ***rritorna volontarjament*** f'konformità ma' deċiżjoni ta' ritorn;	a. ***jekk*** huwa ***aċċettax l-obbligu ta' tluq u jkunx telaq, jew le,*** f'konformità ma' deċiżjoni ta' ritorn;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ritorn aċċettat aktar milli ritorn volontarju. Id-deċiżjoni ta' tluq mhijiex volontarja – hija konformità ma' obbligu.

Emenda 919
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

b. ma kienx diġà s-suġġett ta' deċiżjoni ta' ritorn jew ordni ta' tneħħija fil-passat; ***imħassar***

Or. en

Emenda 920
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. ma kienx diġà s-suġġett ta' deċiżjoni ta' ritorn jew ordni ta' tneħħija fil-passat;	***imħassar***

Or. en

Emenda 921
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Rasa Juknevičienė

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. ma kienx diġà s-suġġett ta' deċiżjoni ta' ritorn jew ordni ta' tneħħija fil-passat;	***imħassar***

Or. en

Emenda 922
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Mariusz Kamiński, Nicolas Bay, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Sebastian Tynkkynen, Geadis Geadi, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. ma kienx diġà s-suġġett ta' deċiżjoni ta' ritorn jew ordni ta' tneħħija fil-passat;	***imħassar***

Or. en

Emenda 923
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. ***ma*** kienx diġà s-suġġett ta' deċiżjoni ta' ritorn jew ordni ***ta' tneħħija*** fil-passat;	b. ***jekk*** kienx diġà s-suġġett ta' deċiżjoni ta' ritorn jew ordni ***ta' ritorn, jew le,*** fil-passat;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-ordni ta' tneħħija hija estensjoni tad-deċiżjoni ta' ritorn. L-inklużjoni tat-tnejn li huma hawnhekk toħloq konfużjoni, daqslikieku persuna ripatrijata għandu mnejn ikollha ordni ta' tneħħija mingħajr deċiżjoni ta' ritorn.

Emenda 924
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ba. jieħu f'idejh il-ħlas tal-kostijiet tar-ritorn.

Or. en

Emenda 925
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c. ma jkunx daħal fit-territorju ta' Stat Membru waqt li projbizzjoni fuq id-dħul kienet għadha fis-seħħ.	***imħassar***

Or. en

Emenda 926
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c. ma jkunx daħal fit-territorju ta' Stat Membru waqt li projbizzjoni fuq id-dħul kienet għadha fis-seħħ.	***imħassar***

Or. en

Emenda 927
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c. ma jkunx daħal fit-territorju ta' Stat Membru waqt li projbizzjoni fuq id-dħul kienet għadha fis-seħħ.	***imħassar***

Or. en

Emenda 928
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Mariusz Kamiński, Nicolas Bay, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Sebastian Tynkkynen, Geadis Geadi, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c. ma jkunx daħal fit-territorju ta' Stat Membru waqt li projbizzjoni fuq id-dħul kienet għadha fis-seħħ.	***imħassar***

Or. en

Emenda 929
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c. ma jkunx daħal fit-territorju ta' Stat Membru waqt li projbizzjoni fuq id-dħul kienet għadha fis-seħħ.	***imħassar***

Or. en

Emenda 930
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c. ***ma jkunx*** daħal fit-territorju ta' Stat Membru waqt li projbizzjoni fuq id-dħul kienet għadha fis-seħħ.	c. ***jekk ikunx*** daħal fit-territorju ta' Stat Membru waqt li projbizzjoni fuq id-dħul***, li kien jaf biha,*** kienet għadha fis-seħħ***, jew le***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jekk il-persuna ma kinitx konxja li kienet stabbilita projbizzjoni fuq id-dħul, din ma tistax tinżamm kontriha.

Emenda 931
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1- punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ca. raġunijiet ta' kompassjoni u umanitarji, jew raġunijiet oħrajn li jiġġustifikaw l-irtirar, is-sospensjoni jew it-tqassir tal-projbizzjoni fuq id-dħul.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-elementi kollha li jista' jkollhom impatt fuq deċiżjoni ta' rtirar, sospensjoni jew tqassir ta' projbizzjoni fuq id-dħul għandhom jitqiesu sabiex l-awtoritajiet tal-Istati Membri jieħdu deċiżjonijiet proporzjonati fir-rigward ta' projbizzjonijiet fuq id-dħul.

Emenda 932
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Projbizzjoni fuq id-dħul tista' wkoll tiġi rtirata, sospiża jew id-durata tagħha mqassra f'każijiet individwali ġustifikati, inkluż għal raġunijiet umanitarji, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha.	***imħassar***

Or. fr

Emenda 933
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Rasa Juknevičienė

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Projbizzjoni fuq id-dħul tista' wkoll tiġi rtirata, sospiża jew id-durata tagħha mqassra f'każijiet individwali ġustifikati, inkluż għal raġunijiet umanitarji, b'kont meħud tać-ċirkostanzi rilevanti kollha.	***imħassar***

Or. en

Emenda 934
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Projbizzjoni fuq id-dħul ***tista' wkoll*** tiġi rtirata***,*** sospiża ***jew id-durata tagħha mqassra f'każijiet individwali ġustifikati, inkluż għal raġunijiet umanitarji, b'kont meħud tać-ċirkostanzi rilevanti kollha***.	2. ***Meta*** projbizzjoni fuq id-dħul tiġi rtirata ***jew*** sospiża***, f'konformità mal-paragrafu 1, dak l-Istat Membru għandu jiżgura li l-allert assoċjat fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen jitħassar immedjatament skont l-Artikolu 40 tar-Regolament 2018/1861***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Biż-żieda fil-prevalenza ta' projbizzjonijiet fuq id-dħul, huwa essenzjali li jiġi żgurat li t-twissijiet tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen dwar projbizzjonijiet fuq id-dħul jitneħħew malli projbizzjoni fuq id-dħul tiġi sospiża jew irtirata.

Emenda 935
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Projbizzjoni fuq id-dħul ***tista' wkoll tiġi rtirata, sospiża jew id-durata tagħha mqassra*** f'każijiet individwali ġustifikati, inkluż għal raġunijiet umanitarji, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha.	2. ***L-awtorità kompetenti tista' fid-diskrezzjoni tagħha tirtira, tissospendi jew tqassar id-durata ta'*** projbizzjoni fuq id-dħul f'każijiet individwali ġustifikati, inkluż għal raġunijiet umanitarji, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha.

Or. en

Emenda 936
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Projbizzjoni fuq id-dħul ***tista'*** wkoll tiġi rtirata, sospiża jew id-durata tagħha mqassra f'każijiet individwali ġustifikati, inkluż għal raġunijiet umanitarji, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha.	2. Projbizzjoni fuq id-dħul ***għandha*** wkoll tiġi rtirata, sospiża jew id-durata tagħha mqassra***, meta jkun meħtieġ,*** f'każijiet individwali ġustifikati, inkluż għal raġunijiet umanitarji, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha.

Or. en

Emenda 937
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Projbizzjoni fuq id-dħul tista' ***wkoll*** tiġi rtirata, sospiża jew id-durata tagħha mqassra f'każijiet individwali ġustifikati***, inkluż għal raġunijiet umanitarji, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha***.	2. Projbizzjoni fuq id-dħul***, fuq talba b'bażi soda taċ-ċittadin ta' pajjiż terz,*** tista' tiġi rtirata, sospiża jew id-durata tagħha mqassra f'każijiet individwali ġustifikati.

Or. en

Emenda 938
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Projbizzjoni fuq id-dħul tista' wkoll tiġi rtirata***, sospiża*** jew id-durata tagħha mqassra f'każijiet individwali ġustifikati, ***inkluż għal raġunijiet umanitarji, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha***.	2. Projbizzjoni fuq id-dħul tista' wkoll tiġi rtirata jew id-durata tagħha mqassra f'każijiet individwali ***debitament*** ġustifikati ***u eċċezzjonali***, ***bl-eċċezzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi elenkati fil-paragrafu 2a***.

Or. en

Emenda 939
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Projbizzjoni fuq id-dħul ma għandhiex tiġi rtirata jew id-durata tagħha mqassra meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz:
	a. kien soġġett għal projbizzjoni fuq id-dħul tul il-ħajja f'konformità mal-Artikolu 10(6);
	b. joħloq, jew huwa maħsub li raġonevolment joħloq, theddida għas-sigurtà nazzjonali jew għas-sigurtà pubblika;

Or. en

Emenda 940

François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 16, il-paragrafu 1, ma għandhomx jibbenefikaw mill-irtirar, is-sospensjoni jew it-tqassir tad-durata ta' projbizzjoni fuq id-dħul.

Or. en

Emenda 941
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jingħata l-possibbiltà li jitlob dan l-irtirar, din is-sospensjoni jew dan it-tqassir tad-durata ta' projbizzjoni fuq id-dħul.	***imħassar***

Or. en

Emenda 942
Rasa Juknevičienė

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jingħata l-possibbiltà li jitlob dan l-irtirar, din is-sospensjoni jew dan it-tqassir tad-durata ta' projbizzjoni fuq id-dħul.	3. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jingħata l-possibbiltà li jitlob dan l-irtirar, din is-sospensjoni jew dan it-tqassir tad-durata ta' projbizzjoni fuq id-dħul. ***Ċittadin ta' pajjiż terz li tkun inħarġitlu***

projbizzjoni fuq id-dħul li taqbeż l-10 snin skont l-Artikolu 10(6) jew l-Artikolu 16(3)(a) jista', 5 snin wara t-tluq tiegħu mill-Istati Membri, jitlob lill-Istat Membru emittenti jirrieżamina jekk il-projbizzjoni fuq id-dħul għandhiex tiġi rtirata, sospiża jew imqassra, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha, inkluż, meta jkun applikabbli, jekk il-persuna għadhiex tippreżenta riskju għas-sigurtà skont l-Artikolu 16 jekk il-miżura għadhiex meħtieġa biex tipprevjeni d-dħul fit-territorju tal-Istati Membri. Kwalunkwe talba bħal din għandu jkollha bażi soda.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tiżgura li l-Istati Membri jkollhom il-kapaċità li joħorġu projbizzjoni fuq id-dħul għal żmien indefinit f'każijiet li fihom ċittadin ta' pajjiż terz ikun ta' theddida serja u persistenti għas-sigurtà. Filwaqt li l-Artikoli 10(6) u 16(3) jillimitaw id-durata massima ta' projbizzjoni fuq id-dħul, ċerti każijiet li jinvolvu individwi b'riskju għoli jirrikjedu rispons preventiv aktar robust u fit-tul. Il-permess ta' projbizzjoni fuq id-dħul mingħajr data tat-tmiem fissa, meta debitament ġustifikata u proporzjonata, jipprovdi lill-Istati Membri l-flessibbiltà meħtieġa biex jindirizzaw sitwazzjonijiet li fihom ir-riskju għas-sigurtà x'aktarx li ma jonqosx f'perjodu ta' żmien prevedibbli. Il-possibbiltà li tiġi imposta projbizzjoni fuq id-dħul indefinita tibqa' strettament kundizzjonali fuq valutazzjoni individwalizzata, ir-rispett għad-drittijiet u s-salvagwardji fundamentali, u rieżami perjodiku skont id-dritt nazzjonali biex jiġi żgurat li l-miżura ma tippersistix aktar mit-theddida sottostanti. Dan l-approċċ isaħħaħ il-protezzjoni tas-sigurtà interna filwaqt li jżomm konformità sħiħa mal-prinċipji tal-ħtieġa u tal-proporzjonalità.

Emenda 943
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ***għandu jingħata l-possibbiltà li jitlob dan l-irtirar***, ***din is-sospensjoni*** jew ***dan it-tqassir*** tad-durata ta' projbizzjoni fuq id-dħul.	3. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ***jista' jissottometti talba b'bażi soda għall-irtirar***, ***għas-sospensjoni*** jew ***għat-tqassir*** tad-durata ta' projbizzjoni fuq id-dħul***, dment li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun***

	ikkonforma mad-deċiżjoni ta' ritorn, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4, u ċ-ċittadin ta' pajjiż terz tkun inħarġitlu projbizzjoni fuq id-dħul li taqbeż l-10 snin f'konformità mal-Artikolu 10(6) jew l-Artikolu 16(3)(a). Id-deċiżjoni għandha tikkunsidra kif xieraq iċ-ċirkostanzi rilevanti kollha, inkluż, meta rilevanti, jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz kienx riskju għas-sigurtà skont l-Artikolu 16, u jekk il-projbizzjoni fuq id-dħul tibqax meħtieġa biex tkompli tipprevjeni lil dak iċ-ċittadin ta' pajjiż terz milli jidħol fit-territorju tal-Istati Membri.
	Or. en

Emenda 944
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ***għandu jingħata l-possibbiltà li jitlob dan l-irtirar***, ***din is-sospensjoni*** jew ***dan it-tqassir*** tad-durata ta' projbizzjoni fuq id-dħul.	3. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ***jista' jissottometti talba bil-miktub bil-lingwa tal-Istat Membru emittenti għall-irtirar***, ***għas-sospensjoni*** jew ***għat-tqassir*** tad-durata ta' projbizzjoni fuq id-dħul. ***Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jistgħu jkunu intitolati, f'okkażjoni waħda biss, li jitolbu l-irtirar ta' projbizzjoni fuq id-dħul jew it-tqassir tad-durata tagħha. Talbiet sussegwenti għall-istess għan ma għandhomx ikunu ammissibbli.***
	Or. en

Emenda 945
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jingħata l-possibbiltà li jitlob dan l-irtirar, din is-sospensjoni jew dan it-tqassir tad-durata ta' projbizzjoni fuq id-dħul.	3. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jingħata l-possibbiltà li jitlob dan l-irtirar, din is-sospensjoni jew dan it-tqassir tad-durata ta' projbizzjoni fuq id-dħul***, inkluż wara li jitlaq mit-territorju tal-Istat Membru emittenti***.

Or. en

Emenda 946
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ***għandu*** jingħata l-possibbiltà li jitlob ***dan l-irtirar, din is-sospensjoni jew*** dan it-tqassir tad-durata ta' projbizzjoni fuq id-dħul.	3. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ***jista'*** jingħata l-possibbiltà li jitlob dan it-tqassir tad-durata ta' projbizzjoni fuq id-dħul.

Or. fr

Emenda 947
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Mariusz Kamiński, Nicolas Bay, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Sebastian Tynkkynen, Geadis Geadi, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu l-irtirar ta' projbizzjoni fuq id-dħul soġġett għal:
	i) ir-rimborż tal-kostijiet tat-tneħħija taċ-ċittadin ta' pajjiż terz
	ii) rekwiżit li wieħed japplika għal viża, speċjalment f'każijiet li fihom il-pajjiż terz ikun ibbenefika qabel minn aċċess mingħajr viża, li jingħata b'mod

kundizzjonali fuq il-ħlas bil-quddiem ta' garanzija tal-viżi li tkun mill-inqas ekwivalenti għall-kost preċedenti tat-tneħħija taċ-ċittadin ta' pajjiż terz. Il-kundizzjonijiet għall-ħlas, iż-żamma, is-sekwestru u r-rifużjoni tal-garanzija għandhom jiġu ddeterminati skont id-dritt nazzjonali. Kwalunkwe ksur sussegwenti tar-regoli nazzjonali jew tal-immigrazzjoni, inkluż id-dħul illegali, is-soġġorn eċċessiv, jew l-imġiba kriminali, għandu jirriżulta fit-telf awtomatiku tal-garanzija.

Or. en

Emenda 948
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Il-proċedura għall-irtirar, għas-sospensjoni jew għat-tqassir tat-tul ta' projbizzjoni fuq id-dħul għandha tiġi stabbilita fid-dritt nazzjonali u tinkludi proċedura aċċessibbli għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu diġà telqu mit-territorju tal-UE. Din il-proċedura għandha tiġi kkomunikata liċ-ċittadin ta' pajjiż terz bil-miktub, b'lingwa sempliċi u aċċessibbli u b'lingwa li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jifhem, inkluż permezz ta' traduzzjoni u interpretazzjoni bil-miktub jew orali kif meħtieġ.

Or. en

Emenda 949
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament

Artikolu 11 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu fid-dritt nazzjonali l-proċedura għall-irtirar, għas-sospensjoni, jew għat-tqassir tat-tul ta' żmien ta' projbizzjoni fuq id-dħul. Il-proċedura għandha tkun miftuħa għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu diġà telqu mit-territorju tal-Unjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jkunu jistgħu jifhmu r-regoli dwar il-projbizzjonijiet fuq id-dħul u t-tqassir, is-sospensjoni jew l-irtirar ta' dawn il-projbizzjonijiet, huwa meħtieġ li jkun hemm proċedura fil-livell nazzjonali.

Emenda 950
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Il-proċedura għall-irtirar, għas-sospensjoni jew għat-tqassir tad-durata ta' projbizzjoni fuq id-dħul għandha tiġi stabbilita fid-dritt nazzjonali.

Or. en

Emenda 951
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Kapitolu II – Taqsima 4 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4 ***Infurzar tar-ritorn***	4 ***Ritorn volontarju u monitoraġġ***

tad-drittijiet fundamentali

Or. en

Emenda 952
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 12	***imħassar***
Tneħħija	
1. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz soġġett għal deċiżjoni ta' ritorn għandu jitneħħa meta:	
a. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun qed jirrifjuta li jikkoopera mal-awtoritajiet matul il-proċess ta' ritorn;	
b. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jirriloka lejn Stat Membru ieħor mingħajr awtorizzazzjoni, inkluż matul il-perjodu stabbilit f'konformità mal-Artikolu 13;	
c. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 16;	
d. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jkunx telaq mit-territorju tal-Istati Membri sad-data stabbilita f'konformità mal-Artikolu 13.	
2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu joħorġu deċiżjoni amministrattiva jew ġudizzjarja separata bil-miktub li tordna t-tneħħija.	
3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement b'referenza għall-pajjiż ta' ritorn. Huma jistgħu jserrħu fuq valutazzjoni bir-reqqa eżistenti taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha fl-istadji preċedenti tal-proċedura. Bidliet fiċ-ċirkostanzi u elementi ġodda li juru riskju għandhom jiġu eżaminati kif xieraq. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat għandu jressaq malajr kemm jista' jkun	

kwalunkwe element rilevanti li jirrigwarda ċ-ċirkostanzi personali tiegħu.

4. Il-miżuri ta' koerċizzjoni meħuda biex tiġi żgurata t-tneħħija għandhom ikunu meħtieġa u proporzjonati u, fi kwalunkwe każ, ma għandhomx jaqbżu l-livell limitu ta' forza raġonevoli. Dawn għandhom jiġu implimentati f'konformità mad-dritt nazzjonali li filwaqt li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali u bir-rispett dovut għad-dinjità u l-integrità fiżika taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat.

5. Fit-twettiq ta' tneħħijiet bl-ajru, l-Istati Membri għandhom iqisu l-linji gwida komuni dwar id-dispożizzjonijiet ta' sigurtà għal tneħħijiet konġunti bl-ajru li huma stabbiliti fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/573/KE[26].

6. F'każijiet debitament ġustifikati u meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun qed jikkoopera b'mod ċar, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeċiedu li jindikaw data sa meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jitlaq mit-territorju tal-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 13. F'każijiet bħal dawn, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jimmonitorjaw mill-qrib il-konformità taċ-ċittadin ta' pajjiż terz, inkluż billi jorganizzaw assistenza għat-trasport sal-punt rilevanti tat-tluq mill-Unjoni.

---

[26] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/573/KE tad-29 ta' April 2004 dwar l-organizzazzjoni ta' titjiriet konġunti għat-tneħħija mit-territorju ta' żewġ Stati Membri jew iktar, ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma suġġetti għal ordnijiet individwali ta' tneħħija (ĠU L 261, 6.8.2004, p. 28, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2004/573/oj).

Or. en

Emenda 953
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 12	***imħassar***
Tneħħija	
1. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz soġġett għal deċiżjoni ta' ritorn għandu jitneħħa meta:	
a. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun qed jirrifjuta li jikkoopera mal-awtoritajiet matul il-proċess ta' ritorn;	
b. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jirriloka lejn Stat Membru ieħor mingħajr awtorizzazzjoni, inkluż matul il-perjodu stabbilit f'konformità mal-Artikolu 13;	
c. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 16;	
d. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jkunx telaq mit-territorju tal-Istati Membri sad-data stabbilita f'konformità mal-Artikolu 13.	
2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu joħorġu deċiżjoni amministrattiva jew ġudizzjarja separata bil-miktub li tordna t-tneħħija.	
3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement b'referenza għall-pajjiż ta' ritorn. Huma jistgħu jserrħu fuq valutazzjoni bir-reqqa eżistenti taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha fl-istadji preċedenti tal-proċedura. Bidliet fiċ-ċirkostanzi u elementi ġodda li juru riskju għandhom jiġu eżaminati kif xieraq. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat għandu jressaq malajr kemm jista' jkun kwalunkwe element rilevanti li jirrigwarda ċ-ċirkostanzi personali tiegħu.	
4. Il-miżuri ta' koerċizzjoni meħuda biex tiġi żgurata t-tneħħija għandhom ikunu meħtieġa u proporzjonati u, fi kwalunkwe każ, ma għandhomx jaqbżu l-livell limitu	

ta' forza raġonevoli. Dawn għandhom jiġu implimentati f'konformità mad-dritt nazzjonali li filwaqt li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali u bir-rispett dovut għad-dinjità u l-integrità fiżika taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat.

5. Fit-twettiq ta' tneħħijiet bl-ajru, l-Istati Membri għandhom iqisu l-linji gwida komuni dwar id-dispożizzjonijiet ta' sigurtà għal tneħħijiet konġunti bl-ajru li huma stabbiliti fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/573/KE[26].

6. F'każijiet debitament ġustifikati u meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun qed jikkoopera b'mod ċar, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeċiedu li jindikaw data sa meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jitlaq mit-territorju tal-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 13. F'każijiet bħal dawn, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jimmonitorjaw mill-qrib il-konformità taċ-ċittadin ta' pajjiż terz, inkluż billi jorganizzaw assistenza għat-trasport sal-punt rilevanti tat-tluq mill-Unjoni.

---

[26] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/573/KE tad-29 ta' April 2004 dwar l-organizzazzjoni ta' titjiriet konġunti għat-tneħħija mit-territorju ta' żewġ Stati Membri jew iktar, ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma suġġetti għal ordnijiet individwali ta' tneħħija (ĠU L 261, 6.8.2004, p. 28, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2004/573/oj).

Or. en

Emenda 954
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 12	***imħassar***
Tneħħija	
1. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz soġġett għal deċiżjoni ta' ritorn għandu jitneħħa meta:	
a. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun qed jirrifjuta li jikkoopera mal-awtoritajiet matul il-proċess ta' ritorn;	
b. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jirriloka lejn Stat Membru ieħor mingħajr awtorizzazzjoni, inkluż matul il-perjodu stabbilit f'konformità mal-Artikolu 13;	
c. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 16;	
d. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jkunx telaq mit-territorju tal-Istati Membri sad-data stabbilita f'konformità mal-Artikolu 13.	
2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu joħorġu deċiżjoni amministrattiva jew ġudizzjarja separata bil-miktub li tordna t-tneħħija.	
3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement b'referenza għall-pajjiż ta' ritorn. Huma jistgħu jserrħu fuq valutazzjoni bir-reqqa eżistenti taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha fl-istadji preċedenti tal-proċedura. Bidliet fiċ-ċirkostanzi u elementi ġodda li juru riskju għandhom jiġu eżaminati kif xieraq. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat għandu jressaq malajr kemm jista' jkun kwalunkwe element rilevanti li jirrigwarda ċ-ċirkostanzi personali tiegħu.	
4. Il-miżuri ta' koerċizzjoni meħuda biex tiġi żgurata t-tneħħija għandhom ikunu meħtieġa u proporzjonati u, fi kwalunkwe każ, ma għandhomx jaqbżu l-livell limitu ta' forza raġonevoli. Dawn għandhom jiġu implimentati f'konformità mad-dritt nazzjonali li filwaqt li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali u bir-rispett dovut għad-dinjità u l-integrità fiżika taċ-	

ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat.

5. Fit-twettiq ta' tneħħijiet bl-ajru, l-Istati Membri għandhom iqisu l-linji gwida komuni dwar id-dispożizzjonijiet ta' sigurtà għal tneħħijiet konġunti bl-ajru li huma stabbiliti fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/573/KE[26].

6. F'każijiet debitament ġustifikati u meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun qed jikkoopera b'mod ċar, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeċiedu li jindikaw data sa meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jitlaq mit-territorju tal-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 13. F'każijiet bħal dawn, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jimmonitorjaw mill-qrib il-konformità taċ-ċittadin ta' pajjiż terz, inkluż billi jorganizzaw assistenza għat-trasport sal-punt rilevanti tat-tluq mill-Unjoni.

---

[26] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/573/KE tad-29 ta' April 2004 dwar l-organizzazzjoni ta' titjiriet konġunti għat-tneħħija mit-territorju ta' żewġ Stati Membri jew iktar, ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma suġġetti għal ordnijiet individwali ta' tneħħija (ĠU L 261, 6.8.2004, p. 28, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2004/573/oj).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Imressaq mill-ġdid bħala artikolu 13a.

Emenda 955
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	-1. Dan l-Artikolu għandu japplika meta ċittadin ta' pajjiż terz ma jkunx ikkonforma mal-obbligu ta' ritorn fi żmien il-perjodu għat-tluq volontarju stabbilit fid-deċiżjoni ta' ritorn skont l-Artikolu 7, jew meta dik id-deċiżjoni timponi obbligu ta' ritorn immedjat.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali u jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi, nipproponu l-istruttura li ġejja.

- Konformità: Individwu li jaderixxi mal-obbligu li jitlaq jissodisfa t-termini tad-deċiżjoni ta' ritorn (l-Artikolu 7).

- Nuqqas ta' konformità: Individwu li ma jitlaqx isir, minħabba dan il-fatt biss, soġġett għal tneħħija (Artikolu 12). Dan l-istatus jippermetti direttament l-applikazzjoni ta' detenzjoni jew miżura alternattiva.

- Prinċipju Prevalenti: Minkejja l-applikazzjoni ta' dawn il-miżuri, l-individwu mhuwiex prekluż milli jikkonforma mad-deċiżjoni ta' ritorn fi kwalunkwe ħin.

Emenda 956
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz soġġett għal deċiżjoni ta' ritorn għandu jitneħħa meta:	***imħassar***
a. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun qed jirrifjuta li jikkoopera mal-awtoritajiet matul il-proċess ta' ritorn;	
b. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jirriloka lejn Stat Membru ieħor mingħajr awtorizzazzjoni, inkluż matul il-perjodu stabbilit f'konformità mal-Artikolu 13;	

c. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 16;

d. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jkunx telaq mit-territorju tal-Istati Membri sad-data stabbilita f'konformità mal-Artikolu 13.

Or. en

Emenda 957
Jan-Christoph Oetjen, Irena Joveva

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun qed jirrifjuta li jikkoopera mal-awtoritajiet matul il-proċess ta' ritorn;	***imħassar***

Or. en

Emenda 958
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Rasa Juknevičienė

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun qed jirrifjuta li jikkoopera mal-awtoritajiet matul il-proċess ta' ritorn;	a. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun qed jirrifjuta li jikkoopera mal-awtoritajiet***, f'konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 21,*** matul il-proċess ta' ritorn;

Or. en

Emenda 959
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ***ikun qed jirrifjuta li jikkoopera mal-awtoritajiet matul il-proċess ta' ritorn***;	a. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ***ma jkunx ikkonforma mal-obbligu li jitlaq mit-territorju f'konformità mal-Artikolu 7***;

Or. en

Emenda 960
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun qed jirrifjuta li jikkoopera mal-awtoritajiet ***matul il-proċess ta' ritorn***;	a. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun qed jirrifjuta li jikkoopera mal-awtoritajiet;

Or. en

Emenda 961
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	aa. iċ-ċittadin ta' pajjiżi terz ma jikkooperax mal-awtoritajiet;

Or. en

Emenda 962
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

b. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jirriloka lejn Stat Membru ieħor mingħajr awtorizzazzjoni, inkluż matul il-perjodu stabbilit f'konformità mal-Artikolu 13;	***imħassar***

Or. en

Emenda 963
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ***jirriloka lejn*** Stat Membru ieħor ***mingħajr awtorizzazzjoni***, inkluż matul il-perjodu stabbilit f'konformità mal-Artikolu 13;	b. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ***jitlaq mit-territorju tal-Istat Membru u jidħol fi*** Stat Membru ieħor, inkluż matul il-perjodu stabbilit f'konformità mal-Artikolu 13;

Or. en

Emenda 964
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
d. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ***ma jkunx telaq mit-territorju tal-Istati Membri sad-data stabbilita*** f'konformità mal-Artikolu ***13.***	d. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ***jirriloka lejn Stat Membru ieħor mingħajr awtorizzazzjoni, inkluż matul il-perjodu stabbilit*** f'konformità mal-Artikolu ***7;***

Or. en

Emenda 965
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	da. meta l-awtoritajiet kompetenti jqisu li t-tneħħija tkun meħtieġa u proporzjonata, f'konformità mad-dritt nazzjonali, għal raġunijiet għajr dawk elenkati fil-punti (a) sa (d).

Or. en

Emenda 966
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	da. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun ipprovda età falza, qarrieqa jew intenzjonalment irrappreżentaha ħażin lill-awtoritajiet kompetenti;

Or. en

Emenda 967
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	da. id-dritt nazzjonali jipprovdi raġunijiet għat-tneħħija taċ-ċittadin ta' pajjiż terz għal raġunijiet oħra għajr is-subparagrafu (a) sa (d).

Or. en

Emenda 968
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	da. e. hemm raġunijiet oħra fid-dritt nazzjonali.

Or. en

Emenda 969
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	db. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jkunx ikkonforma mal-obbligu ta' ritorn fi żmien il-perjodu għat-tluq volontarju stabbilit fid-deċiżjoni ta' ritorn;

Or. en

Emenda 970
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	db. l-Istat Membru jqis li huwa meħtieġ, kif previst fid-dritt nazzjonali, li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jitneħħa għal raġunijiet oħra għajr (a) sa (d).

Or. en

Emenda 971
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt dc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	dc. Meta ma jkunx ġie ddeterminat pajjiż ta' ritorn minn qabel, l-Istat Membru għandu jiddetermina pajjiż ta' ritorn wieħed jew aktar kif imsemmi fl-Artikolu 4, il-paragrafu 3, qabel ma titwettaq it-tneħħija.

Or. en

Emenda 972
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt dc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	dc. l-Istat Membru jqis li huwa meħtieġ, kif previst fid-dritt nazzjonali, li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jitneħħa għal raġunijiet għajr dawk elenkati fis-subparagrafu (a) sa (f).

Or. en

Emenda 973
Jan-Christoph Oetjen, Irena Joveva, Abir Al-Sahlani

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz soġġett għal deċiżjoni ta' ritorn jista' jitneħħa meta:
	(a) iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun qed jirrifjuta li jikkoopera mal-awtoritajiet matul il-proċess ta' ritorn;

Or. en

Emenda 974
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***L-awtoritajiet*** kompetenti ***tal-Istati Membri jistgħu joħorġu*** deċiżjoni amministrattiva jew ġudizzjarja separata ***bil-miktub li tordna t-tneħħija***.	2. ***Ordni ta' tneħħija għandha tinħareġ mill-awtoritajiet*** kompetenti ***lil kwalunkwe ċittadin ta' pajjiż terz li huwa soġġett għal tneħħija. L-ordni ta' tneħħija għandha tinħareġ bil-miktub fl-istess deċiżjoni bħad-deċiżjoni ta' ritorn jew bħala*** deċiżjoni amministrattiva jew ġudizzjarja separata.

Or. en

Emenda 975
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu joħorġu ***deċiżjoni amministrattiva*** jew ***ġudizzjarja separata bil-miktub li tordna t-tneħħija***.	2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu joħorġu ***deċiżjoni dwar tneħħija flimkien ma deċiżjoni ta' ritorn f'deċiżjoni jew att amministrattiv*** jew ***ġudizzjarju jew f'att amministrattiv jew ġudizzjarju separat***.

Or. en

Emenda 976
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Meta awtorità kompetenti toħroġ deċiżjoni li tordna t-tneħħija, u meta l-pajjiż tar-ritorn ma jkunx ġie ddeterminat minn qabel, id-deċiżjoni li tordna t-tneħħija għandha tiddikjara pajjiż ta' ritorn wieħed jew aktar kif imsemmi fl-Artikolu 4(3).

Or. en

Emenda 977
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. Meta tinħareġ deċiżjoni li tordna t-tneħħija, din għandha tagħti raġunijiet fil-fatt u fil-liġi. Id-deċiżjoni li tordna t-tneħħija għandha tiġi notifikata liċ-ċittadin ta' pajjiż terz malajr kemm jista' jkun f'konformità mad-dritt nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat.

Or. en

Emenda 978
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2c. Meta tinħareġ deċiżjoni li tordna t-tneħħija, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu, fuq talba, jiġi pprovdut traduzzjoni bil-miktub jew orali tal-elementi ewlenin tad-deċiżjoni li tordna t-tneħħija, b'lingwa li

ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jifhem jew li jista' jkun raġonevolment prežunt li jifhem. L-Istati Membri jistgħu jużaw skedi ta' informazzjoni jew traduzzjonijiet ġeneralizzati, inkluż traduzzjonijiet iġġenerati mill-magni.

Or. en

Emenda 979
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement b'referenza għall-pajjiż ta' ritorn. Huma jistgħu jserrħu fuq valutazzjoni bir-reqqa eżistenti taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha fl-istadji preċedenti tal-proċedura. Bidliet fiċ-ċirkostanzi u elementi ġodda li juru riskju għandhom jiġu eżaminati kif xieraq. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat għandu jressaq malajr kemm jista' jkun kwalunkwe element rilevanti li jirrigwarda ċ-ċirkostanzi personali tiegħu.	***imħassar***

Or. en

Emenda 980
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement b'referenza	***imħassar***

għall-pajjiż ta' ritorn. Huma jistgħu jserrħu fuq valutazzjoni bir-reqqa eżistenti taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha fl-istadji preċedenti tal-proċedura. Bidliet fiċ-ċirkostanzi u elementi ġodda li juru riskju għandhom jiġu eżaminati kif xieraq. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat għandu jressaq malajr kemm jista' jkun kwalunkwe element rilevanti li jirrigwarda ċ-ċirkostanzi personali tiegħu.

Or. en

Emenda 981
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-awtoritajiet ***kompetenti għandhom jivvalutaw il-konformità*** mal-prinċipju ta' non-refoulement ***b'referenza għall-pajjiż ta' ritorn. Huma jistgħu jserrħu fuq valutazzjoni bir-reqqa eżistenti taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha fl-istadji preċedenti tal-proċedura. Bidliet fiċ-ċirkostanzi u elementi ġodda li juru riskju għandhom jiġu eżaminati kif xieraq***. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat għandu jressaq malajr kemm jista' jkun kwalunkwe ***element*** rilevanti li jirrigwarda ċ-ċirkostanzi personali ***tiegħu***.	3. ***Meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jindika, jew*** l-awtoritajiet ***tal-Istati Membri jsiru konxji ta' indikazzjonijiet li t-tneħħija tikser il-prinċipju ta' non-refoulement, l-Istat Membru għandu jirreferi liċ-ċittadin ta' pajjiż terz għall-proċedura xierqa (inkluża l-proċedura tal-eżami b'referenza għar-Regolament 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi proċedura komuni għall-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE) jew inkella jikkunsidra jekk it-tneħħija hijiex konformi*** mal-prinċipju ta' non-refoulement. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat għandu jressaq kemm jista' jkun malajr kwalunkwe ***informazzjoni*** rilevanti li ***tirrigwarda*** ċ-ċirkostanzi personali tiegħu ***sabiex jissostanzja t-talba tiegħu li t-tneħħija tikser il-prinċipju ta' non-refoulement***. ***L-Istati Membri jistgħu jibbażaw fuq kwalunkwe valutazzjoni preċedenti tar-riskju ta' non-refoulement, jew iqisuha. Kunsiderazzjoni ta' valutazzjoni ġdida tar-riskju ta' refoulement għandha ssir biss jekk tkun***

ġiet sostanzjata informazzjoni ġdida u rilevanti.

Or. en

Emenda 982
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ***jivvalutaw il-konformità*** mal-prinċipju ta' non-refoulement ***b'referenza għall-pajjiż ta' ritorn. Huma*** jistgħu jserrħu fuq valutazzjoni bir-reqqa eżistenti taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha fl-istadji preċedenti tal-proċedura. Bidliet fiċ-ċirkostanzi u elementi ġodda li juru riskju għandhom jiġu eżaminati kif xieraq. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat għandu jressaq malajr kemm jista' jkun kwalunkwe element rilevanti li jirrigwarda ċ-ċirkostanzi personali tiegħu.	3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ***jikkonformaw mal-prinċipju ta' non-refoulement meta jneħħu ċittadini ta' pajjiżi terzi. Jekk ċittadin ta' pajjiż terz jew l-awtoritajiet ta' Stat Membru jindikaw li t-tneħħija tikser il-prinċipju ta' non-refoulement, l-Istat Membru għandu jirreferi liċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat għall-proċedura xierqa tal-ażil prevista skont l-APR jew id-dritt nazzjonali, jew inkella jikkunsidra jekk it-tneħħija hijiex konformi*** mal-prinċipju ta' non-refoulement***. L-Istati Membri*** jistgħu jserrħu fuq valutazzjoni bir-reqqa eżistenti taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha fl-istadji preċedenti ***tal-proċedura ta' ritorn, u, meta rilevanti,*** tal-proċedura ***tal-ażil***. Bidliet fiċ-ċirkostanzi u elementi ġodda li juru riskju għandhom jiġu eżaminati kif xieraq. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat għandu jressaq malajr kemm jista' jkun kwalunkwe element rilevanti li jirrigwarda ċ-ċirkostanzi personali tiegħu.

Or. en

Emenda 983
Irena Joveva

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement b'referenza għall-pajjiż ta' ritorn. Huma jistgħu jserrħu fuq valutazzjoni bir-reqqa eżistenti taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha fl-istadji preċedenti tal-proċedura. Bidliet fiċ-ċirkostanzi u elementi ġodda li juru riskju għandhom jiġu eżaminati kif xieraq. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat għandu jressaq malajr kemm jista' jkun kwalunkwe element rilevanti li jirrigwarda ċ-ċirkostanzi personali tiegħu.	3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement b'referenza għall-pajjiż ta' ritorn. Huma jistgħu jserrħu fuq valutazzjoni bir-reqqa eżistenti taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha fl-istadji preċedenti tal-proċedura. Bidliet fiċ-ċirkostanzi u elementi ġodda li juru riskju għandhom jiġu eżaminati kif xieraq. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat għandu jressaq malajr kemm jista' jkun kwalunkwe element rilevanti li jirrigwarda ċ-ċirkostanzi personali tiegħu. ***It-tneħħija ma għandhiex titwettaq jekk il-valutazzjoni individwali tiżvela li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz huwa persuna vulnerabbli li s-saħħa fiżika jew mentali tagħha tkun ipperikolata serjament jew il-prinċipju ta' non-refoulement jinkiser bl-infurzar tat-tneħħija.***

Or. en

Emenda 984
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement b'referenza għall-pajjiż ta' ritorn. Huma jistgħu jserrħu fuq valutazzjoni bir-reqqa eżistenti taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha fl-istadji preċedenti tal-proċedura. Bidliet fiċ-ċirkostanzi u elementi ġodda li juru riskju għandhom jiġu eżaminati kif xieraq.*** Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat għandu jressaq malajr kemm jista' jkun kwalunkwe element rilevanti li jirrigwarda ċ-ċirkostanzi personali tiegħu.	3. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat għandu jressaq malajr kemm jista' jkun kwalunkwe element rilevanti li jirrigwarda ċ-ċirkostanzi personali tiegħu***, li juri riskju ta' non-refoulement***.

Or. en

Emenda 985
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-awtoritajiet kompetenti ***għandhom*** jivvalutaw il-konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement b'referenza għall-pajjiż ta' ritorn***.*** Huma jistgħu jserrħu fuq valutazzjoni ***bir-reqqa*** eżistenti taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha ***fl-istadji preċedenti tal-proċedura.*** Bidliet fiċ-ċirkostanzi u elementi ġodda li juru riskju għandhom jiġu eżaminati ***kif xieraq***. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat għandu jressaq malajr kemm jista' jkun kwalunkwe element rilevanti li jirrigwarda ċ-ċirkostanzi personali tiegħu.	3. ***Meta*** l-awtoritajiet kompetenti ***jeħtiġilhom*** jivvalutaw il-konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement b'referenza għall-pajjiż ta' ritorn ***f'konformità mal-paragrafu 3b,*** huma jistgħu jserrħu fuq valutazzjoni eżistenti taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha***.*** Bidliet ***rilevanti*** fiċ-ċirkostanzi u elementi ġodda ***mressqa miċ-ċittadin ta' pajjiż terz*** li juru riskju għandhom***, meta applikabbli,*** jiġu eżaminati. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat għandu jressaq malajr kemm jista' jkun kwalunkwe element rilevanti li jirrigwarda ċ-ċirkostanzi personali tiegħu. ***L-Istati Membri jistgħu jiċħdu elementi li jikkonċernaw iċ-ċirkostanzi personali taċ-ċittadin ta' pajjiż terz abbażi tal-fatt li dawn setgħu ġew ippreżentati qabel.***

Or. en

Emenda 986
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3b, ladarba tkun ġiet stabbilita data ta' tneħħija, l-Istati Membri jistgħu, f'konformità mad-dritt nazzjonali,

jistabbilixxu skadenza għall-preżentazzjoni ta' elementi ġodda li jikkonċernaw iċ-ċirkostanzi personali taċ-ċittadin ta' pajjiż terz.

Or. en

Emenda 987
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-prinċipju ta' non-refoulement jista' jiġi vvalutat minn awtorità għajr l-awtorità kompetenti li tkun qed toħroġ jew tinforza d-deċiżjoni ta' ritorn.

Or. en

Emenda 988
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3b. L-obbligu li jiġi vvalutat ir-riskju ta' ksur potenzjali tal-prinċipju ta' non-refoulement skont il-paragrafu 3 għandu jitqies issodisfat meta:
	(a) ikun twettaq eżami bir-reqqa ta' tali riskju fil-kuntest ta' deċiżjoni finali fi proċedura tal-ażil; u
	(b) il-pajjiż fejn iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jiġi rritornat huwa l-istess pajjiż li kien is-suġġett ta' dak l-eżami; u
	(c) l-awtoritajiet kompetenti vverifikaw li s-sitwazzjoni ġenerali fil-pajjiż tar-ritorn

ma ddeterjoratx sostanzjalment minn meta ttieħdet dik id-deċiżjoni finali.

Or. en

Emenda 989
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-miżuri ta' koerċizzjoni meħuda biex tiġi żgurata t-tneħħija għandhom ikunu meħtieġa u proporzjonati u, fi kwalunkwe każ, ma għandhomx jaqbżu l-livell limitu ta' forza raġonevoli. Dawn għandhom jiġu implimentati f'konformità mad-dritt nazzjonali ***li filwaqt li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali u bir-rispett dovut għad-dinjità u l-integrità fiżika taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat***.	4. Il-miżuri ta' koerċizzjoni meħuda biex tiġi żgurata t-tneħħija għandhom ikunu meħtieġa u proporzjonati u, fi kwalunkwe każ, ma għandhomx jaqbżu l-livell limitu ta' forza raġonevoli. Dawn għandhom jiġu implimentati f'konformità mad-dritt nazzjonali.

Or. en

Emenda 990
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Mariusz Kamiński, Nicolas Bay, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Sebastian Tynkkynen, Geadis Geadi, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-miżuri ta' koerċizzjoni meħuda biex tiġi żgurata t-tneħħija għandhom ikunu meħtieġa u proporzjonati u, fi kwalunkwe każ, ma għandhomx jaqbżu l-livell limitu ta' forza raġonevoli. Dawn għandhom jiġu implimentati f'konformità mad-dritt nazzjonali li filwaqt li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali ***u bir-rispett dovut għad-dinjità u l-integrità***	4. Il-miżuri ta' koerċizzjoni meħuda biex tiġi żgurata t-tneħħija għandhom ikunu meħtieġa u proporzjonati u, fi kwalunkwe każ, ma għandhomx jaqbżu l-livell limitu ta' forza raġonevoli. Dawn għandhom jiġu implimentati f'konformità mad-dritt nazzjonali li filwaqt li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali.

fiżika taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat.

Or. en

Emenda 991
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-miżuri ta' koerċizzjoni meħuda biex tiġi żgurata t-tneħħija għandhom ikunu meħtieġa u proporzjonati ***u, fi kwalunkwe każ, ma għandhomx jaqbżu l-livell limitu ta' forza raġonevoli***. Dawn għandhom jiġu implimentati f'konformità mad-dritt nazzjonali ***li filwaqt li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali*** u bir-rispett dovut għad-dinjità u l-integrità fiżika taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat.	4. Il-miżuri ta' koerċizzjoni meħuda biex tiġi żgurata t-tneħħija għandhom ikunu meħtieġa u proporzjonati. Dawn għandhom jiġu implimentati f'konformità mad-dritt nazzjonali u bir-rispett dovut għad-dinjità u l-integrità fiżika taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat.

Or. en

Emenda 992
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-miżuri ta' koerċizzjoni meħuda biex tiġi żgurata t-tneħħija għandhom ikunu meħtieġa u proporzjonati ***u, fi kwalunkwe każ, ma għandhomx jaqbżu l-livell limitu ta' forza raġonevoli***. Dawn għandhom jiġu implimentati f'konformità mad-dritt nazzjonali li filwaqt li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali u bir-rispett dovut għad-dinjità u l-integrità fiżika taċ-ċittadin ta' pajjiż terz	4. Il-miżuri ta' koerċizzjoni meħuda biex tiġi żgurata t-tneħħija għandhom ikunu meħtieġa u proporzjonati***, b'mod partikolari fir-rigward tal-użu tal-forza***. Dawn għandhom jiġu implimentati f'konformità mad-dritt nazzjonali li filwaqt li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali u bir-rispett dovut għad-dinjità u l-integrità fiżika taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat.

ikkonċernat.

Or. fr

Emenda 993
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. F'każijiet debitament ġustifikati u meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun qed jikkoopera b'mod ċar, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeċiedu li jindikaw data sa meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jitlaq mit-territorju tal-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 13. F'każijiet bħal dawn, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jimmonitorjaw mill-qrib il-konformità taċ-ċittadin ta' pajjiż terz, inkluż billi jorganizzaw assistenza għat-trasport sal-punt rilevanti tat-tluq mill-Unjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 994
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. F'każijiet debitament ġustifikati u meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun qed jikkoopera b'mod ċar, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeċiedu li jindikaw data sa meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jitlaq mit-territorju tal-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 13. F'każijiet bħal dawn, l-awtoritajiet	***imħassar***

kompetenti għandhom jimmonitorjaw mill-qrib il-konformità taċ-ċittadin ta' pajjiż terz, inkluż billi jorganizzaw assistenza għat-trasport sal-punt rilevanti tat-tluq mill-Unjoni.

Or. en

Emenda 995
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. F'każijiet debitament ġustifikati u meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun qed jikkoopera b'mod ċar, l-awtoritajiet ***kompetenti*** jistgħu jiddeċiedu li jindikaw data sa meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jitlaq mit-territorju tal-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 13. F'każijiet bħal dawn, l-awtoritajiet ***kompetenti*** għandhom jimmonitorjaw mill-qrib il-konformità taċ-ċittadin ta' pajjiż terz, inkluż billi jorganizzaw assistenza għat-trasport sal-punt rilevanti tat-tluq mill-Unjoni.	6. F'każijiet debitament ġustifikati u meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun qed jikkoopera b'mod ċar, l-awtoritajiet ***nazzjonali*** jistgħu jiddeċiedu li jindikaw data sa meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jitlaq mit-territorju tal-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 13***, filwaqt li jinfurmawh bir-riskju ta' sanzjonijiet u tneħħija furzata jekk jonqos milli jirrispetta din l-iskadenza***. F'każijiet bħal dawn, l-awtoritajiet ***nazzjonali*** għandhom jimmonitorjaw mill-qrib il-konformità taċ-ċittadin ta' pajjiż terz, inkluż billi jorganizzaw assistenza għat-trasport sal-punt rilevanti tat-tluq mill-Unjoni.

Or. fr

Emenda 996
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. F'każijiet debitament ġustifikati u	6. F'każijiet debitament ġustifikati u

meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun qed jikkoopera b'mod ċar, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeċiedu li jindikaw data sa meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jitlaq mit-territorju tal-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 13. F'każijiet bħal dawn, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jimmonitorjaw mill-qrib il-konformità taċ-ċittadin ta' pajjiż terz, inkluż billi jorganizzaw assistenza għat-trasport sal-punt rilevanti tat-tluq mill-Unjoni.	meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun qed jikkoopera b'mod ċar***, u bl-esklużjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqgħu taħt l-Artikolu 16***, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeċiedu li jindikaw data sa meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jitlaq mit-territorju tal-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 13. F'każijiet bħal dawn, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jimmonitorjaw mill-qrib il-konformità taċ-ċittadin ta' pajjiż terz, inkluż billi jorganizzaw assistenza għat-trasport sal-punt rilevanti tat-tluq mill-Unjoni.

Or. en

Emenda 997
Cecilia Strada, Marco Tarquinio, Alessandro Zan

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. L-ordnijiet ta' tneħħija ma għandhomx jiġu eżegwiti sakemm iddum il-proċedura ta' appell biex jiġu kkontestati d-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7, l-Artikolu 10 l-Artikolu 12(2) quddiem awtorità ġudizzjarja kompetenti kif stabbilit fl-Artikolu 27.

Or. en

Emenda 998
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. Xejn f'dan l-Artikolu ma għandu jipprevjeni lil ċittadin ta' pajjiż terz milli

jikkonforma mal-obbligu ta' ritorn fi kwalunkwe ħin.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din id-dispożizzjoni tiċċara li, minkejja l-bidu ta' proċeduri ta' tneħħija skont dan l-Artikolu, l-obbligu sottostanti taċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jirritorna jibqa'. Dan jiżgura ċ-ċertezza legali billi jikkonferma li l-individwu jżomm il-kapaċità li jikkonforma volontarjament mad-deċiżjoni ta' ritorn fi kwalunkwe stadju, li huwa konsistenti mal-prinċipju li jiffavorixxi l-konformità volontarja fuq il-miżuri ta' koerċizzjoni.

Emenda 999
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6b. Meta ċittadin ta' pajjiż terz ikun soġġett għal tneħħija, l-Istati Membri jistgħu jżommu lil dik il-persuna f'detenzjoni jew japplikaw waħda jew aktar mill-miżuri previsti fl-Artikolu 31.

Or. en

Emenda 1000
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 13	***imħassar***
Ritorn volontarju	
1. Meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jkunx soġġett għal tneħħija f'konformità mal-Artikolu 12, id-deċiżjoni ta' ritorn għandha tindika data sa meta ċ-ċittadin	

ta' pajjiż terz għandu jitlaq mit-territorju tal-Istati Membri u għandha tiddikjara l-possibbiltà li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jitlaq qabel.

2. Id-data msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi ddeterminata b'kunsiderazzjoni xierqa għaċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali. Id-data sa meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jitlaq ma għandhiex taqbeż it-30 jum mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni ta' ritorn.

3. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu perjodu itwal jew jestendu l-perjodu biex jitilqu mit-territorju tagħhom f'konformità mal-paragrafu 1 b'kont meħud taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali, bħar-rabtiet familjari, l-eżistenza ta' tfal li jattendu l-iskola, il-parteċipazzjoni fi programm li jappoġġa r-ritorn u r-riintegrazzjoni skont l-Artikolu 46(3) u l-konformità mal-obbligu ta' kooperazzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 21. Kwalunkwe estensjoni tal-perjodu ta' tluq għandha tiġi pprovduta bil-miktub liċ-ċittadin ta' pajjiż terz.

4. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jitlaq mit-territorju tal-Istati Membri sad-data determinata skont il-paragrafu 1. Jekk le, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jkun soġġett għal tneħħija f'konformità mal-Artikolu 12.

Or. en

Emenda 1001
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Mariusz Kamiński, Nicolas Bay, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Sebastian Tynkkynen, Geadis Geadi, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 13	***imħassar***
Ritorn volontarju	

1. Meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jkunx soġġett għal tneħħija f'konformità mal-Artikolu 12, id-deċiżjoni ta' ritorn għandha tindika data sa meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jitlaq mit-territorju tal-Istati Membri u għandha tiddikjara l-possibbiltà li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jitlaq qabel.

2. Id-data msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi ddeterminata b'kunsiderazzjoni xierqa għaċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali. Id-data sa meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jitlaq ma għandhiex taqbeż it-30 jum mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni ta' ritorn.

3. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu perjodu itwal jew jestendu l-perjodu biex jitilqu mit-territorju tagħhom f'konformità mal-paragrafu 1 b'kont meħud taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali, bħar-rabtiet familjari, l-eżistenza ta' tfal li jattendu l-iskola, il-parteċipazzjoni fi programm li jappoġġa r-ritorn u r-riintegrazzjoni skont l-Artikolu 46(3) u l-konformità mal-obbligu ta' kooperazzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 21. Kwalunkwe estensjoni tal-perjodu ta' tluq għandha tiġi pprovduta bil-miktub liċ-ċittadin ta' pajjiż terz.

4. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jitlaq mit-territorju tal-Istati Membri sad-data determinata skont il-paragrafu 1. Jekk le, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jkun soġġett għal tneħħija f'konformità mal-Artikolu 12.

Or. en

Emenda 1002
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Ritorn volontarju	Tluq volontarju

Or. en

Emenda 1003
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ritorn volontarju	***Tluq*** volontarju

Or. en

Emenda 1004
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ritorn ***volontarju***	Ritorn ***aċċettat***

Or. en

Emenda 1005
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Ana Miguel Pedro, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jkunx soġġett għal tneħħija f'konformità mal-Artikolu 12, id-deċiżjoni ta' ritorn għandha tindika data sa meta ċ-ċittadin ta'	1. Meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jkunx soġġett għal tneħħija f'konformità mal-Artikolu 12, id-deċiżjoni ta' ritorn għandha tindika data sa meta ċ-ċittadin ta'

pajjiż terz għandu jitlaq mit-territorju tal-Istati Membri u għandha tiddikjara l-possibbiltà li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jitlaq qabel.	pajjiż terz għandu jitlaq mit-territorju tal-Istati Membri u għandha tiddikjara l-possibbiltà li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jitlaq qabel. ***It-tluq volontarju huwa obbligu vinkolanti u kwalunkwe nuqqas ta' konformità għandu jirriżulta fil-bidu immedjat ta' proċeduri ta' tneħħija furzata.***

Or. en

Emenda 1006
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jkunx soġġett għal tneħħija f'konformità mal-Artikolu 12, id-deċiżjoni ta' ritorn għandha tindika data sa meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jitlaq mit-territorju tal-Istati Membri ***u*** għandha tiddikjara l-possibbiltà li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jitlaq qabel.	1. Meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jkunx soġġett għal tneħħija f'konformità mal-Artikolu 12, id-deċiżjoni ta' ritorn għandha tindika data sa meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jitlaq mit-territorju tal-Istati Membri***,*** għandha tiddikjara l-possibbiltà li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jitlaq qabel ***u tispeċifika l-konsegwenzi li jiġi espost għalihom jekk jonqos milli jirrispetta l-perjodu mogħti lilu biex jitlaq mit-territorju***.

Or. fr

Emenda 1007
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jkunx soġġett għal tneħħija f'konformità mal-Artikolu 12, id-deċiżjoni ta' ritorn għandha tindika data sa meta ċ-ċittadin***	1. ***L-Istati*** Membri ***għandhom jipprevedu*** l-possibbiltà ***effettiva*** li ***ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qed joqogħdu fil-pajjiż b'mod irregolari jitilqu***

ta' pajjiż terz għandu jitlaq mit-territorju tal-Istati Membri ***u għandha tiddikjara*** l-possibbiltà li ***ċ-ċittadin*** ta' pajjiż terz ***jitlaq qabel***.	***volontarjament mill-Istat Membru u jiżguraw li r-ritorn ikun twettaq volontarjament, inkluż in-nuqqas ta' kwalunkwe pressjoni fiżika, psikoloġika jew materjali wara eżami taċ-ċirkostanzi individwali taċ-ċittadin*** ta' pajjiż terz ***ikkonċernat***.

Or. en

Emenda 1008
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jkunx soġġett għal tneħħija f'konformità mal-Artikolu 12,*** id-deċiżjoni ta' ritorn għandha tindika data sa meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jitlaq mit-territorju tal-Istati Membri u għandha tiddikjara l-possibbiltà li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jitlaq ***qabel***.	1. Id-deċiżjoni ta' ritorn għandha tindika data sa meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jitlaq mit-territorju tal-Istati Membri u għandha tiddikjara l-possibbiltà li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jitlaq ***fi kwalunkwe ħin qabel dik id-data***.

Or. en

Emenda 1009
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jkunx soġġett għal tneħħija f'konformità mal-Artikolu 12, id-deċiżjoni*** ta' ritorn għandha tindika data sa meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ***għandu*** jitlaq mit-territorju tal-Istati Membri u għandha tiddikjara l-possibbiltà li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jitlaq	1. ***Ħlief meta persuna ripatrijata titqies li toħloq riskju għas-sigurtà interna skont l-Artikolu 16, kull deċiżjoni*** ta' ritorn għandha tindika data sa meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ***għandu*** jitlaq mit-territorju tal-Istati Membri u għandha tiddikjara l-possibbiltà li ċ-ċittadin ta'

qabel.	pajjiż terz jitlaq qabel.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sakemm ma jiġix applikat l-Artikolu 16, kull deċiżjoni ta' ritorn għandha tindika perjodu għal tluq volontarju. Il-kundizzjonijiet l-oħra għall-applikazzjoni tal-Artikolu 12/13 jiddependu mill-imġiba tal-persuna ripatrijata, li ma tistax tiġi vvalutata fil-mument tal-ħruġ tad-deċiżjoni ta' ritorn.

Emenda 1010
Irena Joveva

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jkunx soġġett għal tneħħija f'konformità mal-Artikolu 12, id-deċiżjoni ta' ritorn għandha ***tindika data*** sa meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jitlaq mit-territorju tal-Istati Membri u għandha tiddikjara l-possibbiltà li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jitlaq qabel.	1. Meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jkunx soġġett għal tneħħija f'konformità mal-Artikolu 12, id-deċiżjoni ta' ritorn għandha ***tiddikjara perjodu ta' tluq*** sa meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jitlaq mit-territorju tal-Istati Membri u għandha tiddikjara l-possibbiltà li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jitlaq qabel.

Or. en

Emenda 1011
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Id-data msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi ddeterminata b'kunsiderazzjoni xierqa għaċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali. Id-data sa meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jitlaq ma għandhiex taqbeż it-30 jum mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni ta' ritorn.	2. Id-data msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi ddeterminata b'kunsiderazzjoni xierqa għaċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali. Id-data sa meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jitlaq ma għandhiex taqbeż it-30 jum mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni ta' ritorn ***u tista'***

tindika li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jitlaq mit-territorju tal-Istati Membri immedjatament. Il-perjodu ta' tluq jista' jiġi speċifikat aktar fid-dritt nazzjonali.

Or. en

Emenda 1012
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Id-data msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi ddeterminata b'kunsiderazzjoni xierqa għaċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali.*** Id-data sa meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jitlaq ma għandhiex taqbeż ***it-30*** jum mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni ta' ritorn.	2. Id-data sa meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jitlaq ma għandhiex taqbeż ***l-14-il*** jum mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni ta' ritorn.

Or. en

Emenda 1013
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Id-data msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi ddeterminata b'kunsiderazzjoni xierqa għaċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali.*** Id-data sa meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ***għandu*** jitlaq ma għandhiex ***taqbeż it-30 jum*** mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni ta' ritorn.	2. Id-data sa meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ***jista'*** jitlaq ma għandhiex ***tkun inqas minn 6 xhur*** mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni ta' ritorn.

Or. en

Emenda 1014
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Id-data msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi ddeterminata b'kunsiderazzjoni xierqa għaċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali. Id-data sa meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jitlaq ma għandhiex taqbeż it-30 jum mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni ta' ritorn.	2. Id-data msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi ddeterminata b'kunsiderazzjoni xierqa għaċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali. Id-data sa meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jitlaq ma għandhiex ***tkun iqsar minn 7 jum u ma għandhiex*** taqbeż it-30 jum mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni ta' ritorn.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandu jkun obbligatorju perjodu minimu raġonevoli li matulu ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jista' jħejji għat-tluq mill-Unjoni.

Emenda 1015
Irena Joveva

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Id-data msemmija*** fil-paragrafu 1 ***għandha tiġi ddeterminata*** b'kunsiderazzjoni xierqa għaċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali. ***Id-data*** sa meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jitlaq ma għandhiex taqbeż it-30 jum mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni ta' ritorn.	2. ***Il-perjodu ta' tluq imsemmi*** fil-paragrafu 1 ***għandu jiġi ddeterminat*** b'kunsiderazzjoni xierqa għaċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali. ***Il-perjodu ta' tluq*** sa meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jitlaq ma għandhiex taqbeż it-30 jum mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni ta' ritorn.

Or. en

Emenda 1016

Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Id-data msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi ddeterminata b'kunsiderazzjoni xierqa għaċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali. Id-data sa meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jitlaq ***ma għandhiex taqbeż it-30*** jum mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni ta' ritorn.	2. Id-data msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi ddeterminata b'kunsiderazzjoni xierqa għaċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali. Id-data sa meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jitlaq ***għandha tkun 30*** jum mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni ta' ritorn.

Or. en

Emenda 1017
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu perjodu itwal jew jestendu l-perjodu biex jitilqu mit-territorju tagħhom f'konformità mal-paragrafu 1 b'kont meħud taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali, bħar-rabtiet familjari, l-eżistenza ta' tfal li jattendu l-iskola, il-parteċipazzjoni fi programm li jappoġġa r-ritorn u r-riintegrazzjoni skont l-Artikolu 46(3) u l-konformità mal-obbligu ta' kooperazzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 21. Kwalunkwe estensjoni tal-perjodu ta' tluq għandha tiġi pprovduta bil-miktub liċ-ċittadin ta' pajjiż terz.	***imħassar***

Or. fr

Emenda 1018
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu perjodu itwal jew jestendu l-perjodu biex jitilqu mit-territorju tagħhom f'konformità mal-paragrafu 1 b'kont meħud taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali, bħar-rabtiet familjari, l-eżistenza ta' tfal li jattendu l-iskola, il-parteċipazzjoni fi programm li jappoġġa r-ritorn u r-riintegrazzjoni skont l-Artikolu 46(3) u l-konformità mal-obbligu ta' kooperazzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 21. Kwalunkwe estensjoni tal-perjodu ta' tluq għandha tiġi pprovduta bil-miktub liċ-ċittadin ta' pajjiż terz.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1019
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu perjodu itwal jew jestendu l-perjodu biex jitilqu mit-territorju tagħhom f'konformità mal-paragrafu 1 ***b'kont meħud taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali, bħar-rabtiet familjari, l-eżistenza ta' tfal li jattendu l-iskola, il-parteċipazzjoni fi programm li jappoġġa r-ritorn u r-riintegrazzjoni skont l-Artikolu 46(3) u l-konformità mal-obbligu ta' kooperazzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 21. Kwalunkwe estensjoni tal-perjodu ta' tluq għandha tiġi pprovduta bil-miktub liċ-ċittadin ta' pajjiż terz.***	3. ***Fuq talba debitament sostanzjata taċ-ċittadin ta' pajjiż terz,*** l-Istati Membri jistgħu jipprevedu perjodu itwal jew jestendu l-perjodu biex jitilqu mit-territorju tagħhom f'konformità mal-paragrafu 1.

Or. en

Emenda 1020
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri jistgħu ***jipprevedu perjodu itwal jew*** jestendu l-perjodu biex jitilqu mit-territorju tagħhom f'konformità mal-paragrafu 1 b'kont meħud taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali**,** ***bħar-rabtiet familjari, l-eżistenza ta' tfal li jattendu l-iskola, il-parteċipazzjoni fi programm li jappoġġa r-ritorn u r-riintegrazzjoni skont l-Artikolu 46(3)*** u l-konformità mal-obbligu ta' kooperazzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 21. Kwalunkwe estensjoni tal-perjodu ta' tluq għandha tiġi pprovduta bil-miktub liċ-ċittadin ta' pajjiż terz.	3. L-Istati Membri jistgħu jestendu l-perjodu biex jitilqu mit-territorju tagħhom f'konformità mal-paragrafu 1 b'kont meħud taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali u l-konformità mal-obbligu ta' kooperazzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 21. Kwalunkwe estensjoni tal-perjodu ta' tluq ***ma għandhiex taqbeż it-30 jum u*** għandha tiġi pprovduta bil-miktub liċ-ċittadin ta' pajjiż terz.

Or. en

Emenda 1021
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri jistgħu ***jipprevedu perjodu itwal jew*** jestendu l-perjodu biex ***jitilqu mit-territorju tagħhom f'konformità mal-paragrafu 1 b'kont meħud taċ-ċirkostanzi*** speċifiċi tal-każ individwali, ***bħar-rabtiet familjari, l-eżistenza ta' tfal li jattendu l-iskola, il-parteċipazzjoni*** fi programm li jappoġġa r-ritorn u r-riintegrazzjoni skont l-Artikolu 46(3) u l-konformità mal-obbligu ta' kooperazzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 21. Kwalunkwe estensjoni tal-perjodu ta' tluq	3. L-Istati Membri jistgħu jestendu l-perjodu ***ta' tluq skont iċ-ċirkostanzi*** speċifiċi tal-każ individwali ***u b'kunsiderazzjoni xierqa għalihom***, ***b'mod partikolari l-parteċipazzjoni*** fi programm li jappoġġa r-ritorn u r-riintegrazzjoni skont l-Artikolu 46(3) u l-konformità mal-obbligu ta' kooperazzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 21. Kwalunkwe estensjoni tal-perjodu ta' tluq għandha tiġi pprovduta bil-miktub liċ-ċittadin ta' pajjiż terz.

għandha tiġi pprovduta bil-miktub liċ-ċittadin ta' pajjiż terz.

L-Istati Membri jistgħu jqassru l-perjodu ta' tluq skont il-paragrafu 1a f'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligu ta' kooperazzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 21.

Or. en

Emenda 1022
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu perjodu itwal jew jestendu l-perjodu biex jitilqu mit-territorju tagħhom f'konformità mal-paragrafu 1 b'kont meħud taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali, bħar-rabtiet familjari, l-eżistenza ta' tfal li jattendu l-iskola***, il-parteċipazzjoni fi programm li jappoġġa r-ritorn u r-riintegrazzjoni skont l-Artikolu 46(3)*** u l-konformità mal-obbligu ta' kooperazzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 21. Kwalunkwe estensjoni tal-perjodu ta' tluq għandha tiġi pprovduta bil-miktub liċ-ċittadin ta' pajjiż terz.	3. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu perjodu itwal jew jestendu l-perjodu biex jitilqu mit-territorju tagħhom f'konformità mal-paragrafu 1 b'kont meħud taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali, bħar-rabtiet familjari, l-eżistenza ta' tfal li jattendu l-iskola u l-konformità mal-obbligu ta' kooperazzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 21. Kwalunkwe estensjoni tal-perjodu ta' tluq għandha tiġi pprovduta bil-miktub liċ-ċittadin ta' pajjiż terz.

Or. en

Emenda 1023
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri ***jistgħu*** jipprevedu perjodu itwal jew jestendu l-perjodu biex jitilqu mit-territorju tagħhom f'konformità	3. L-Istati Membri ***għandhom*** jipprevedu perjodu itwal jew jestendu l-perjodu ***volontarju*** biex jitilqu mit-

mal-paragrafu 1 b'kont meħud taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali, bħar-rabtiet familjari, l-eżistenza ta' tfal li jattendu l-iskola, il-parteċipazzjoni fi programm li jappoġġa r-ritorn u r-riintegrazzjoni skont l-Artikolu 46(3) u ***l-konformità mal-obbligu ta' kooperazzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 21***. Kwalunkwe estensjoni tal-perjodu ta' tluq għandha tiġi pprovduta bil-miktub liċ-ċittadin ta' pajjiż terz.	territorju tagħhom f'konformità mal-paragrafu 1 b'kont meħud taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali, bħar-rabtiet ***soċjali, ir-rabtiet*** familjari, l-eżistenza ta' tfal li jattendu l-iskola, il-parteċipazzjoni fi programm li jappoġġa r-ritorn u r-riintegrazzjoni skont l-Artikolu 46(3) u ***kwalunkwe ħtieġa speċifika ta' persuni vulnerabbli inkluża l-valutazzjoni tal-ħtiġijiet tas-saħħa u dawk mediċi***. Kwalunkwe estensjoni tal-perjodu ta' tluq għandha tiġi pprovduta bil-miktub liċ-ċittadin ta' pajjiż terz.

Or. en

Emenda 1024
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu perjodu itwal jew jestendu l-perjodu biex jitilqu mit-territorju tagħhom f'konformità mal-paragrafu 1 b'kont meħud taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali, ***bħar-rabtiet*** familjari, l-eżistenza ta' tfal li jattendu l-iskola, il-parteċipazzjoni fi programm li jappoġġa r-ritorn u r-riintegrazzjoni skont l-Artikolu 46(3) u l-konformità mal-obbligu ta' kooperazzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 21. Kwalunkwe estensjoni tal-perjodu ta' tluq għandha tiġi pprovduta bil-miktub liċ-ċittadin ta' pajjiż terz.	3. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu perjodu itwal jew jestendu l-perjodu biex jitilqu mit-territorju tagħhom f'konformità mal-paragrafu 1 b'kont meħud taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali, ***bħat-tul tas-soġġorn, ir-rabtiet*** familjari, l-eżistenza ta' tfal li jattendu l-iskola, il-parteċipazzjoni fi programm li jappoġġa r-ritorn u r-riintegrazzjoni skont l-Artikolu 46(3) u l-konformità mal-obbligu ta' kooperazzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 21. Kwalunkwe estensjoni tal-perjodu ta' tluq għandha tiġi pprovduta bil-miktub liċ-ċittadin ta' pajjiż terz.

Or. en

Emenda 1025
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri ***jistgħu*** jipprevedu perjodu itwal jew jestendu l-perjodu biex jitilqu mit-territorju tagħhom f'konformità mal-paragrafu 1 b'kont meħud taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali, bħar-rabtiet familjari, l-eżistenza ta' tfal li jattendu l-iskola, il-parteċipazzjoni fi programm li jappoġġa r-ritorn u r-riintegrazzjoni skont l-Artikolu 46(3) u l-konformità mal-obbligu ta' kooperazzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 21. Kwalunkwe estensjoni tal-perjodu ta' tluq għandha tiġi pprovduta bil-miktub liċ-ċittadin ta' pajjiż terz.	3. L-Istati Membri ***għandhom*** jipprevedu perjodu itwal jew jestendu l-perjodu biex jitilqu mit-territorju tagħhom f'konformità mal-paragrafu 1 ***meta jkun meħtieġ,*** b'kont meħud taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali, bħar-rabtiet familjari, l-eżistenza ta' tfal li jattendu l-iskola, il-parteċipazzjoni fi programm li jappoġġa r-ritorn u r-riintegrazzjoni skont l-Artikolu 46(3) u l-konformità mal-obbligu ta' kooperazzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 21. Kwalunkwe estensjoni tal-perjodu ta' tluq għandha tiġi pprovduta bil-miktub liċ-ċittadin ta' pajjiż terz.

Or. en

Emenda 1026
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Meta ċittadin ta' pajjiż terz ikun ta' theddida ġenwina u preżenti għas-sigurtà interna, l-Istati Membri jistgħu joqogħdu lura milli jagħtu perjodu għat-tluq volontarju.

Or. en

Emenda 1027
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jitlaq mit-territorju tal-Istati Membri sad-data determinata skont il-paragrafu 1. Jekk le, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jkun soġġett għal tneħħija f'konformità mal-Artikolu 12.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1028
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jitlaq mit-territorju tal-Istati Membri sad-data determinata skont il-paragrafu 1. Jekk le, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jkun soġġett għal tneħħija f'konformità mal-Artikolu 12.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1029
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jitlaq*** mit-territorju tal-Istati Membri sad-data determinata skont il-paragrafu 1. Jekk ***le, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jkun soġġett*** għal tneħħija f'konformità mal-Artikolu ***12***.	4. ***Il-persuna ripatrijata għandha titlaq*** mit-territorju tal-Istati Membri sad-data determinata skont il-paragrafu 1 ***jew il-paragrafu 3***. Jekk ***il-persuna ripatrijata ma tkunx telqet sad-data stabbilita skont il-paragrafu 1, 2, jew 3, allura l-persuna ripatrijata tista' tkun soġġetta*** għal tneħħija f'konformità mal-Artikolu ***13a***.

Id-data ddeterminata skont il-paragrafu 1, 2 jew 3 għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' Stat Membru li jwettaq ritorn furzat fuq ċittadini ta' pajjiżi terzi meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13a.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-paragrafi 1, 2 u 3 huma kollha rilevanti biex jiġi stabbilit il-perjodu għar-ritorn aċċettat.

Emenda 1030
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jitlaq mit-territorju tal-Istati Membri sad-data determinata skont il-paragrafu 1. Jekk le, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jkun soġġett għal tneħħija f'konformità mal-Artikolu 12.	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Or. en

Emenda 1031
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Meta jkun hemm riskju ta' ħrib, jew applikazzjoni għal soġġorn legali tkun ġiet miċħuda bħala manifestament bla bażi jew frawdolenti, jew il-persuna kkonċernata toħloq riskju għas-sigurtà f'konformità mal-Artikolu 16, l-Istati Membri jistgħu joqogħdu lura milli

jagħtu perjodu ta' tluq u jordnaw tluq immedjat.

Or. en

Emenda 1032
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4b. Il-perjodu ta' tluq għandu jingħadd minn data definita fid-dritt nazzjonali.

Or. en

Emenda 1033
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 13a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 13a
	Tneħħija
	1. Il-persuna ripatrijata għandha titneħħa meta:
	a. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun ostakola deliberatament lill-awtoritajiet kompetenti matul il-proċedura ta' ritorn;
	b. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun, f'aktar minn okkażjoni waħda, irriloka lejn Stat Membru ieħor mingħajr awtorizzazzjoni, inkluż matul il-perjodu stabbilit f'konformità mal-Artikolu 13;
	c. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 16;

d. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jkunx telaq mit-territorju tal-Istati Membri sad-data stabbilita f'konformità mal-Artikolu 13 ma jkunx ingħata żmien addizzjonali biex jitlaq f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dak l-Artikolu.

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom joħorġu deċiżjoni amministrattiva jew ġudizzjarja separata bil-miktub li tordna t-tneħħija.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom, abbażi ta' valutazzjoni individwali, jivvalutaw il-konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement kemm b'referenza għall-pajjiż ta' trasferiment kif ukoll għall-pajjiż ta' oriġini.

Huma jistgħu jibbażaw fuq valutazzjoni bir-reqqa eżistenti taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha fl-istadji preċedenti tal-proċedura, dment li tkun twettqet valutazzjoni tal-merti ta' kwalunkwe applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali f'dawk l-istadji preċedenti.

Meta deċiżjoni ta' ritorn tkun inħarġet wara sejba ta' inammissibbiltà fir-rigward ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, l-awtoritajiet ta' ritorn għandhom huma stess jivvalutaw il-konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement. Bidliet fiċ-ċirkostanzi u elementi ġodda li juru riskju għandhom jiġu eżaminati kif xieraq. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat għandu jkun intitolat li jressaq kwalunkwe element rilevanti dwar iċ-ċirkostanzi personali tiegħu.

4. Miżuri ta' koerċizzjoni jistgħu jittieħdu biss biex tiġi żgurata t-tneħħija bħala l-aħħar alternattiva. Meta jittieħdu miżuri ta' koerċizzjoni, dawn għandhom ikunu meħtieġa u proporzjonati u, fi kwalunkwe każ, ma għandhomx jaqbżu l-livell limitu ta' forza raġonevoli. Dawn għandhom jiġu implimentati f'konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, id-dritt nazzjonali, u bir-rispett dovut għad-dinjità u l-integrità fiżika taċ-ċittadin ta' pajjiż

terz ikkonċernat.

5. Fit-twettiq tat-tneħħijiet bl-ajru, l-Istati Membri għandhom iqisu l-linji gwida komuni dwar id-dispożizzjonijiet tas-sigurtà għal tneħħijiet konġunti bl-ajru li huma stabbiliti fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/573/KE[1a].

[1a] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/573/KE tad-29 ta' April 2004 dwar l-organizzazzjoni ta' titjiriet konġunti għat-tneħħija mit-territorju ta' żewġ Stati Membri jew iktar, ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma suġġetti għal ordnijiet individwali ta' tneħħija (ĠU L 261, 6.8.2004, p. 28, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2004/573/oj).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-ritorn aċċettat irid jingħata prijorità, peress li huwa l-aktar forma sostenibbli ta' ritorn. Il-liġi ma għandhiex tħeġġeġ/tobbliga lill-awtoritajiet jidħlu f'sitwazzjoni ta' ritorn furzat għan-nuqqas perċepit taċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jikkoopera. In-nuqqas ta' kooperazzjoni jrid jiġi sostnut qabel ma dan jirriżulta f'ritorn furzat. Peress li r-raġunijiet għaliex ċittadin ta' pajjiż terz jista' jipprova jirriloka bejn l-Istati Membri jistgħu jiġu varjati, huwa sproporzjonat li l-persuna ripatrijata tidħol f'sitwazzjoni ta' ritorn furzat għal moviment wieħed lejn Stat Membru ieħor. Barra minn hekk, jekk persuna ripatrijata tkun trid taċċetta d-deċiżjoni ta' ritorn, dan ma għandux jitfixkel mir-regoli. Sabiex jiġi armonizzat il-proċess ta' ritorn u tiġi evitata kwalunkwe ambigwità fil-proċess, l-Istati Membri kollha għandhom joħorġu ordni ta' tneħħija meta jkun qed jitwettaq ritorn furzat. Id-dipendenza minn proċeduri preċedenti tista' tkun raġonevoli biss meta l-merti ta' kwalunkwe talba għall-ażil ikunu ġew eżaminati. Id-deċiżjonijiet ta' inammissibbiltà, min-natura tagħhom stess, ma jikkunsidrawx ir-refoulement. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu valutazzjoni individwali f'kull każ. Il-fatt li persuna tiġi sanzjonata skont l-Artikolu 22 ma jfissirx awtomatikament li l-persuna ripatrijata ma taċċettax id-deċiżjoni ta' ritorn, b'mod partikolari fid-dawl tal-piż sinifikanti mqiegħed fuq il-persuni ripatrijati f'termini ta' obbligi. Peress li l-għan tar-Regolament huwa li jżid il-livell ta' ritorni, it-tħeġġiġ tal-persuni ripatrijati biex jirritornaw ma għandux isir aktar diffiċli.

Emenda 1034
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 13a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 13a
	Tneħħija
	1. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz soġġett għal deċiżjoni ta' ritorn jista' jitneħħa meta:
	a) iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun ta' theddida ġenwina u preżenti għas-sigurtà interna;
	b) iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jkunx telaq mit-territorju tal-Istati Membri sad-data stabbilita f'konformità mal-Artikolu 13, għal raġunijiet li ma jkunux barra mill-kontroll tiegħu.
	2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom joħorġu deċiżjoni amministrattiva jew ġudizzjarja separata bil-miktub li tordna t-tneħħija.
	3. Qabel ma joħorġu ordni ta' tneħħija, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement b'referenza għall-pajjiż ta' ritorn, inkluż kwalunkwe riskju ta' refoulement ulterjuri. Jekk tkun saret valutazzjoni bir-reqqa taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha fl-istadji preċedenti tal-proċedura, il-bidliet fiċ-ċirkostanzi u elementi ġodda li jixhdu riskju għandhom jiġu eżaminati kif xieraq.
	4. Il-miżuri ta' koerċizzjoni jistgħu jittieħdu biss bħala l-aħħar rimedju biex tiġi żgurata t-tneħħija. Dawn il-miżuri għandhom ikunu meħtieġa u proporzjonati u, fi kwalunkwe każ, ma għandhomx jaqbżu l-livell limitu ta' forza raġonevoli. Dawn għandhom jiġu implimentati f'konformità mad-dritt nazzjonali li filwaqt li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali u bir-rispett dovut għad-dinjità u l-integrità fiżika taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat. L-Istati Membri ma għandhomx japplikaw miżuri ta' koerċizzjoni għall-minorenni.
	5. Fit-twettiq ta' tneħħijiet bl-ajru, l-Istati

Membri għandhom iqisu l-linji gwida komuni dwar id-dispożizzjonijiet ta' sigurtà għal tneħħijiet konġunti bl-ajru li huma stabbiliti fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/573/KE.

Or. en

Emenda 1035
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 14	***imħassar***
Kundizzjonijiet għall-posponiment tat-tneħħija	
1. It-tneħħija skont l-Artikolu 12 għandha tiġi posposta fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:	
a. meta tikser il-prinċipju ta' non-refoulement; jew	
b. meta u sakemm tkun fis-seħħ is-sospensjoni tad-deċiżjoni ta' ritorn f'konformità mal-Artikolu 28.	
2. It-tneħħija skont l-Artikolu 12 tista' tiġi posposta għal perjodu xieraq, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali.	
3. Jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jitlob posponiment tat-tneħħija, it-talba għandha tiġi sostanzjata kif xieraq.	
4. Meta jieħdu deċiżjoni f'konformità mal-paragrafu 1 jew il-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom jipprovdu liċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat konferma bil-miktub li tistabbilixxi l-perjodu ta' posponiment u d-drittijiet tiegħu matul dak il-perjodu.	
5. Id-deċiżjoni li tiġi posposta t-tneħħija f'konformità mal-paragrafu 1 jew il-paragrafu 2 għandha tiġi rieżaminata	

regolarment, u mill-inqas kull 6 xhur.

6. Għandu jitqies dan li ġej fir-rigward tas-sitwazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz matul il-perjodi li għalihom it-tneħħija tkun ġiet posposta:

a. il-ħtiġijiet bażiċi;

b. l-unità tal-familja mal-membri tal-familja preżenti fit-territorju tal-Istat Membru;

c. il-kura tas-saħħa ta' emerġenza u t-trattament essenzjali tal-mard;

d. l-aċċess tal-minorenni għas-sistema tal-edukazzjoni bażika soġġett għat-tul tas-soġġorn tagħhom;

e. il-ħtiġijiet speċjali ta' persuni vulnerabbli.

7. Jekk it-tneħħija tiġi posposta, il-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 31 jistgħu jiġu applikati meta l-kundizzjonijiet jiġu ssodisfati.

Or. en

Emenda 1036
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 14	***imħassar***
Kundizzjonijiet għall-posponiment tat-tneħħija	
1. It-tneħħija skont l-Artikolu 12 għandha tiġi posposta fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:	
a. meta tikser il-prinċipju ta' non-refoulement; jew	
b. meta u sakemm tkun fis-seħħ is-sospensjoni tad-deċiżjoni ta' ritorn f'konformità mal-Artikolu 28.	

2. It-tneħħija skont l-Artikolu 12 tista' tiġi posposta għal perjodu xieraq, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali.

3. Jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jitlob posponiment tat-tneħħija, it-talba għandha tiġi sostanzjata kif xieraq.

4. Meta jieħdu deċiżjoni f'konformità mal-paragrafu 1 jew il-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom jipprovdu liċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat konferma bil-miktub li tistabbilixxi l-perjodu ta' posponiment u d-drittijiet tiegħu matul dak il-perjodu.

5. Id-deċiżjoni li tiġi posposta t-tneħħija f'konformità mal-paragrafu 1 jew il-paragrafu 2 għandha tiġi rieżaminata regolarment, u mill-inqas kull 6 xhur.

6. Għandu jitqies dan li ġej fir-rigward tas-sitwazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz matul il-perjodi li għalihom it-tneħħija tkun ġiet posposta:

a. il-ħtiġijiet bażiċi;

b. l-unità tal-familja mal-membri tal-familja preżenti fit-territorju tal-Istat Membru;

c. il-kura tas-saħħa ta' emerġenza u t-trattament essenzjali tal-mard;

d. l-aċċess tal-minorenni għas-sistema tal-edukazzjoni bażika soġġett għat-tul tas-soġġorn tagħhom;

e. il-ħtiġijiet speċjali ta' persuni vulnerabbli.

7. Jekk it-tneħħija tiġi posposta, il-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 31 jistgħu jiġu applikati meta l-kundizzjonijiet jiġu ssodisfati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-tħassir tal-Artikolu 14 huwa kruċjali għal ritorni rapidi u infurzabbli. It-talbiet ta' non-refoulement jappartjenu esklużivament għall-proċedura tal-ażil (APR), u jipprevjenu d-

duplikazzjoni u l-abbuż. Dan jallinja mal-prinċipju li l-appelli ma għandhomx effett sospensiv awtomatiku. L-intitolamenti mogħtija matul il-posponiment joħolqu status legali paradossali, potenzjalment aktar favorevoli minn dak taċ-ċittadini, li jimmina l-ġustizzja. Dan it-tħassir isaħħaħ il-prinċipju li soġġorn illegali jrid jiġi tterminat u segwit minn ritorn effettiv.

Emenda 1037
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kundizzjonijiet għall-posponiment ***tat-tneħħija***	Kundizzjonijiet għall-posponiment ***jew għas-sospensjoni tar-ritorn***

Or. en

Emenda 1038
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Mariusz Kamiński, Nicolas Bay, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Sebastian Tynkkynen, Geadis Geadi, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-tneħħija skont l-Artikolu 12 għandha tiġi posposta ***fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:***	1. It-tneħħija skont l-Artikolu 12 għandha tiġi posposta ***meta jiġi ppruvat li din tikser il-prinċipju ta' non-refoulement.***

Or. en

Emenda 1039
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-tneħħija skont l-Artikolu 12 għandha tiġi posposta ***fiċ-ċirkostanzi li***	1. It-tneħħija skont l-Artikolu 12 għandha tiġi posposta ***meta jiġi ppruvat li***

ġejjin:	***din tikser il-prinċipju ta' non-refoulement:***

Or. en

Emenda 1040
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-tneħħija skont l-Artikolu 12 għandha tiġi posposta ***fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:***	1. It-tneħħija skont l-Artikolu 12 għandha tiġi posposta ***meta jiġi stabbilit li t-tneħħija tikser b'mod effettiv il-prinċipju ta' non-refoulement.***

Or. en

Emenda 1041
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***It-tneħħija skont l-Artikolu 12 għandha tiġi posposta*** fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:	1. ***L-Istati Membri għandhom jipposponu jew jissospendu r-ritorn b'mod partikolari*** fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

Or. en

Emenda 1042
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-tneħħija skont l-Artikolu ***12*** għandha tiġi posposta fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:	1. It-tneħħija skont l-Artikolu ***13a*** għandha tiġi posposta fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

Or. en

Emenda 1043
Cecilia Strada, Marco Tarquinio, Alessandro Zan

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-tneħħija skont l-Artikolu 12 għandha tiġi ***posposta*** fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:	1. It-tneħħija skont l-Artikolu 12 għandha tiġi ***sospiża*** fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

Or. en

Emenda 1044
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***It-tneħħija skont l-Artikolu 12 għandha tiġi posposta*** fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:	1. ***L-Istati Membri għandhom jipposponu jew jissospendu r-ritorn*** fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

Or. en

Emenda 1045
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. meta tikser il-prinċipju ta' non-refoulement; jew	***imħassar***

Or. en

Emenda 1046
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. meta tikser il-prinċipju ta' non-refoulement; jew	***imħassar***

Or. en

Emenda 1047
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. meta tikser il-prinċipju ta' non-refoulement; jew	***imħassar***

Or. en

Emenda 1048
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

b. meta u sakemm tkun fis-seħħ is-sospensjoni tad-deċiżjoni ta' ritorn f'konformità mal-Artikolu 28. ***imħassar***

Or. en

Emenda 1049
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. meta u sakemm tkun fis-seħħ is-sospensjoni tad-deċiżjoni ta' ritorn f'konformità mal-Artikolu 28.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1050
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Mariusz Kamiński, Nicolas Bay, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Sebastian Tynkkynen, Geadis Geadi, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. meta u sakemm tkun fis-seħħ is-sospensjoni tad-deċiżjoni ta' ritorn f'konformità mal-Artikolu 28.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1051
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

ba. meta tikser id-dritt għall-ħajja tal-familja bil-membri tal-familja preżenti fit-territorju tal-Istat Membru;

Or. en

Emenda 1052
Cecilia Strada, Marco Tarquinio, Alessandro Zan

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ba. meta japplikaw il-każijiet stabbiliti fl-Artikolu 7, il-paragrafu 9

Or. en

Emenda 1053
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt bb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	bb. meta jkollha impatt fuq it-trattament essenzjali ta' marda;

Or. en

Emenda 1054
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt bc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	bc. meta din ittemm l-aċċess tat-tfal għas-sistema edukattiva;

Or. en

Emenda 1055
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt bd (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	bd. meta l-persuni jiġu identifikati bħala vulnerabbli;

Or. en

Emenda 1056
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt be (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	be. meta r-ritorn ma jkunx fl-aħjar interess tal-minorenni.

Or. en

Emenda 1057
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-tneħħija skont l-Artikolu 12 tista' tiġi posposta għal perjodu xieraq, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali.	***imħassar***

Or. fr

Emenda 1058
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-tneħħija skont l-Artikolu 12 tista' tiġi posposta għal perjodu xieraq, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali.	2. It-tneħħija skont l-Artikolu 12 tista' tiġi posposta għal perjodu xieraq, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali ***u dment li ma jkun hemm l-ebda riskju ta' ħrib f'konformità mal-Artikolu 30***.

Or. en

Emenda 1059
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***It-tneħħija skont l-Artikolu 12 tista' tiġi posposta*** għal perjodu xieraq, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali.	2. ***L-Istati Membri għandhom jipposponu t-tneħħija*** għal perjodu xieraq, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali. ***L-Istati Membri għandhom b'mod partikolari jitqiesu:***

Or. en

Emenda 1060
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-tneħħija skont l-Artikolu ***12*** tista'	2. It-tneħħija skont l-Artikolu ***13a***

tiġi posposta għal perjodu xieraq, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali**.**	tista' tiġi posposta għal perjodu xieraq, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali***, inklużi***:

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-elementi elenkati fil-paragrafu 6 tal-proposta fil-fatt jirrappreżentaw elementi li għandhom jitqiesu f'valutazzjoni inizjali ta' jekk tneħħija għandhiex tiġi posposta.

Emenda 1061
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***It-tneħħija skont l-Artikolu 12 tista' tiġi posposta*** għal perjodu xieraq, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali.	2. ***Ritorn għandu jiġi pospost*** għal perjodu xieraq, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali.

Or. en

Emenda 1062
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(a) l-istat fiżiku jew il-kapaċità mentali taċ-ċittadin ta' pajjiż terz;

Or. en

Emenda 1063
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(a) il-ħtiġijiet bażiċi;

Or. en

Emenda 1064
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(b) raġunijiet tekniċi, bħan-nuqqas ta' kapaċità ta' trasport jew jekk it-tneħħija ma sseħħx minħabba nuqqas ta' identifikazzjoni.

Or. en

Emenda 1065
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(b) l-unità tal-familja mal-membri tal-familja preżenti fit-territorju tal-Istat Membru;

Or. en

Emenda 1066
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(c) il-kura tas-saħħa ta' emerġenza u t-trattament essenzjali tal-mard;

Or. en

Emenda 1067
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(d) l-aċċess tat-tfal minuri għas-sistema tal-edukazzjoni bażika soġġett għat-tul tas-soġġorn tagħhom;

Or. en

Emenda 1068
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(e) il-ħtiġijiet speċjali ta' persuni vulnerabbli.

Or. en

Emenda 1069
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jitlob posponiment tat-tneħħija, it-talba għandha tiġi sostanzjata kif xieraq.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1070
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jitlob posponiment ***tat-tneħħija***, it-talba għandha tiġi ***sostanzjata*** kif xieraq.	3. Jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jitlob posponiment ***ta' ritorn għal raġunijiet ġustifikati***, it-talba għandha tiġi ***eżaminata mill-Istat Membru*** kif xieraq.

Or. en

Emenda 1071
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jitlob posponiment tat-tneħħija, it-talba għandha tiġi sostanzjata kif xieraq.	3. Jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jitlob posponiment tat-tneħħija, it-talba għandha tiġi sostanzjata kif xieraq ***u sottomessa mingħajr dewmien żejjed***.

Or. en

Emenda 1072

Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jitlob*** posponiment tat-tneħħija***, it-talba*** għandha tiġi sostanzjata kif xieraq.	3. ***Persuna ripatrijata għandha tkun intitolata li titlob*** posponiment tat-tneħħija***. Talba bħal din*** għandha tiġi sostanzjata kif xieraq.

Or. en

Emenda 1073
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Rasa Juknevičienė

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta jieħdu deċiżjoni f'konformità mal-paragrafu 1 jew il-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom jipprovdu liċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat konferma bil-miktub li tistabbilixxi l-perjodu ta' posponiment u d-drittijiet tiegħu matul dak il-perjodu.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1074
Ana Miguel Pedro

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta jieħdu deċiżjoni f'konformità mal-paragrafu 1 jew il-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom jipprovdu liċ-	***imħassar***

ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat konferma bil-miktub li tistabbilixxi l-perjodu ta' posponiment u d-drittijiet tiegħu matul dak il-perjodu.

Or. en

Emenda 1075
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***Meta jieħdu deċiżjoni f'konformità mal-paragrafu 1 jew il-paragrafu 2,*** l-Istati Membri għandhom jipprovdu liċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat konferma bil-miktub li tistabbilixxi l-perjodu ta' posponiment ***u*** d-drittijiet tiegħu matul dak il-perjodu.	4. L-Istati Membri għandhom jipprovdu liċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat konferma bil-miktub li tistabbilixxi l-perjodu ta' posponiment ***inklużi*** d-drittijiet ***u l-obbligi*** tiegħu matul dak il-perjodu ***f'konformità mal-paragrafu 1***. ***Traduzzjoni tal-konferma tista' tiġi kkomunikata bil-fomm liċ-ċittadin ta' pajjiż terz b'lingwa li jifhem jew li huwa raġonevolment preżunt li jifhem, inkluż bl-użu ta' servizzi ta' interpretazzjoni.***

Or. en

Emenda 1076
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***Meta jieħdu deċiżjoni f'konformità mal-paragrafu 1 jew il-paragrafu 2,*** l-Istati Membri għandhom jipprovdu liċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat konferma bil-miktub ***li tistabbilixxi l-perjodu ta' posponiment u d-drittijiet tiegħu matul dak il-perjodu***.	4. L-Istati Membri għandhom jipprovdu liċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat konferma bil-miktub ***tal-posponiment f'konformità mal-paragrafu 1. Traduzzjoni tal-konferma tista' tiġi kkomunikata bil-fomm liċ-ċittadin ta' pajjiż terz b'lingwa li jifhem jew li huwa raġonevolment preżunt li jifhem, inkluż***

bl-użu ta' servizzi ta' interpretazzjoni.

Or. en

Emenda 1077
Ana Miguel Pedro

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Id-deċiżjoni li tiġi posposta t-tneħħija f'konformità mal-paragrafu 1 jew il-paragrafu 2 għandha tiġi rieżaminata regolarment, u mill-inqas kull 6 xhur.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1078
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Id-deċiżjoni li tiġi posposta t-tneħħija f'konformità mal-paragrafu 1 jew il-paragrafu 2 għandha tiġi rieżaminata regolarment, u mill-inqas kull 6 xhur.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1079
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Id-deċiżjoni li tiġi posposta t-tneħħija f'konformità mal-paragrafu 1 jew il-paragrafu 2 għandha tiġi rieżaminata regolarment, u mill-inqas kull 6 xhur.	5. Id-deċiżjoni li tiġi posposta t-tneħħija f'konformità mal-paragrafu 1 jew il-paragrafu 2 għandha tiġi rieżaminata regolarment, u mill-inqas kull 6 xhur. ***Meta jirrieżamina d-deċiżjoni li tiġi posposta t-tneħħija u meta t-tneħħija tiġi posposta għal aktar minn 6 xhur, l-Istat Membru għandu jirrieżamina d-deċiżjoni ta' ritorn f'konformità mal-Artikolu 7(9). Għal kwalunkwe posponiment sussegwenti tat-tneħħija, l-Istat Membru għandu jkun meħtieġ ukoll li jwettaq tali rieżami.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Hekk kif ritorn isir inqas probabbli aktar ma jieħu żmien il-proċess, huwa imperattiv li l-Istati Membri jikkunsidraw mill-ġdid l-għażliet tagħhom, meta tneħħija tiġi posposta għal aktar minn 6 xhur.

Emenda 1080
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Id-deċiżjoni li ***tiġi posposta t-tneħħija*** f'konformità mal-paragrafu 1 jew il-paragrafu 2 għandha tiġi rieżaminata regolarment, u mill-inqas kull 6 xhur.	5. Id-deċiżjoni li ***jiġi sospiż jew pospost ir-ritorn*** f'konformità mal-paragrafu 1 jew il-paragrafu 2 għandha tiġi rieżaminata regolarment, u mill-inqas kull 6 xhur. ***Kull rieżami għandu jeżamina l-possibbiltà li tingħata awtorizzazzjoni ta' soġġorn f'konformità mal-Artikolu 7(9). Wara żewġ rieżamijiet, jekk ma jkun hemm l-ebda bidla fiċ-ċirkostanzi, l-awtorità kompetenti għandha tagħti permess ta' residenza.***

Or. en

Emenda 1081
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Id-deċiżjoni li tiġi posposta t-tneħħija f'konformità mal-paragrafu 1 jew il-paragrafu 2 għandha tiġi rieżaminata regolarment, u mill-inqas kull 6 xhur.	5. Id-deċiżjoni li tiġi posposta t-tneħħija f'konformità mal-paragrafu 1 jew il-paragrafu 2 għandha tiġi rieżaminata regolarment, u mill-inqas kull 6 xhur. ***Kull rieżami għandu jinkludi valutazzjoni ta' għażliet alternattivi f'konformità mal-Artikolu 7(9). Wara 12-il xahar, l-Istati Membri għandhom jirtiraw id-deċiżjoni ta' ritorn u japplikaw il-proċedura fl-Artikolu 7(1a) ġdid.***

Or. en

Emenda 1082
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Id-deċiżjoni li tiġi posposta t-tneħħija f'konformità mal-paragrafu 1 jew il-paragrafu 2 għandha tiġi rieżaminata ***regolarment, u mill-inqas kull 6 xhur***.	5. Id-deċiżjoni li tiġi posposta t-tneħħija f'konformità mal-paragrafu 1 jew il-paragrafu 2 għandha tiġi rieżaminata ***f'każ ta' bidla sostanzjali fiċ-ċirkostanzi rilevanti***.

Or. en

Emenda 1083
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

5. ***Id-deċiżjoni li tiġi posposta t-tneħħija*** f'konformità mal-paragrafu 1 jew il-paragrafu 2 għandha tiġi rieżaminata ***regolarment, u mill-inqas kull 6 xhur***.	5. ***Il-posponiment tat-tneħħija*** f'konformità mal-paragrafu 1 jew il-paragrafu 2 għandha tiġi rieżaminata ***f'każ ta' bidla fiċ-ċirkostanzi rilevanti***.

Or. en

Emenda 1084
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Għandu jitqies dan li ġej fir-rigward tas-sitwazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz matul il-perjodi li għalihom it-tneħħija tkun ġiet posposta:	***imħassar***
a. il-ħtiġijiet bażiċi;	
b. l-unità tal-familja mal-membri tal-familja preżenti fit-territorju tal-Istat Membru;	
c. il-kura tas-saħħa ta' emerġenza u t-trattament essenzjali tal-mard;	
d. l-aċċess tal-minorenni għas-sistema tal-edukazzjoni bażika soġġett għat-tul tas-soġġorn tagħhom;	
e. il-ħtiġijiet speċjali ta' persuni vulnerabbli.	

Or. fr

Emenda 1085
Ana Miguel Pedro

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Għandu jitqies dan li ġej fir-rigward tas-sitwazzjoni taċ-ċittadin ta'	***imħassar***

pajjiż terz matul il-perjodi li għalihom it-tneħħija tkun ġiet posposta:

a. il-ħtiġijiet bażiċi;

b. l-unità tal-familja mal-membri tal-familja preżenti fit-territorju tal-Istat Membru;

c. il-kura tas-saħħa ta' emerġenza u t-trattament essenzjali tal-mard;

d. l-aċċess tal-minorenni għas-sistema tal-edukazzjoni bażika soġġett għat-tul tas-soġġorn tagħhom;

e. il-ħtiġijiet speċjali ta' persuni vulnerabbli.

Or. en

Emenda 1086
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Mariusz Kamiński, Nicolas Bay, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Sebastian Tynkkynen, Geadis Geadi, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Għandu jitqies dan li ġej fir-rigward tas-sitwazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz matul il-perjodi li għalihom it-tneħħija tkun ġiet posposta:	***imħassar***
a. il-ħtiġijiet bażiċi;	
b. l-unità tal-familja mal-membri tal-familja preżenti fit-territorju tal-Istat Membru;	
c. il-kura tas-saħħa ta' emerġenza u t-trattament essenzjali tal-mard;	
d. l-aċċess tal-minorenni għas-sistema tal-edukazzjoni bażika soġġett għat-tul tas-soġġorn tagħhom;	
e. il-ħtiġijiet speċjali ta' persuni vulnerabbli.	

Or. en

Emenda 1087
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Għandu jitqies dan li ġej fir-rigward tas-sitwazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz matul il-perjodi li għalihom it-tneħħija tkun ġiet posposta:	***imħassar***
a. il-ħtiġijiet bażiċi;	
b. l-unità tal-familja mal-membri tal-familja preżenti fit-territorju tal-Istat Membru;	
c. il-kura tas-saħħa ta' emerġenza u t-trattament essenzjali tal-mard;	
d. l-aċċess tal-minorenni għas-sistema tal-edukazzjoni bażika soġġett għat-tul tas-soġġorn tagħhom;	
e. il-ħtiġijiet speċjali ta' persuni vulnerabbli.	

Or. en

Emenda 1088
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 6 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. ***Għandu jitqies dan li ġej fir-rigward tas-sitwazzjoni*** taċ-ċittadin ta' pajjiż terz matul il-perjodi li għalihom it-tneħħija tkun ġiet posposta***:***	6. ***Għall-fini tar-rieżami msemmi fil-paragrafu 5, u meta tiġi kkunsidrata s-sitwazzjoni*** taċ-ċittadin ta' pajjiż terz matul il-perjodi li għalihom it-tneħħija tkun ġiet posposta***, l-Istati Membri għandhom iqisu l-elementi elenkati fil-paragrafu 3.***

Or. en

Emenda 1089
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 6 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. ***Għandu jitqies dan li ġej fir-rigward tas-sitwazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz*** matul il-perjodi li għalihom it-tneħħija tkun ġiet posposta:	6. Matul il-perjodi li għalihom it-tneħħija tkun ġiet posposta***, l-Istati Membri għandhom jiżguraw dan li ġej***:

Or. en

Emenda 1090
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 6 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Għandu jitqies dan li ġej fir-rigward tas-sitwazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz matul il-perjodi li għalihom ***it-tneħħija tkun ġiet posposta***:	6. Għandu jitqies dan li ġej fir-rigward tas-sitwazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz matul il-perjodi li għalihom ***ir-ritorn ikun ġie sospiż jew pospost***:

Or. en

Emenda 1091
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 6 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. il-ħtiġijiet bażiċi;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1092
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 6 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. il-ħtiġijiet bażiċi;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1093
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 6 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. ***il-ħtiġijiet*** bażiċi;	a. ***li l-ħtiġijiet*** bażiċi ***taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jiġu previsti***;

Or. en

Emenda 1094
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 6 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. l-unità tal-familja mal-membri tal-familja preżenti fit-territorju tal-Istat Membru;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1095

Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 6 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. l-unità tal-familja mal-membri tal-familja preżenti fit-territorju tal-Istat Membru;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1096
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 6 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. ***l-unità*** tal-familja mal-membri tal-familja preżenti fit-territorju tal-Istat Membru;	b. ***li tinżamm*** l-unità tal-familja mal-membri tal-familja preżenti fit-territorju tal-Istat Membru;

Or. en

Emenda 1097
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 6 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c. il-kura tas-saħħa ta' emerġenza u t-trattament essenzjali tal-mard;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1098

Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 6 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c. ***il-kura*** tas-saħħa ***ta' emerġenza*** u t-trattament ***essenzjali*** tal-mard;	c. ***li jiġu pprovduti l-kura*** tas-saħħa u t-trattament tal-mard;

Or. en

Emenda 1099
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 6 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c. il-kura tas-saħħa ***ta' emerġenza*** u t-trattament essenzjali tal-mard;	c. il-kura tas-saħħa u t-trattament essenzjali tal-mard;

Or. en

Emenda 1100
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 6 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
d. l-aċċess tal-minorenni għas-sistema tal-edukazzjoni bażika soġġett għat-tul tas-soġġorn tagħhom;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1101
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 6 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
d. l-aċċess tal-minorenni għas-sistema tal-edukazzjoni bażika soġġett għat-tul tas-soġġorn tagħhom;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1102
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 6 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
d. l-aċċess tal-minorenni għas-sistema tal-edukazzjoni bażika soġġett għat-tul tas-soġġorn tagħhom;	d. ***li jiġi garantit*** l-aċċess tal-minorenni għas-sistema tal-edukazzjoni bażika soġġett għat-tul tas-soġġorn tagħhom;

Or. en

Emenda 1103
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 6 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
d. l-aċċess ***tal-minorenni*** għas-sistema tal-edukazzjoni ***bażika soġġett għat-tul tas-soġġorn tagħhom***;	d. L-aċċess ***tat-tfal*** għas-sistema tal-edukazzjoni;

Or. en

Emenda 1104
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 6 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
e. ***il-ħtiġijiet*** speċjali ta' persuni vulnerabbli.	e. ***li jiġu moqdija l-ħtiġijiet*** speċjali ta' persuni vulnerabbli.

Or. en

Emenda 1105
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Jekk it-tneħħija tiġi posposta, il-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 31 jistgħu jiġu applikati meta l-kundizzjonijiet jiġu ssodisfati.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1106
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Jekk it-tneħħija tiġi posposta, il-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 31 jistgħu jiġu applikati meta l-kundizzjonijiet jiġu ssodisfati.	7. Jekk it-tneħħija tiġi posposta, il-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 31 jistgħu jiġu applikati meta l-kundizzjonijiet ***għalhekk*** jiġu ssodisfati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jekk il-kundizzjonijiet jiġu ssodisfati, jistgħu jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 31.

Emenda 1107
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Jekk it-tneħħija tiġi posposta, il-miżuri stabbiliti ***fl-Artikolu*** 31 jistgħu jiġu applikati meta l-kundizzjonijiet jiġu ssodisfati.	7. Jekk it-tneħħija tiġi posposta, il-miżuri stabbiliti ***fl-Artikoli 21, 29 u*** 31 jistgħu jiġu applikati meta l-kundizzjonijiet jiġu ssodisfati.

Or. en

Emenda 1108
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. It-tneħħija ma għandhiex tiġi posposta meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jonqos milli jikkonforma mal-obbligu ta' kooperazzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 21, meta jippreżenta riskju għas-sigurtà f'konformità mal-Artikolu 16, jew meta jkun jeżisti riskju ta' ħrib f'konformità mal-Artikolu 30.

Or. en

Emenda 1109
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Artikolu 15	***imħassar***
Monitoraġġ tat-tneħħija	
1. L-Istati Membri għandhom jipprevedu mekkaniżmu indipendenti għall-monitoraġġ tar-rispett tad-drittijiet fundamentali matul l-operazzjonijiet ta' tneħħija. L-Istati Membri għandhom jgħammru l-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti b'mezzi xierqa.	
2. Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti għandu jagħżel l-operazzjonijiet ta' tneħħija biex jimmonitorja abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju u jwettaq l-attivitajiet tiegħu fuq il-bażi ta' eżami dokumentarju u kontrolli fuq il-post li jistgħu ma jkunux imħabbra. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-korp ta' monitoraġġ minn qabel dwar l-operazzjonijiet ta' tneħħija li jkunu ġejjin u jiżguraw aċċess għall-postijiet rilevanti.	
3. Allegazzjonijiet sostanzjati ta' nuqqas ta' rispett tad-drittijiet fundamentali matul l-operazzjonijiet ta' tneħħija għandhom jiġu kkomunikati lill-awtorità nazzjonali kompetenti mill-mekkaniżmu ta' monitoraġġ. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jittrattaw dawn l-allegazzjonijiet b'mod effettiv u mingħajr dewmien żejjed.	

Or. fr

Emenda 1110
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 15	***imħassar***
Monitoraġġ tat-tneħħija	

1. L-Istati Membri għandhom jipprevedu mekkaniżmu indipendenti għall-monitoraġġ tar-rispett tad-drittijiet fundamentali matul l-operazzjonijiet ta' tneħħija. L-Istati Membri għandhom jgħammru l-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti b'mezzi xierqa.

2. Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti għandu jagħżel l-operazzjonijiet ta' tneħħija biex jimmonitorja abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju u jwettaq l-attivitajiet tiegħu fuq il-bażi ta' eżami dokumentarju u kontrolli fuq il-post li jistgħu ma jkunux imħabbra. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-korp ta' monitoraġġ minn qabel dwar l-operazzjonijiet ta' tneħħija li jkunu ġejjin u jiżguraw aċċess għall-postijiet rilevanti.

3. Allegazzjonijiet sostanzjati ta' nuqqas ta' rispett tad-drittijiet fundamentali matul l-operazzjonijiet ta' tneħħija għandhom jiġu kkomunikati lill-awtorità nazzjonali kompetenti mill-mekkaniżmu ta' monitoraġġ. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jittrattaw dawn l-allegazzjonijiet b'mod effettiv u mingħajr dewmien żejjed.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-idea wara dan ir-regolament hija li jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi, mhux li jinħolqu oħrajn ġodda.

Emenda 1111
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 15	***imħassar***

Monitoraġġ tat-tneħħija

1. L-Istati Membri għandhom jipprevedu mekkaniżmu indipendenti għall-monitoraġġ tar-rispett tad-drittijiet fundamentali matul l-operazzjonijiet ta' tneħħija. L-Istati Membri għandhom jgħammru l-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti b'mezzi xierqa.

2. Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti għandu jagħżel l-operazzjonijiet ta' tneħħija biex jimmonitorja abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju u jwettaq l-attivitajiet tiegħu fuq il-bażi ta' eżami dokumentarju u kontrolli fuq il-post li jistgħu ma jkunux imħabbra. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-korp ta' monitoraġġ minn qabel dwar l-operazzjonijiet ta' tneħħija li jkunu ġejjin u jiżguraw aċċess għall-postijiet rilevanti.

3. Allegazzjonijiet sostanzjati ta' nuqqas ta' rispett tad-drittijiet fundamentali matul l-operazzjonijiet ta' tneħħija għandhom jiġu kkomunikati lill-awtorità nazzjonali kompetenti mill-mekkaniżmu ta' monitoraġġ. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jittrattaw dawn l-allegazzjonijiet b'mod effettiv u mingħajr dewmien żejjed.

Or. en

Emenda 1112
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Monitoraġġ ***tat-tneħħija***	Monitoraġġ ***tal-proċedura ta' ritorn***

Or. en

Emenda 1113
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Monitoraġġ ***tat-tneħħija***	Monitoraġġ ***tal-proċeduri ta' ritorn***

Or. en

Emenda 1114
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Monitoraġġ ***tat-tneħħija***	Monitoraġġ ***tar-ritorn***

Or. en

Emenda 1115
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jipprevedu mekkaniżmu indipendenti għall-monitoraġġ tar-rispett tad-drittijiet fundamentali matul l-operazzjonijiet ta' tneħħija. L-Istati Membri għandhom jgħammru l-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti b'mezzi xierqa.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1116
Ana Miguel Pedro

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jipprevedu mekkaniżmu indipendenti għall-monitoraġġ tar-rispett tad-drittijiet fundamentali matul l-operazzjonijiet ta' tneħħija. L-Istati Membri għandhom jgħammru l-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti b'mezzi xierqa.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1117
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jipprevedu mekkaniżmu indipendenti għall-monitoraġġ tar-rispett tad-drittijiet fundamentali matul ***l-operazzjonijiet ta' tneħħija***. L-Istati Membri għandhom jgħammru l-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti b'mezzi xierqa.	1. L-Istati Membri għandhom jipprevedu mekkaniżmu indipendenti għall-monitoraġġ tar-rispett tad-drittijiet fundamentali matul ***l-istadji kollha tal-proċedura ta' ritorn. Dan il-mekkaniżmu għandu jikkomplementa u jopera f'sinerġija sħiħa mal-mekkaniżmi ta' monitoraġġ rilevanti stabbiliti skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2024/1356 (ir-Regolament dwar l-Iskrinjar) u l-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) 2024/1348 (APR), u għandu jiġi stabbilit f'konformità mal-linji gwida maħruġa mill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali.*** L-Istati Membri għandhom jgħammru l-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti b'mezzi xierqa***, inklużi riżorsi umani u finanzjarji, kif ukoll aċċess għall-informazzjoni u l-postijiet fiżiċi***

kollha meħtieġa.

Or. en

Emenda 1118
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jipprevedu mekkaniżmu indipendenti għall-monitoraġġ tar-rispett tad-drittijiet fundamentali matul l-operazzjonijiet ta' ***tneħħija***. L-Istati Membri għandhom jgħammru l-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti b'mezzi xierqa.	1. L-Istati Membri għandhom jipprevedu mekkaniżmu indipendenti għall-monitoraġġ tar-rispett tad-drittijiet fundamentali matul l-operazzjonijiet ta' ***ritorn u jkopru l-istadji kollha tal-proċedura ta' ritorn stabbilita f'din id-Direttiva u l-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera stabbilita fir-Regolament (UE) 2024/1349***. L-Istati Membri għandhom jgħammru l-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti b'mezzi xierqa***, inkluż finanzjament u riżorsi xierqa***.

Or. en

Emenda 1119
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jipprevedu mekkaniżmu indipendenti ***għall-monitoraġġ tar-rispett tad-drittijiet fundamentali matul l-operazzjonijiet ta' tneħħija. L-Istati Membri għandhom jgħammru l-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti b'mezzi xierqa.***	1. L-Istati Membri għandhom jipprevedu mekkaniżmu indipendenti ***f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Artikolu, li għandu:***

Or. en

Emenda 1120
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri ***għandhom*** jipprevedu mekkaniżmu ***indipendenti*** għall-monitoraġġ ***tar-rispett tad-drittijiet fundamentali matul l-operazzjonijiet*** ta' tneħħija. L-Istati Membri ***għandhom jgħammru l-mekkaniżmu*** ta' monitoraġġ ***indipendenti b'mezzi*** xierqa.	1. L-Istati Membri ***jistgħu*** jipprevedu mekkaniżmu ***eżistenti*** għall-monitoraġġ ***tal-operazzjonijiet*** ta' tneħħija. L-Istati Membri ***jiddeterminaw jekk il-mekkaniżmu*** ta' monitoraġġ ***jingħatax aċċess għal mezzi*** xierqa.

Or. en

Emenda 1121
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Mariusz Kamiński, Nicolas Bay, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Sebastian Tynkkynen, Geadis Geadi, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jipprevedu mekkaniżmu ***indipendenti*** għall-monitoraġġ ***tar-rispett tad-drittijiet fundamentali matul l-operazzjonijiet*** ta' tneħħija. L-Istati Membri għandhom ***jgħammru*** l-mekkaniżmu ta' monitoraġġ ***indipendenti b'mezzi*** xierqa.	1. L-Istati Membri għandhom jipprevedu mekkaniżmu għall-monitoraġġ ***tal-effettività, l-effiċjenza u l-ħeffa tal-operazzjonijiet*** ta' tneħħija. L-Istati Membri għandhom ***jiżguraw li*** l-mekkaniżmu ta' monitoraġġ ***ikollu aċċess għal mezzi*** xierqa.

Or. en

Emenda 1122
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(a) jimmonitorjaw il-konformità mad-dritt tal-Unjoni u dak internazzjonali, inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, b'mod partikolari fir-rigward tal-prinċipju ta' non-refoulement, l-aħjar interessi tat-tfal u r-regoli rilevanti dwar id-detenzjoni; u

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-lingwaġġ tal-Artikolu 15 ittejjeb b'referenza għall-mekkaniżmi ta' monitoraġġ stabbiliti skont il-Patt, b'mod partikolari, l-Artikolu 10 tar-Regolament dwar l-Iskrinjar.

Emenda 1123
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(b) jiżguraw li allegazzjonijiet sostanzjati ta' nuqqas ta' rispett għad-drittijiet fundamentali fl-attivitajiet rilevanti kollha marbuta mal-proċess ta' ritorn jiġu indirizzati b'mod effettiv u mingħajr dewmien żejjed, u jiskattaw, meta jkun meħtieġ, investigazzjonijiet ta' dawn l-allegazzjonijiet u jimmonitorjaw il-progress ta' dawn l-investigazzjonijiet. ***Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti għandu jkopri l-attivitajiet kollha mwettqa mill-Istati Membri li jimplimentaw dan ir-Regolament. Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti għandu jkollu s-setgħa li joħroġ rakkomandazzjonijiet annwali lill-Istati Membri. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu salvagwardji adegwati biex jiggarantixxu l-indipendenza tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ***

independenti. L-Ombudspersons Nazzjonali u l-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi l-mekkaniżmi preventivi nazzjonali stabbiliti skont il-Protokoll Fakultattiv għall-Konvenzjoni kontra t-Tortura u t-Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra, adottat fit-18 ta' Diċembru 2002 fis-57 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti bir-riżoluzzjoni A/RES/57/199 ("OPCAT"), għandhom jipparteċipaw fl-operat tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti u jistgħu jinħatru biex iwettqu l-kompiti kollha tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti jew parti minnhom. Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti jista' jinvolvi wkoll organizzazzjonijiet internazzjonali u mhux governattivi rilevanti u korpi pubbliċi indipendenti mill-awtoritajiet li jwettqu l-iskrinjar. Sakemm waħda jew aktar minn dawk l-istituzzjonijiet, organizzazzjonijiet jew korpi ma jkunux direttament involuti fil-mekkaniżmu ta' monitoraġġ independenti, il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ independenti għandu jistabbilixxi u jżomm rabtiet mill-qrib magħhom. Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ independenti għandu jistabbilixxi u jżomm rabtiet mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tad-data u mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament mal-Artikolu 10 tar-Regolament dwar l-Iskrinjar.

Emenda 1124
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu salvagwardji xierqa biex jiżguraw l-indipendenza tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti. L-ombudsmen nazzjonali jew id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-mekkaniżmu nazzjonali ta' prevenzjoni previst fil-Protokoll Fakultattiv għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-Tortura u t-Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra tal-1984, għandhom jipparteċipaw fil-funzjonament tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti u jistgħu jinħatru biex iwettqu l-funzjonijiet kollha tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti jew parti minnhom.

Or. en

Emenda 1125
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti jista' jinvolvi wkoll il-parteċipazzjoni ta' organizzazzjonijiet internazzjonali u mhux governattivi u korpi pubbliċi rilevanti li huma indipendenti mill-awtoritajiet li jwettqu l-proċedura ta' ritorn. Sa fejn waħda jew aktar minn dawk l-istituzzjonijiet, l-organizzazzjonijiet jew l-entitajiet ma jipparteċipawx direttament fil-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti, il-mekkaniżmu għandu jistabbilixxi u jżomm rabtiet mill-qrib magħhom. Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti għandu jistabbilixxi u jżomm rabtiet mill-

qrib mal-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-data u mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.

Or. en

Emenda 1126
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1c. L-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali għandha tippubblika linji gwida ġenerali għall-Istati Membri dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' monitoraġġ u l-funzjonament indipendenti tiegħu. L-Istati Membri jistgħu jitolbu l-appoġġ tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali għall-iżvilupp tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti tagħhom, inklużi s-salvagwardji għall-indipendenza tagħha, kif ukoll il-metodoloġija ta' monitoraġġ u skemi ta' taħriġ xierqa.

Or. en

Emenda 1127
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***1d. Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti għandu jiżgura li l-proċeduri ta' monitoraġġ tiegħu jinkorporaw perspettiva sensittiva għall-ġeneru u jinkludu protokolli speċifiċi għall-identifikazzjoni u l-indirizzar tal-ksur ibbażat fuq il-ġeneru. Il-korp ta'**

	monitoraġġ indipendenti għandu jinkludi esperti mħarrġa fl-identifikazzjoni tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru, l-isfruttament, u ksur ieħor tad-drittijiet li jaffettwa lin-nisa u lill-bniet.

Or. en

Emenda 1128
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti għandu jagħżel l-operazzjonijiet ta' tneħħija biex jimmonitorja abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju u jwettaq l-attivitajiet tiegħu fuq il-bażi ta' eżami dokumentarju u kontrolli fuq il-post li jistgħu ma jkunux imħabbra. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-korp ta' monitoraġġ minn qabel dwar l-operazzjonijiet ta' tneħħija li jkunu ġejjin u jiżguraw aċċess għall-postijiet rilevanti.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1129
Ana Miguel Pedro

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti għandu jagħżel l-operazzjonijiet ta' tneħħija biex jimmonitorja abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju u jwettaq l-attivitajiet tiegħu fuq il-	***imħassar***

bażi ta' eżami dokumentarju u kontrolli fuq il-post li jistgħu ma jkunux imħabbra. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-korp ta' monitoraġġ minn qabel dwar l-operazzjonijiet ta' tneħħija li jkunu ġejjin u jiżguraw aċċess għall-postijiet rilevanti.

Or. en

Emenda 1130
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti għandu jagħżel l-operazzjonijiet ta' tneħħija biex jimmonitorja abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju u jwettaq l-attivitajiet tiegħu fuq il-bażi ta' eżami dokumentarju u kontrolli fuq il-post li jistgħu ma jkunux imħabbra. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw*** lill-***korp*** ta' monitoraġġ ***minn qabel*** dwar l-operazzjonijiet ta' tneħħija li jkunu ġejjin u ***jiżguraw*** aċċess għall-postijiet rilevanti.	2. ***L-Istat Membru jista' jinforma lill-mekkaniżmu*** ta' monitoraġġ dwar l-operazzjonijiet ta' tneħħija li jkunu ġejjin u ***jagħtu*** aċċess għall-postijiet rilevanti ***u jagħtu aċċess biss lil persuni li jaġixxu f'isem il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ u li rċevew l-approvazzjoni tas-sigurtà meħtieġa f'konformità mad-dritt nazzjonali***.

Or. en

Emenda 1131
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti għandu jagħżel ***l-operazzjonijiet ta' tneħħija*** biex jimmonitorja abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju u jwettaq l-attivitajiet tiegħu fuq il-	2. Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti għandu jagħżel ***il-proċeduri ta' ritorn*** biex jimmonitorja abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju u jwettaq l-attivitajiet tiegħu fuq il-bażi ta' kontrolli

bażi ta' ***eżami dokumentarju u*** kontrolli fuq il-post li jistgħu ma jkunux imħabbra. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-korp ta' monitoraġġ minn qabel dwar l-operazzjonijiet ta' tneħħija li jkunu ġejjin u jiżguraw aċċess għall-postijiet rilevanti.

fuq il-post li jistgħu ma jkunux imħabbra***. Dawn il-kontrolli jistgħu jiġu kkomplementati minn analiżi mhux fuq il-post***. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-korp ta' monitoraġġ minn qabel dwar l-operazzjonijiet ta' tneħħija li jkunu ġejjin u jiżguraw aċċess għall-postijiet rilevanti.

Or. en

Emenda 1132
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti għandu jagħżel l-operazzjonijiet ta' ***tneħħija*** biex jimmonitorja abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju u jwettaq l-attivitajiet tiegħu fuq il-bażi ta' eżami dokumentarju u kontrolli fuq il-post li ***jistgħu*** ma ***jkunux*** imħabbra. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-korp ta' monitoraġġ minn qabel dwar l-operazzjonijiet ta' ***tneħħija*** li jkunu ġejjin u jiżguraw aċċess ***għall-postijiet*** rilevanti.	2. Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti għandu jagħżel l-operazzjonijiet ta' ***ritorn*** biex jimmonitorja abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju u jwettaq l-attivitajiet tiegħu fuq il-bażi ta' eżami dokumentarju u kontrolli fuq il-post li ma ***għandhomx ikunu*** imħabbra. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-korp ta' monitoraġġ minn qabel dwar l-operazzjonijiet ta' ***ritorn*** li jkunu ġejjin u jiżguraw aċċess ***għall-persuni, id-dokumenti u l-postijiet*** rilevanti.

Or. en

Emenda 1133
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Mariusz Kamiński, Nicolas Bay, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Sebastian Tynkkynen, Geadis Geadi, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti għandu jagħżel l-operazzjonijiet ta' tneħħija biex***	2. L-Istati Membri ***jistgħu*** jinfurmaw ***lill-mekkaniżmu*** ta' monitoraġġ dwar l-operazzjonijiet ta' tneħħija li jkunu ġejjin u

jimmonitorja abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju u jwettaq l-attivitajiet tiegħu fuq il-bażi ta' eżami dokumentarju u kontrolli fuq il-post li jistgħu ma jkunux imħabbra. L-Istati Membri ***għandhom*** jinfurmaw ***lill-korp*** ta' monitoraġġ ***minn qabel*** dwar l-operazzjonijiet ta' tneħħija li jkunu ġejjin u ***jiżguraw*** aċċess għall-postijiet rilevanti.

jagħtu aċċess għall-postijiet rilevanti ***lil persuni li jaġixxu f'isem il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ li jkunu rċevew approvazzjoni tas-sigurtà xierqa maħruġa minn awtorità kompetenti f'konformità mad-dritt nazzjonali***.

Or. en

Emenda 1134
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti għandu jagħżel ***l-operazzjonijiet*** ta' tneħħija biex jimmonitorja abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju u jwettaq l-attivitajiet tiegħu fuq il-bażi ta' eżami dokumentarju u kontrolli fuq il-post li jistgħu ma jkunux imħabbra. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw ***lill-korp*** ta' monitoraġġ minn qabel dwar l-operazzjonijiet ta' tneħħija li jkunu ġejjin ***u jiżguraw aċċess għall-postijiet rilevanti***.	2. Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti għandu jagħżel ***operazzjonijiet*** ta' tneħħija biex jimmonitorja abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju u jwettaq l-attivitajiet tiegħu fuq il-bażi ta' eżami dokumentarju u kontrolli fuq il-post li jistgħu ma jkunux imħabbra. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw ***lill-mekkaniżmu*** ta' monitoraġġ ***indipendenti*** minn qabel dwar l-operazzjonijiet ta' tneħħija li jkunu ġejjin.

Or. en

Emenda 1135
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Birgit Sippel, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-mekkaniżmu ta' monitoraġġ

indipendenti aċċess għall-postijiet rilevanti kollha, inklużi l-faċilitajiet ta' detenzjoni, l-individwi u d-dokumenti, sa fejn dan l-aċċess ikun meħtieġ biex il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti jkun jista' jissodisfa l-obbligi stabbiliti f'dan l-Artikolu. L-aċċess għal postijiet rilevanti jew informazzjoni klassifikata għandu jingħata biss lil persuni li jaġixxu f'isem il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti u li jkunu rċevew approvazzjoni tas-sigurtà xierqa maħruġa minn awtorità kompetenti f'konformità mad-dritt nazzjonali.

Or. en

Emenda 1136
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Istati Membri għandhom jestendu l-forniment ta' mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti biex jimmonitorjaw ir-rispett tad-drittijiet fundamentali matul il-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera.

Or. en

Emenda 1137
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Mariusz Kamiński, Nicolas Bay, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Sebastian Tynkkynen, Geadis Geadi, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Allegazzjonijiet sostanzjati ta' nuqqas ta' rispett tad-drittijiet	***imħassar***

fundamentali matul l-operazzjonijiet ta' tneħħija għandhom jiġu kkomunikati lill-awtorità nazzjonali kompetenti mill-mekkaniżmu ta' monitoraġġ. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jittrattaw dawn l-allegazzjonijiet b'mod effettiv u mingħajr dewmien żejjed.

Or. en

Emenda 1138
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Allegazzjonijiet sostanzjati ta' nuqqas ta' rispett tad-drittijiet fundamentali matul l-operazzjonijiet ta' tneħħija għandhom jiġu kkomunikati lill-awtorità nazzjonali kompetenti mill-mekkaniżmu ta' monitoraġġ. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jittrattaw dawn l-allegazzjonijiet b'mod effettiv u mingħajr dewmien żejjed.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1139
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Allegazzjonijiet sostanzjati ta' nuqqas ta' rispett tad-drittijiet fundamentali matul l-operazzjonijiet ta' ***tneħħija*** għandhom jiġu kkomunikati lill-awtorità nazzjonali kompetenti mill-mekkaniżmu ta' monitoraġġ. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jittrattaw dawn l-allegazzjonijiet	3. Allegazzjonijiet sostanzjati ta' nuqqas ta' rispett tad-drittijiet fundamentali matul l-operazzjonijiet ta' ***ritorn*** għandhom jiġu kkomunikati lill-awtorità nazzjonali kompetenti ***permezz tal-istabbiliment ta' mekkaniżmu tal-ilmenti kunfidenzjali, li jqis is-sitwazzjoni tat-tfal***

b’mod effettiv u mingħajr dewmien żejjed.	***u sensittiv għall-ġeneru*** mill-mekkaniżmu ta’ monitoraġġ. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jittrattaw dawn l-allegazzjonijiet b’mod effettiv u mingħajr dewmien żejjed. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw, meta jkun xieraq, riferiment għall-finijiet tal-bidu ta’ proċedimenti ġudizzjarji ċivili jew kriminali f’każijiet ta’ ksur jew ksur tad-drittijiet fundamentali, f’konformità mad-dritt nazzjonali.***

Or. en

Emenda 1140
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Allegazzjonijiet sostanzjati ta’ nuqqas ta’ rispett tad-drittijiet fundamentali matul ***l-operazzjonijiet ta’ tneħħija*** għandhom jiġu kkomunikati lill-awtorità nazzjonali kompetenti mill-mekkaniżmu ta’ monitoraġġ. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ***jittrattaw*** dawn l-allegazzjonijiet b’mod effettiv u mingħajr dewmien żejjed.	3. ***Il-mekkaniżmu ta’ monitoraġġ għandu jistabbilixxi u jżomm mekkaniżmu għall-ilmenti kunfidenzjali, adattat għat-tfal u sensittiv għall-ġeneru.*** Allegazzjonijiet sostanzjati ta’ nuqqas ta’ rispett tad-drittijiet fundamentali matul ***il-proċedura ta’ ritorn*** għandhom jiġu kkomunikati lill-awtorità nazzjonali kompetenti mill-mekkaniżmu ta’ monitoraġġ. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ***jinvestigaw*** dawn l-allegazzjonijiet b’mod effettiv u mingħajr dewmien żejjed***, u għandhom jiżguraw konsegwenzi xierqa f’konformità mad-dritt nazzjonali***.

Or. en

Emenda 1141
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Mariusz Kamiński, Nicolas Bay, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Sebastian Tynkkynen, Geadis Geadi, Assita Kanko

Proposta għal regolament

Artikolu 15 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Allegazzjonijiet sostanzjati ta' nuqqas ta' ***rispett tad-drittijiet fundamentali matul l-operazzjonijiet*** ta' tneħħija għandhom jiġu kkomunikati lill-awtorità nazzjonali kompetenti mill-mekkaniżmu ta' monitoraġġ. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jittrattaw dawn l-allegazzjonijiet b'mod effettiv u mingħajr dewmien żejjed.	3. Allegazzjonijiet sostanzjati ta' nuqqas ta' ***implimentazzjoni rapida u effettiva tal-operazzjonijiet*** ta' tneħħija għandhom jiġu kkomunikati lill-awtorità nazzjonali kompetenti mill-mekkaniżmu ta' monitoraġġ. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jittrattaw dawn l-allegazzjonijiet b'mod effettiv u mingħajr dewmien żejjed.

Or. en

Emenda 1142
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Allegazzjonijiet sostanzjati ta' nuqqas ta' rispett tad-drittijiet fundamentali matul l-operazzjonijiet ta' tneħħija għandhom jiġu kkomunikati lill-awtorità nazzjonali kompetenti ***mill-mekkaniżmu ta' monitoraġġ***. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jittrattaw dawn l-allegazzjonijiet b'mod effettiv u mingħajr dewmien żejjed.	3. Allegazzjonijiet sostanzjati ta' nuqqas ta' rispett tad-drittijiet fundamentali matul l-operazzjonijiet ta' tneħħija għandhom jiġu kkomunikati lill-awtorità nazzjonali kompetenti. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jittrattaw dawn l-allegazzjonijiet b'mod effettiv u mingħajr dewmien żejjed.

Or. en

Emenda 1143
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

3a. Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-mekkaniżmu ta' monitoraġġ għall-fini ta' monitoraġġ tal-iskrinjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni kif stabbilit fl-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2024/1356, għall-monitoraġġ tal-proċedura fuq il-fruntiera kif stabbilit fl-Artikolu 43, il-paragrafu 4 tar-Regolament (UE) 2024/1348, u għar-rwol tal-osservaturi tad-drittijiet fundamentali fil-monitoraġġ tar-rispett tad-drittijiet fundamentali fl-attivitajiet kollha tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta kif stabbilit fl-Artikolu 80 tar-Regolament (UE) 2019/1896.

Or. en

Emenda 1144
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti għandu jingħata s-setgħa li jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri u għandu jippubblika rapport annwali dwar l-attivitajiet u s-sejbiet tiegħu.

Or. en

Emenda 1145
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti għandu jippubblika rapporti dwar l-attivitajiet u s-sejbiet tiegħu relatati mal-operazzjonijiet ta' ritorn.

Or. en

Emenda 1146
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3b. L-Istati Membri għandhom jestendu l-mandat tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti biex jippermettu l-monitoraġġ tar-rispett tad-drittijiet fundamentali matul il-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera.

Or. en

Emenda 1147
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3b. L-Istati Membri għandhom jgħammru l-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti msemmi fil-paragrafu 1 b'mezzi finanzjarji xierqa.

Or. en

Emenda 1148

Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 16	***imħassar***
Ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jippreżentaw riskji għas-sigurtà	
1. Dan l-Artikolu għandu japplika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi meta:	
a. ikunu ta' theddida għall-ordni pubbliku, għas-sigurtà pubblika jew għas-sigurtà nazzjonali;	
b. ikun hemm raġunijiet serji biex wieħed jemmen li jkunu wettqu reat kriminali serju kif imsemmi fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/JHA[27] ;	
c. ikun hemm indikazzjonijiet ċari tal-intenzjoni tiegħu li jwettaq reat skont il-punt (b) ta' dan il-paragrafu fit-territorju ta' Stat Membru.	
2. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu soġġetti għal tneħħija f'konformità mal-Artikolu 12.	
3. B'deroga mid-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu jistgħu jkunu:	
a. soġġetti għal projbizzjoni fuq id-dħul maħruġa f'konformità mal-Artikolu 10 li taqbeż id-durata massima msemmija fl-Artikolu 10(6) b'perjodu massimu addizzjonali ta' 10 snin;	
b. Ikkalkulat skont l-Artikolu 29(3), il-punt (c);	
c. miżmum fil-ħabsijiet u jinżamm separat mill-priġunieri ordinarji;	
d. soġġett għal detenzjoni għal perjodu li jaqbeż it-tul massimu msemmi fl-Artikolu	

32(3) u li jiġi ddeterminat minn awtorità ġudizzjarja li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ individwali, u li jkun soġġett għal rieżami minn awtorità ġudizzjarja mill-inqas kull tliet xhur.

4. B'deroga mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28(2) u (3), l-infurzar ta' deċiżjoni ta' ritorn maħruġa lil ċittadin ta' pajjiż terz li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu ma għandux jiġi sospiż sakemm ma jkunx hemm riskju ta' ksur tal-prinċipju ta' non-refoulement.

---

[27] Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/JHA tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri - Dikjarazzjonijiet li saru minn ċerti Stati Membri dwar l-adozzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru (ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_framw/2002/584/oj).

Or. en

Emenda 1149
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 16	***imħassar***
Ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jippreżentaw riskji għas-sigurtà	
1. Dan l-Artikolu għandu japplika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi meta:	
a. ikunu ta' theddida għall-ordni pubbliku, għas-sigurtà pubblika jew għas-sigurtà nazzjonali;	

b. ikun hemm raġunijiet serji biex wieħed jemmen li jkunu wettqu reat kriminali serju kif imsemmi fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/JHA[27] ;

c. ikun hemm indikazzjonijiet ċari tal-intenzjoni tiegħu li jwettaq reat skont il-punt (b) ta' dan il-paragrafu fit-territorju ta' Stat Membru.

2. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu soġġetti għal tneħħija f'konformità mal-Artikolu 12.

3. B'deroga mid-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu jistgħu jkunu:

a. soġġetti għal projbizzjoni fuq id-dħul maħruġa f'konformità mal-Artikolu 10 li taqbeż id-durata massima msemmija fl-Artikolu 10(6) b'perjodu massimu addizzjonali ta' 10 snin;

b. Ikkalkulat skont l-Artikolu 29(3), il-punt (c);

c. miżmum fil-ħabsijiet u jinżamm separat mill-priġunieri ordinarji;

d. soġġett għal detenzjoni għal perjodu li jaqbeż it-tul massimu msemmi fl-Artikolu 32(3) u li jiġi ddeterminat minn awtorità ġudizzjarja li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ individwali, u li jkun soġġett għal rieżami minn awtorità ġudizzjarja mill-inqas kull tliet xhur.

4. B'deroga mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28(2) u (3), l-infurzar ta' deċiżjoni ta' ritorn maħruġa lil ċittadin ta' pajjiż terz li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu ma għandux jiġi sospiż sakemm ma jkunx hemm riskju ta' ksur tal-prinċipju ta' non-refoulement.

---

[27] Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill

2002/584/JHA tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri - Dikjarazzjonijiet li saru minn ċerti Stati Membri dwar l-adozzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru (ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_framw/2002/584/oj).

Or. en

Emenda 1150
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jippreżentaw ***riskji*** għas-sigurtà	Ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jippreżentaw ***riskju*** għas-sigurtà ***interna***

Or. en

Emenda 1151
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jippreżentaw riskji għas-sigurtà	***Tneħħija*** ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jippreżentaw riskji għas-sigurtà

Or. en

Emenda 1152
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Dan l-Artikolu għandu japplika għal*** ċittadini ta' pajjiżi terzi ***meta:***	1. Ċittadini ta' pajjiżi terzi ***li huma soġġetti għal deċiżjoni ta' ritorn u li, abbażi ta' valutazzjoni individwali, huma kkunsidrati bħala theddida għall-ordni pubbliku, is-sigurtà interna, is-saħħa pubblika jew ir-relazzjonijiet internazzjonali ta' kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri għandhom ikunu soġġetti għal tneħħija f'konformità mal-Artikolu 13.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-lingwaġġ huwa allinjat mar-raġunijiet għar-rifjut tad-dħul stabbiliti fil-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen. Dan huwa l-aħjar parallel għad-deċiżjonijiet ta' ritorn. Dejjem għandu jkun hemm valutazzjoni individwali.

Emenda 1153
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan l-Artikolu għandu japplika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi meta:	1. Dan l-Artikolu għandu japplika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi ***inkluż il-minorenni mhux akkumpanjati*** meta:

Or. fr

Emenda 1154
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. ikunu ta' theddida għall-ordni pubbliku, għas-sigurtà pubblika jew għas-sigurtà nazzjonali;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1155
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. ikun hemm raġunijiet serji biex wieħed jemmen li jkunu wettqu reat kriminali serju kif imsemmi fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/JHA[27] ;	***imħassar***

[27] Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/JHA tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri - Dikjarazzjonijiet li saru minn ċerti Stati Membri dwar l-adozzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru (ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_framw/2002/584/oj).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan diġà huwa kopert fil-punt a.

Emenda 1156
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Mariusz Kamiński, Nicolas Bay, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Sebastian Tynkkynen, Geadis Geadi, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. ikun hemm ***raġunijiet serji biex wieħed jemmen*** li jkunu wettqu reat kriminali serju kif imsemmi fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill ***2002/584/JHA***[27];	b. ikun hemm ***indikazzjonijiet li*** jkunu wettqu reat kriminali serju kif imsemmi fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill ***2002/584/JHA1 jew ikunu wettqu reat li jġorr piena li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà ta' mill-inqas 3 xhur skont id-dritt nazzjonali***;
[27] Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/JHA tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri - Dikjarazzjonijiet li saru minn ċerti Stati Membri dwar l-adozzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru (ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_framw/2002/584/oj).	

Or. en

Emenda 1157
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. ikun hemm raġunijiet serji biex wieħed jemmen li jkunu wettqu reat kriminali serju kif imsemmi fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/JHA[27];	b. ikun hemm raġunijiet serji biex wieħed jemmen li jkunu wettqu ***jew iffaċilitaw*** reat kriminali serju kif imsemmi fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/JHA[27];
[27] Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/JHA tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri -	[27] Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/JHA tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri -

Dikjarazzjonijiet li saru minn ċerti Stati Membri dwar l-adozzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru (ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_framw/2002/584/oj).

Dikjarazzjonijiet li saru minn ċerti Stati Membri dwar l-adozzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru (ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_framw/2002/584/oj).

Or. en

Emenda 1158
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. ikun hemm ***raġunijiet serji*** biex wieħed jemmen li jkunu wettqu reat kriminali serju kif imsemmi fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/JHA[27];	b. ikun hemm ***indikazzjonijiet ċari*** biex wieħed jemmen li jkunu wettqu reat kriminali serju kif imsemmi fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/JHA[27];
[27] Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/JHA tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri - Dikjarazzjonijiet li saru minn ċerti Stati Membri dwar l-adozzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru (ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_framw/2002/584/oj).	[27] Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/JHA tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri - Dikjarazzjonijiet li saru minn ċerti Stati Membri dwar l-adozzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru (ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_framw/2002/584/oj).

Or. en

Emenda 1159
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. ikun hemm raġunijiet ***serji*** biex	b. ikun hemm raġunijiet biex wieħed

wieħed jemmen li jkunu wettqu reat kriminali serju kif imsemmi fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/JHA[27];	jemmen li jkunu wettqu reat kriminali serju kif imsemmi fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/JHA[27];
[27] Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/JHA tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri - Dikjarazzjonijiet li saru minn ċerti Stati Membri dwar l-adozzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru (ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_framw/2002/584/oj).	[27] Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/JHA tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri - Dikjarazzjonijiet li saru minn ċerti Stati Membri dwar l-adozzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru (ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_framw/2002/584/oj).

Or. en

Emenda 1160
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ba. ikun hemm indikazzjonijiet li l-persuna hija involuta fi kwalunkwe wieħed mir-reati msemmija fid-Direttiva (UE) 2017/541 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

Or. en

Emenda 1161
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c. ikun hemm indikazzjonijiet ċari tal-intenzjoni tiegħu li jwettaq reat skont	***imħassar***

il-punt (b) ta' dan il-paragrafu fit-territorju ta' Stat Membru.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan diġà huwa kopert fil-punt a.

Emenda 1162
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c. ikun hemm indikazzjonijiet ċari tal-intenzjoni tiegħu li jwettaq reat skont il-punt (b) ta' dan il-paragrafu fit-territorju ta' Stat Membru.	c. ikun hemm indikazzjonijiet ċari tal-intenzjoni tiegħu li jwettaq ***jew jiffaċilita*** reat skont il-punt (b) ta' dan il-paragrafu fit-territorju ta' Stat Membru.

Or. en

Emenda 1163
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c. ikun hemm indikazzjonijiet ***ċari*** tal-intenzjoni tiegħu li jwettaq reat skont il-punt (b) ta' dan il-paragrafu fit-territorju ta' Stat Membru.	c. ikun hemm indikazzjonijiet tal-intenzjoni tiegħu li jwettaq reat skont il-punt (b) ta' dan il-paragrafu fit-territorju ta' Stat Membru.

Or. en

Emenda 1164
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c. ikun hemm indikazzjonijiet ***ċari*** tal-intenzjoni tiegħu li jwettaq reat skont il-punt (b) ta' dan il-paragrafu fit-territorju ta' Stat Membru.	c. ikun hemm indikazzjonijiet ***raġonevoli*** tal-intenzjoni tiegħu li jwettaq reat skont il-punt (b) ta' dan il-paragrafu fit-territorju ta' Stat Membru.

Or. en

Emenda 1165
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1- punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ca. ikun wettaq reat li jġorr piena li hija punibbli b'sentenza ta' mill-inqas sentejn ħabs

Or. en

Emenda 1166
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1- punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ca. ikun wettaq reat li jġorr piena li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà skont id-dritt nazzjonali;

Or. en

Emenda 1167
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ca. ikun hemm indikazzjonijiet li dan jippreżenta kwalunkwe theddida oħra għas-sigurtà kif identifikata skont id-dritt nazzjonali.

Or. en

Emenda 1168
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ca. ikun instab ħati ta' reat kriminali f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali;

Or. en

Emenda 1169
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	cb. ikun hemm indikazzjonijiet ċari li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz huwa involut f'attivitajiet li jinċitaw, jappoġġaw, jew iħejju għal atti ta' estremiżmu vjolenti jew terroriżmu;

Or. en

Emenda 1170
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	cb. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun ċittadin ta' pajjiż elenkat fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2024/1348;

Or. en

Emenda 1171
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	cb. ikunu reċidiv ta' kriminalità ta' livell baxx;

Or. en

Emenda 1172
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt cc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	cc. ikun hemm raġunijiet kredibbli biex wieħed jemmen li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun involut f'imġiba li tkun ta' theddida għall-interessi fundamentali jew għall-ordni kostituzzjonali ta' Stat Membru.

Or. en

Emenda 1173
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt cc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	cc. l-Istat Membru jqis li huwa meħtieġ, kif previst fid-dritt nazzjonali, għal raġunijiet għajr dawk elenkati fis-subparagrafu (a) sa (e).

Or. en

Emenda 1174
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-Istati Membri jistgħu, f'konformità mad-dritt nazzjonali tagħhom, jistabbilixxu raġunijiet addizzjonali għall-identifikazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz bħala persuna li tippreżenta riskju għas-sigurtà.

Or. en

Emenda 1175
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu ***soġġetti għal***	2. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu ***jingħataw***

tneħħija f'konformità mal-Artikolu 12.	***prijorità għal*** tneħħija f'konformità mal-Artikolu 12. ***L-Istati Membri għandhom ineħħu liċ-ċittadin ta' pajjiż terz mingħajr dewmien żejjed.***

Or. en

Emenda 1176
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu soġġetti għal tneħħija f'konformità mal-Artikolu 12.	2. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu soġġetti għal tneħħija f'konformità mal-Artikolu 12***, bl-eċċezzjoni tal-paragrafi 3, 4 u 6, li ma japplikawx għalihom***.

Or. fr

Emenda 1177
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu soġġetti għal tneħħija ***f'konformità mal-Artikolu 12***.	2. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu soġġetti għal tneħħija.

Or. en

Emenda 1178
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu soġġetti għal tneħħija ***f'konformità mal-Artikolu 12***.	2. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu soġġetti għal tneħħija.

Or. en

Emenda 1179
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Id-deċiżjonijiet ta' ritorn li jikkonċernaw ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu jistgħu jiġu ttrattati u eżegwiti bħala kwistjoni ta' prijorità.

Or. en

Emenda 1180
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. B'deroga mid-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu ***jistgħu jkunu***:	3. B'deroga mid-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu ***għandhom ikunu***:

Or. en

Emenda 1181
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. soġġetti għal projbizzjoni fuq id-dħul maħruġa f'konformità mal-Artikolu 10 li taqbeż id-durata massima msemmija fl-Artikolu 10(6) b'perjodu massimu addizzjonali ta' 10 snin;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1182
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. soġġetti għal projbizzjoni fuq id-dħul maħruġa f'konformità mal-Artikolu 10 li taqbeż id-durata massima msemmija fl-Artikolu 10(6) b'perjodu massimu addizzjonali ta' 10 snin;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Imħassar biex tiġi żgurata konsistenza mal-Artikolu 10.

Emenda 1183
Rasa Juknevičienė

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. soġġetti għal projbizzjoni fuq id-dħul maħruġa f'konformità mal-Artikolu 10 li taqbeż id-durata massima msemmija fl-Artikolu 10(6) ***b'perjodu massimu addizzjonali ta' 10 snin***;	a. soġġetti għal projbizzjoni fuq id-dħul maħruġa f'konformità mal-Artikolu 10 li taqbeż id-durata massima msemmija fl-Artikolu 10(6) ***jew projbizzjoni fuq id-dħul għal tul ta' żmien indefinit meta ġġustifikat u proporzjonat għar-riskju għas-sigurtà ppreżentat miċ-ċittadin ta' pajjiż terz***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tiżgura li l-Istati Membri jkollhom il-kapaċità li joħorġu projbizzjoni fuq id-dħul għal żmien indefinit f'każijiet li fihom ċittadin ta' pajjiż terz ikun ta' theddida serja u persistenti għas-sigurtà. Filwaqt li l-Artikoli 10(6) u 16(3) jillimitaw id-durata massima ta' projbizzjoni fuq id-dħul, ċerti każijiet li jinvolvu individwi b'riskju għoli jirrikjedu rispons preventiv aktar robust u fit-tul. Il-permess ta' projbizzjoni fuq id-dħul mingħajr data tat-tmiem fissa, meta debitament ġustifikata u proporzjonata, jipprovdi lill-Istati Membri l-flessibbiltà meħtieġa biex jindirizzaw sitwazzjonijiet li fihom ir-riskju għas-sigurtà x'aktarx li ma jonqosx f'perjodu ta' żmien prevedibbli. Il-possibbiltà li tiġi imposta projbizzjoni fuq id-dħul indefinita tibqa' strettament kundizzjonali fuq valutazzjoni individwalizzata, ir-rispett għad-drittijiet u s-salvagwardji fundamentali, u rieżami perjodiku skont id-dritt nazzjonali biex jiġi żgurat li l-miżura ma tippersistix aktar mit-theddida sottostanti. Dan l-approċċ isaħħaħ il-protezzjoni tas-sigurtà interna filwaqt li jżomm konformità sħiħa mal-prinċipji tal-ħtieġa u tal-proporzjonalità.

Emenda 1184
Ana Miguel Pedro

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. soġġetti għal projbizzjoni fuq id-dħul maħruġa f'konformità mal-Artikolu 10 li taqbeż id-durata massima msemmija fl-Artikolu 10(6) ***b'perjodu massimu addizzjonali ta' 10 snin***;	a. soġġetti għal projbizzjoni fuq id-dħul maħruġa f'konformità mal-Artikolu 10 li taqbeż id-durata massima msemmija fl-Artikolu 10(6) ***jew projbizzjoni fuq id-dħul għal tul ta' żmien indefinit meta ġġustifikat u proporzjonat għar-riskju għas-sigurtà ppreżentat miċ-ċittadin ta' pajjiż terz***;

Or. en

Emenda 1185
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. soġġetti għal projbizzjoni fuq id-dħul maħruġa f'konformità mal-Artikolu 10 li taqbeż id-durata massima msemmija fl-Artikolu 10(6) ***b'perjodu massimu addizzjonali ta' 10 snin***;	a. soġġetti għal projbizzjoni fuq id-dħul maħruġa f'konformità mal-Artikolu 10 li taqbeż id-durata massima msemmija fl-Artikolu 10(6) ***jew projbizzjoni fuq id-dħul għal tul ta' żmien indefinit meta ġġustifikat u proporzjonat għar-riskju għas-sigurtà ppreżentat miċ-ċittadin ta' pajjiż terz***;

Or. en

Emenda 1186
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. soġġetti għal projbizzjoni fuq id-dħul maħruġa f'konformità mal-Artikolu 10 ***li taqbeż id-durata massima msemmija fl-Artikolu 10(6) b'perjodu massimu addizzjonali ta' 10 snin;***	a. soġġetti għal projbizzjoni fuq id-dħul ***għall-għomor*** maħruġa f'konformità mal-Artikolu 10***(7).***

Or. fr

Emenda 1187
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. soġġetti għal projbizzjoni fuq id-	a. soġġetti għal projbizzjoni fuq id-

dħul maħruġa f'konformità mal-Artikolu 10 ***li taqbeż id-durata massima msemmija fl-Artikolu 10(6) b'perjodu massimu addizzjonali ta' 10 snin;***	dħul ***tul il-ħajja*** maħruġa f'konformità mal-Artikolu 10***.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dawk li jippreżentaw riskju għas-sigurtà qatt ma għandhom jerġgħu jiġu permessi fit-territorju tal-UE.

Emenda 1188
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. soġġetti għal projbizzjoni fuq id-dħul ***maħruġa f'konformità mal-Artikolu 10*** li taqbeż id-durata ***massima*** msemmija fl-Artikolu 10(6) ***b'perjodu massimu addizzjonali ta' 10 snin***;	a. soġġetti għal projbizzjoni ***inizjali*** fuq id-dħul li taqbeż id-durata msemmija fl-Artikolu 10(6);

Or. en

Emenda 1189
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c. miżmum fil-ħabsijiet u jinżamm separat mill-priġunieri ordinarji;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-liġi amministrattiva relatata mal-immigrazzjoni ma għandhiex twassal għal preżunzjoni ta' kriminalità. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu wettqu reati kriminali għandhom jitħarrku skont id-dritt kriminali tal-Istat Membru inkwistjoni. Dan huwa l-mod kif il-kriminali għandhom jiġu ttrattati.

Emenda 1190
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c. miżmum fil-ħabsijiet ***u jinżamm separat mill-priġunieri ordinarji***;	c. miżmum fil-ħabsijiet;

Or. en

Emenda 1191
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c. miżmum fil-ħabsijiet u jinżamm separat mill-priġunieri ordinarji;	c. miżmum fil-ħabsijiet ***jew f'faċilitajiet siguri*** u jinżamm separat mill-priġunieri ordinarji;

Or. en

Emenda 1192
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c. miżmum fil-ħabsijiet u jinżamm	c. miżmum fil-ħabsijiet u***, meta jkun***

separat mill-priġunieri ordinarji;	***possibbli,*** jinżamm separat mill-priġunieri ordinarji;

Or. en

Emenda 1193
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c. miżmum fil-ħabsijiet ***u jinżamm separat mill-priġunieri ordinarji;***	c. miżmum fil-ħabsijiet

Or. en

Emenda 1194
Ana Miguel Pedro

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c. miżmum fil-ħabsijiet ***u jinżamm separat mill-priġunieri ordinarji***;	c. miżmum fil-ħabsijiet;

Or. en

Emenda 1195
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
d. soġġett għal detenzjoni għal perjodu li jaqbeż it-tul massimu msemmi fl-Artikolu 32(3) u li jiġi ddeterminat	***imħassar***

minn awtorità ġudizzjarja li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ individwali, u li jkun soġġett għal rieżami minn awtorità ġudizzjarja mill-inqas kull tliet xhur.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-referenza tħassret għall-perjodi massimi ta' detenzjoni fl-Artikolu 32. Għalhekk tħassret hawnhekk għall-konsistenza.

Emenda 1196
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
d. soġġett għal detenzjoni għal perjodu li jaqbeż it-tul massimu msemmi fl-Artikolu 32(3) u li jiġi ddeterminat minn awtorità ġudizzjarja li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ individwali, u li jkun soġġett għal rieżami minn awtorità ġudizzjarja mill-inqas kull tliet xhur.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-liġi amministrattiva relatata mal-immigrazzjoni ma għandhiex twassal għal preżunzjoni ta' kriminalità. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu wettqu reati kriminali għandhom jitħarrku skont id-dritt kriminali tal-Istat Membru inkwistjoni. Dan huwa l-mod kif il-kriminali għandhom jiġu ttrattati.

Emenda 1197
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

d. soġġett għal detenzjoni għal ***perjodu*** li ***jaqbeż it-tul*** massimu msemmi fl-Artikolu 32(3) u li ***jiġi ddeterminat*** minn awtorità ***ġudizzjarja li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ individwali, u li jkun soġġett għal rieżami minn awtorità ġudizzjarja mill-inqas kull tliet xhur***.	d. soġġett għal detenzjoni għal ***perjodi addizzjonali*** li ***jaqbżu t-tul*** massimu msemmi fl-Artikolu 32(3) u li ***jiġu ddeterminati*** minn awtorità ***kompetenti***.

Or. en

Emenda 1198
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
d. soġġett għal detenzjoni għal perjodu li jaqbeż it-tul massimu msemmi fl-Artikolu 32(3) u li jiġi ddeterminat minn awtorità ġudizzjarja li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ individwali, u li jkun soġġett għal rieżami minn awtorità ***ġudizzjarja*** mill-inqas kull ***tliet*** xhur.	d. soġġett għal detenzjoni għal perjodu li jaqbeż it-tul massimu msemmi fl-Artikolu 32(3) u li jiġi ddeterminat minn awtorità ġudizzjarja li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ individwali, u li jkun soġġett għal rieżami minn awtorità ***kompetenti*** mill-inqas kull ***6*** xhur.

Or. en

Emenda 1199
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu jistgħu jkunu soġġetti għal projbizzjoni temporanja jew permanenti fuq id-dħul f'konformità mal-Artikolu 10(7)(a).

Or. en

Emenda 1200
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. B'deroga mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28(2) u (3), l-infurzar ta' deċiżjoni ta' ritorn maħruġa lil ċittadin ta' pajjiż terz li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu ma għandux jiġi sospiż sakemm ma jkunx hemm riskju ta' ksur tal-prinċipju ta' non-refoulement.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1201
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. B'deroga mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28(2) u (3), l-infurzar ta' deċiżjoni ta' ritorn maħruġa lil ċittadin ta' pajjiż terz li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu ma għandux jiġi sospiż sakemm ma jkunx hemm riskju ta' ksur tal-prinċipju ta' non-refoulement.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Konsistenza mal-Artikolu 28, meta l-appell ma jkollu l-ebda effett sospensiv.

Emenda 1202
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Mariusz Kamiński, Nicolas Bay, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Sebastian Tynkkynen, Geadis Geadi, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. B'deroga mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28(2) u (3), l-infurzar ta' deċiżjoni ta' ritorn maħruġa lil ċittadin ta' pajjiż terz li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu ma għandux jiġi sospiż sakemm ma jkunx hemm riskju ta' ksur tal-prinċipju ta' non-refoulement.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1203
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***B'deroga mid-dispożizzjonijiet*** tal-Artikolu 28(2) u (3), l-infurzar ta' deċiżjoni ta' ritorn maħruġa lil ċittadin ta' pajjiż terz li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu ma għandux jiġi sospiż ***sakemm ma jkunx hemm riskju ta' ksur tal-prinċipju ta' non-refoulement***.	4. ***B'applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet*** tal-Artikolu 28(2) u (3), l-infurzar ta' deċiżjoni ta' ritorn maħruġa lil ċittadin ta' pajjiż terz li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu ma għandux jiġi sospiż.

Or. fr

Emenda 1204
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***B'deroga mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28(2) u (3),*** l-infurzar ta' deċiżjoni ta' ritorn maħruġa lil ċittadin ta' pajjiż terz li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu ma għandux jiġi sospiż sakemm ma jkunx hemm riskju ta' ksur tal-prinċipju ta' non-refoulement.	4. L-infurzar ta' deċiżjoni ta' ritorn maħruġa lil ċittadin ta' pajjiż terz li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu ma għandux jiġi sospiż sakemm ma jkunx hemm riskju ta' ksur tal-prinċipju ta' non-refoulement.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 28(2) u (3) jipprovdi garanziji tad-dritt għal rimedju effettiv. Dawn id-drittijiet japplikaw għall-persuni kollha fl-UE, anke dawk meqjusa bħala riskju għas-sigurtà interna. Jista' jkun raġonevoli li jiġi indikat li l-unika raġuni li fuqha t-tneħħija fir-rigward ta' dawn il-persuni għandha tiġi sospiża hija riskju ta' ksur tal-prinċipju ta' non-refoulement. L-eżistenza ta' dan ir-riskju għandha tkun tista' tiġi eżaminata minn qorti skont l-Artikolu 28.

Emenda 1205
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Il-valutazzjonijiet tas-sigurtà mwettqa matul il-proċedura ta' ritorn jistgħu jibbażaw fuq kwalunkwe verifika tas-sigurtà preċedenti mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti fil-qafas ta' proċeduri oħra, inklużi l-ażil, il-viża, il-kontroll fil-fruntieri, jew il-proċeduri ta' skrinjar, u jqisuha.

Or. en